



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

10899/23

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0200 (COD)**

**CADREFIN 93
POLGEN 81
FIN 673
COEST 371
UA PLATFORM 6
ELARG 38
NDICI 17
RELEX 772
ECOFIN 638
CODEC 1198**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	21 ta' Ġunju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 338 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-istabbiliment tal-Faċilità tal-Ukrajna

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 338 final.

Mehmuż: COM(2023) 338 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.6.2023
COM(2023) 338 final

2023/0200 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-istabbiliment tal-Faċilità tal-Ukrajna

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Fl-24 ta' Frar 2022, ir-Russja bdiet invażjoni militari sħiħa tal-Ukrajna, b'konsegwenzi devastanti għall-Ukrajna u l-poplu tagħha. Aktar minn ħmistax-il xahar ta' ġlied intens, bumbardamenti qawwija tal-artillerija u attakki mill-ajru rriżultaw f'għadd kbir ta' vittmi ċivili u tbatija umana enormi. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kkawżat ħsara estensiva lill-infrastruttura u lis-servizzi madwar l-Ukrajna u l-qerda sħiħa ta' bliet u rħula f'xi partijiet tal-pajjiż. Il-kriżi umanitarja li rriżultat spustat miljuni ta' Ukreni minn djarhom u ħalliet ħafna fi bżonn iddisprat ta' ikel, kenn u assistenza medika. Sal-lum, l-attakki mill-ajru Russi qed ikomplu jattakkaw miri fil-pajjiż kollu. Se jgħaddu snin, jekk mhux għexieren ta' snin, biex titfejjaq it-trawma ta' din il-gwerra bla sens.

L-Unjoni Ewropea, flimkien mal-Istati Membri tagħha, uriet unità mingħajr preċedent fil-kundanna tal-azzjonijiet tar-Russja u fl-għoti ta' appoġġ lill-Ukrajna. L-UE, l-Istati Membri tagħha u l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Ewropej flimkien ipprovdew appoġġ wiesa' lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha, li jammonta għal EUR 70 biljun sa Mejju 2023. Dan jinkludi EUR 38 biljun f'appoġġ finanzjarju, appoġġ baġitarju u assistenza umanitarja¹, EUR 15-il biljun f'appoġġ militari, inkluż permezz tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi, u EUR 17-il biljun magħmula disponibbli mill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jgħinu jaqdu l-ħtiġijiet tan-nies li qed jaħarbu mill-gwerra. Barra minn hekk, il-Korsiji ta' Solidarjetà tal-UE stabbiliti f'Mejju 2022 kienu diġà pprovdew EUR 31 biljun fi dħul mill-esportazzjoni lill-Ukrajna sal-aħħar ta' Mejju 2023. L-Istati Membri tal-UE pprovdew ukoll protezzjoni temporanja għal madwar 4 miljun persuna li ħarbu mill-pajjiż mill-bidu tal-gwerra. Dan jirrifletti d-determinazzjoni soda tal-Unjoni li tgħin lill-Ukrajna għaż-żmien kollu li hemm bżonn.

Mill-bidu tal-gwerra, l-Unjoni imponiet ukoll sanzjonijiet bla preċedent kontra r-Russja, u żiedet ma' dawk imposti mill-UE wara l-annessjoni illegali tal-Krimea f'Marzu 2014. Għaddejja ħidma dwar l-użu possibbli ta' assi ffriżati biex jiġu appoġġati l-irkupru u r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna.

F'Marzu 2023, il-Bank Dinji flimkien mal-Gvern Ukren, il-Kummissjoni Ewropea u n-Nazzjonijiet Uniti ppreżentaw il-valutazzjoni aġġornata tad-danni li tkopri sena sħiħa tal-aggressjoni Russa mhux provokata kontra l-Ukrajna². Il-valutazzjoni sabet li l-ħtiġijiet kumplessivi stmati ta' rikostruzzjoni tal-Ukrajna matul l-10 snin li ġejjin jammontaw għal EUR 384 biljun, u għal EUR 142 biljun għall-perjodu 2023–2027. Għall-2023 biss, il-ħtiġijiet immedjati ta' rkupru rapidu kienu ta' EUR 13-il biljun għall-prioritajiet identifikati mill-Gvern tal-Ukrajna, filwaqt li titqies il-kapaċità ta' assorbiment tal-pajjiż. Dawn il-prioritajiet jinkludu r-restawr u t-tiswija tal-enerġija u infrastruttura kritika u soċjali oħra, l-akkomodazzjoni, it-tneħħija tal-mini għal skopijiet umanitarji, u l-appoġġ għas-settur privat.

F'Marzu 2023, il-Bord tal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) approva arranġament estiż ġdid li jkopri l-perjodu 2023–2027 taħt il-Faċilità ta' Fond Estiża ta' madwar EUR 14,5 biljun. Il-programm tal-FMI għandu l-għan li jankra politiki li jsostnu l-istabbiltà fiskali,

¹ Din iċ-ċifra tinkludi madwar EUR 7.8 biljun tal-assistenza pprovduta mill-Istati Membri (eskluż l-appoġġ militari) skont l-aħħar aġġornament fl-aħħar ta' Jannar 2023.

² Valutazzjoni Rapida tal-Ħsara u l-Ħtiġijiet (RDNA 2).

esterna, tal-prezzijiet u finanzjarja u jappoġġa l-irkupru ekonomiku, filwaqt li jsaħħaħ il-governanza u jsaħħaħ l-istituzzjonijiet biex jippromwovu t-tkabbir fit-tul fil-kuntest tar-rikostruzzjoni ta' wara l-gwerra u t-triq tal-Ukrajna lejn l-adeżjoni mal-UE.

L-Unjoni impenjat ruħha li jkollha rwol ewlieni fir-rikostruzzjoni tal-Ukrajna, u li tappoġġa l-investimenti meħtieġa għall-bini mill-ġdid tal-pajjiż u r-riformi li ser irawmu t-triq tal-adeżjoni tal-Ukrajna mal-UE³. Dawn ir-riformi gradwalment se jallinjaw il-leġislazzjoni tal-Ukrajna mal-*acquis* tal-Unjoni u jrawmu l-integrazzjoni tagħha fis-Suq Uniku. Min-naħa tagħhom, dawn se jgħinu biex jattiraw l-investimenti fl-Ukrajna billi jipprovdu ċertezza regolatorja u ambjent tan-negozju mtejjeb. Il-Kunsill Ewropew stieden⁴ lill-Kummissjoni biex tagħmel proposti fuq din il-bażi⁵.

L-investiment fl-irkupru u r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna ma jistax jistenna sa tmiem il-gwerra. Il-kumbattiment attiv baqa' fil-biċċa l-kbira mraġġan lejn in-Nofsinhar u l-Lvant tal-pajjiż, li sofrew l-akbar ammont ta' dannu. Madankollu, l-impatt ekonomiku u soċjali usa' tal-gwerra huwa estensiv, u jaffettwa lill-Ukrajna kollha. L-appoġġ għall-irkupru tal-ekonomija Ukrena jeħtieġ sforzi konġunti biex jiġi żgurat li l-attività ekonomika tiġi sostnuta, u li l-infrastruttura bażika tisewwa u tinżamm. Dan min-naħa tiegħu se jiżgura li jkun hemm kundizzjonijiet fis-seħħ biex l-ekonomija tirkupra, tiġġenera dħul għall-baġit tal-Istat, u b'hekk tnaqqas progressivament il-volum tal-assistenza internazzjonali meħtieġa. L-appoġġ għar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna issa jfisser ukoll iż-żamma jew il-ħolqien ta' opportunitajiet ta' impjieg għall-Ukreni, inkluż dawk spostati internament u l-ħolqien ta' kundizzjonijiet għar-refuġjati biex jirritornaw lejn l-Ukrajna.

L-UE diġà pprovdiet appoġġ finanzjarju sinifikanti biex tgħin lill-Ukrajna tissodisfa l-ħtiġijiet baġitarji tagħha fuq terminu qasir, u għall-irkupru rapidu tal-Ukrajna, permezz ta' self konċessjonali ħafna mgħoddi rispettivament permezz tal-Assistenza Makrofinanzjarja ta' Emerġenza (EUR 1,2 biljun fl-2022), l-Assistenza Makrofinanzjarja Eċċezzjonali (EUR 6 biljun fl-2022), u l-programm ta' Assistenza Makrofinanzjarja Plus (MFA+) (EUR 18-il biljun fl-2023) u pakkett ta' EUR 1 biljun li jikkombina fondi taħt l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali (NDICI) u self mill-Bank Ewropew tal-Investiment appoġġat mill-baġit tal-UE.

L-UE eliminat it-tariffi doganali taħt iż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva (Deep and Comprehensive Free Trade Area, DCFTA) u inkludiet lill-Ukrajna fil-Programm tas-Suq Uniku tal-UE biex tappoġġa lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju tagħha. Għe adottat pjan ta' azzjoni prijoritarju rivedut għal implimentazzjoni msaħħa tad-DCFTA bejn l-UE u l-Ukrajna fl-2023–2024 biex titħaffef l-integrazzjoni tal-Ukrajna fis-Suq Uniku.

L-UE fetħet il-possibbiltà li l-Ukrajna tippreżenta proġetti konġunti mal-Istati Membri tal-UE għall-iżvilupp ta' punti ta' qsim tal-fruntieri taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (Connecting Europe Facility, CEF). Ittieħdu miżuri malajr biex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni ta' persuni spostati Ukreni fil-programm Erasmus għal Imprendituri Żgħażaġħ, li wassal għall-ogħla għadd ta' benefiċjarji mill-Ukrajna fl-2022.

³ COM(2022) 233 final

⁴ EUCO 21/22

⁵ EUCO 24/22

Madankollu, minħabba l-iskala u l-kumplessità tal-isfida li għandna quddiemna, hija meħtieġa soluzzjoni aktar fit-tul biex jiġi żgurat li l-finanzjament ikun ikkoordinat tajjeb u użat b'mod effiċjenti, u jorbot l-irkupru u r-rikostruzzjoni mal-perkors tal-adeżjoni tal-Ukrajna. Għal dan l-għan, **il-Kummissjoni tipproponi li jinhloq strument ġdid, il-Faċilità tal-Ukrajna (il-“Faċilità”)**, li jista' jkopri kemm il-ħtiġijiet ta' rkupru fuq terminu qasir kif ukoll ir-rikostruzzjoni u l-modernizzazzjoni tal-Ukrajna fuq terminu medju. Il-Faċilità hija mfassla bħala strument flessibbli, adattat għall-isfidi bla preċedent tal-appoġġ ta' pajjiż fi gwerra, filwaqt li tiżgura l-prevedibbiltà, it-trasparenza u r-responsabbiltà tal-fondi. Din il-proposta tirrifletti r-riskju ta' kunflitt fit-tul, u l-ħtieġa għal assistenza makrofinanzjarja kontinwa.

Il-Faċilità hija organizzata madwar tliet pilastri:

1. **Il-Pilastru I ikopri l-appoġġ finanzjarju fil-forma kemm ta' appoġġ mhux ripagabbli kif ukoll ta' appoġġ fil-forma ta' self lill-Ukrajna.** Biex dan l-appoġġ jiġi żborżat, il-Gvern tal-Ukrajna se jħejji Pjan f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, li se jiġi approvat mill-UE. Dan il-Pjan se jinkludi l-viżjoni tal-Ukrajna għall-irkupru, ir-rikostruzzjoni u l-modernizzazzjoni tal-pajjiż u għar-riformi li biħsiebha twettaq bħala parti mill-proċess ta' adeżjoni tagħha mal-UE. Il-fondi se jiġu pprovduti abbażi tal-implimentazzjoni tal-Pjan, li se jkun sostnut minn sett ta' kundizzjonalitajiet u skeda ta' żmien għall-iżborżi. Se ssir enfasi sinifikanti fuq ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, il-governanza tajba, l-istat tad-dritt, u l-ġestjoni finanzjarja tajba, inkluż it-trawwim ta' sistemi effiċjenti u effettivi ta' ġestjoni u kontroll u enfasi qawwija fuq il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u kontra l-frodi, iżda wkoll riformi oħra u l-approssimazzjoni mal-*acquis* tal-Unjoni li jirfdu l-proċess ta' adeżjoni u l-modernizzazzjoni tal-ekonomija. Il-fondi se jiġu żborżati abbażi tal-issodisfar ta' dawn il-kundizzjonalitajiet.
2. **Il-Pilastru II huwa *Qafas ta' Investiment għall-Ukrajna***, imfassal biex jattira investimenti privati u pubbliċi fl-irkupru u r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna, li jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Pjan. Dan se jikkomplementa l-istrumenti finanzjarji eżistenti kollha għall-Ukrajna (taħlit u garanziji), bil-possibbiltà li dawn jiżdiedu, meta l-kundizzjonijiet jippermettu dan.
3. **Il-Pilastru III jipprovdi assistenza teknika u miżuri oħra ta' appoġġ**, inkluż il-mobilizzazzjoni ta' għarfien espert dwar ir-riformi, għotjiet lill-muniċipalitajiet, u forum oħra ta' appoġġ bilaterali normalment disponibbli għall-pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni taħt l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) li jappoġġa l-oġettivi tal-Pjan. Jista' jappoġġa wkoll miżuri oħra mmirati biex jindirizzaw il-konsegwenzi tal-gwerra, pereżempju relatati ma' danni tal-gwerra. Il-Pilastru III se jkopri wkoll is-sussidji tar-rata tal-imgħax għas-self ipprovdut lill-Ukrajna taħt il-Pilastru I.

L-istrument propost għandu l-għan li jgħammar lill-UE b'bażi ġuridika li tippermettilha tqabbel l-ambizzjoni politika tagħha mal-ingranaġġ finanzjarju tagħha, f'konformità mal-impenn fit-tul tagħha. Bi Pjan propost mill-Ukrajna u maqbul magħha li jservi bħala l-qafas ġenerali għar-riformi u l-investimenti, l-istrument propost imur lil hinn minn dak li jista' jiġi offrut mill-istrumenti eżistenti, bħall-assistenza makrofinanzjarja u l-NDICI.

Il-pjan se jinkludi kundizzjonijiet marbuta ma':

- rekwiżiti essenzjali (stabbiltà makrofinanzjarja, sorveljanza baġitarja, ġestjoni finanzjarja pubblika, eċċ.). Il-kundizzjonijiet jistgħu jiġu definiti sabiex jirriflettaw l-progress sodisfaċenti lejn l-issodisfar ta' dawn ir-rekwiżiti; kif ukoll
- riformi settorjali u strutturali, u investimenti. Il-kundizzjonijiet se jinqasmu f'passi intermedji bi skeda ta' żmien għat-tlestija.

Il-pagamenti se jsejtnu skont skeda fissa ta' kull tliet xhur, ibbażata fuq talbiet għal pagament ippreżentati mill-Ukrajna u wara verifika mill-Kummissjoni tal-issodisfar tal-kundizzjonalitajiet rilevanti. F'każ li ma tiġix issodisfata kundizzjonalità, il-Kummissjoni tnaqqas ammont korrispondenti mill-pagament. L-iżborż tal-fondi miżmuma korrispondenti jista' jsir matul il-perjodi ta' pagament li jmiss u sa sena wara l-iskadenza oriġinali stabbilita fil-Pjan, dment li l-kundizzjonalitajiet ikunu ġew issodisfati. Il-frekwenza trimestrali tat-twieqi tal-pagamenti se tiżgura kemm il-prevedibbiltà tal-appoġġ lill-Ukrajna kif ukoll djalogo ta' politika kostanti bejn il-Kummissjoni u l-Ukrajna.

L-irkupru u r-rikostruzzjoni mhumiex biss dwar il-bini mill-ġdid ta' dak li nqered. Huwa dwar il-bini ta' Ukrajna moderna u vibranti, li tiżgura li l-irkupru, ir-rikostruzzjoni u l-modernizzazzjoni jkunu sostenibbli, reżiljenti u validi għall-futur, abbażi tal-prinċipji “la tagħmilx ħsara” u “ħadd ma jitħalla jibqa' lura”. Huwa dwar l-investiment fit-tranżizzjoni tal-Ukrajna lejn ekonomija ekoloġika, diġitali u inklużiva li progressivament qed tallinja mar-regoli u mal-istandards tal-UE. Jenħtieġ li l-Ukrajna għandha tibni mill-ġdid il-bliet tagħha b'mod ta' kwalità għolja, sostenibbli u inklużiv, ispirat mill-Bauhaus Ewropea l-Ġdida.

L-irkupru u r-rikostruzzjoni huma wkoll dwar ir-rikostruzzjoni u l-immodernizzar tal-pajjiż, u l-integrazzjoni tiegħu fis-Suq Uniku tal-UE, filwaqt li jiġi żgurat li l-awtoritajiet sottonazzjonali, b'mod partikolari l-muniċipalitajiet, ikunu assoċjati u kkonsultati mill-qrib f'dan il-proċess, u li r-riforma tad-deċentralizzazzjoni tkun fil-qalba tiegħu. Il-kooperazzjoni bejn il-pari bejn il-bliet u r-reġjuni tal-UE u tal-Ukrajna u l-aċċess kontinwu għall-programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera se jikkostitwixxu wkoll parti vitali mill-irkupru, ir-rikostruzzjoni u l-modernizzazzjoni tal-Ukrajna. L-involviment tal-atturi privati, b'mod partikolari n-negozji u l-investituri, se jkun komponent essenzjali tal-irkupru u r-rikostruzzjoni.

Il-proposta hija mġhamra b'sistema b'saħħitha ta' awditjar u kontrolli stabbilita f'mekkaniżmu b'diversi saffi: l-ewwel nett, ir-riforma tas-sistemi tal-awditjar u tal-kontroll tal-Istat se tkun meħtieġa bħala parti mir-riformi skont il-Pjan; it-tieni, il-Kummissjoni se tkun tista' twettaq kontrolli tal-implimentazzjoni tal-fondi minfuqa b'rabta mal-Pjan fi kwalunkwe mument taċ-ċiklu tal-proġett; it-tielet, Bord tal-Verifika indipendenti se jirrapporta lill-Kummissjoni dwar ġestjoni ħażina possibbli tal-fondi taħt il-Faċilità kollha. Għalkemm dan il-mekkaniżmu b'diversi saffi se japplika għall-Faċilità ġenerali, il-mekkaniżmi ta' kontroll relatati mal-Qafas ta' Investiment tal-Ukrajna u mal-assistenza teknika se jkunu bbażati fuq is-sistemi, ir-regoli u l-proċeduri tal-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali u s-sħab ta' implimentazzjoni involuti fl-implimentazzjoni.

Fl-aħħar nett, il-koordinazzjoni tad-donaturi se tkun essenzjali biex jiġi żgurat li r-riżorsi disponibbli jintefqu bl-aktar mod effettiv u mmirat biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-Ukrajna u tal-poplu tagħha. Għal dan l-għan, jenħtieġ li jsir użu sħiħ mill-**Pjattaforma għall-Koordinazzjoni tad-Donaturi** tal-G7 għall-Ukrajna mnedija f'Jannar 2023. Il-pjan li għandu jiġi żviluppat mill-Gvern tal-Ukrajna għall-fini ta' din il-Faċilità jista' jservi wkoll biex jiggwida l-ipprogrammar ta' assistenza ta' donaturi oħra lill-Ukrajna.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-appoġġ taħt din il-Faċilità se jkun konsistenti u komplementari ma' forom oħra ta' appoġġ bilaterali għall-Ukrajna pprovdut permezz ta' strumenti oħra tal-UE, inkluż l-għajnuna umanitarja⁶, u finanzjament reġjonali u transfruntier, tematiku u ta' rispons għall-kriżijiet taħt l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali (NDICI)⁷. Il-Faċilità mhux se tkopri l-għajnuna umanitarja, id-difiża jew l-appoġġ għan-nies li qed jaħarbu mill-gwerra, li se jkomplu jiġu ffinanzjati permezz ta' strumenti eżistenti. Il-Faċilità se tissostitwixxi l-appoġġ bilaterali eżistenti pprovdut lill-Ukrajna (AMF+, allokazżjoni bilaterali tal-NDICI). Se tiegħu post ukoll l-appoġġ li l-Ukrajna kienet tirċievi taħt l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-implimentazzjoni tar-Regolament ser tkun konsistenti ma' oqsma oħra ta' azzjoni esterna (pereż. assistenza umanitarja, kooperazzjoni għall-iżvilupp). L-approċċ integrat tal-Pjan għall-Ukrajna jippermetti li jiġu koperti l-ħtiġijiet fir-rigward tal-irkupru, ir-rikostruzzjoni u l-modernizzazzjoni tal-Ukrajna u li dawn jintrabtu mar-rekwiżiti tal-adeżjoni mal-Unjoni, biex tiġi żgurata l-konsistenza mal-politiki rilevanti kollha tal-UE.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Din il-proposta hi bbażata fuq l-Artikolu 212 u l-Artikolu 322 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Qed tiġi ppreżentata mill-Kummissjoni f'konformità mal-proċedura prevista fl-Artikolu 294 tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Id-daqs tad-danni kkawżati lill-Ukrajna mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja huwa tali li l-Ukrajna se teħtieġ appoġġ estensiv u sostnut li l-ebda Stat Membru ma jista' jipprovdni waħdu. L-UE tinsab f'pożizzjoni unika biex twassal assistenza esterna lill-Ukrajna fit-tul b'mod f'waqtu, koordinat u prevedibbli. L-UE tista' tingrana l-kapaċità ta' self tagħha biex isellef lill-Ukrajna b'termini vantaġġjużi u tkopri l-kostijiet tar-rati tal-imgħax, kif ukoll biex tipprovdni għotjiet u garanziji f'perspettiva pluriennali.

Bil-preżenza tagħha fuq il-post fl-Ukrajna permezz tad-Delegazzjoni tagħha, l-UE tista' tiżgura aċċess komprensiv għall-informazzjoni dwar l-iżviluppi li jaffettwaw lill-pajjiż. L-UE hija wkoll parti għall-bieċa l-kbira tal-proċessi multilaterali li għandhom l-għan li jindirizzaw l-isfidi li qed tiffaċċja l-Ukrajna. Dan jippermetti lill-UE tkun kostantement konxja tal-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi l-ġodda u, għalhekk, tadatta l-appoġġ skont il-ħtiġijiet li qed jevolvu, billi tikkoordina mill-qrib ma' donaturi nazzjonali jew internazzjonali oħra.

L-oġettiv tat-tnejjija tal-pajjiżi kandidati u tal-kandidati potenzjali għas-sħubija fl-Unjoni jista' wkoll jiġi indirizzat l-aħjar fil-livell tal-Unjoni.

⁶ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 rigward l-għajnuna umanitarja
⁷ Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, li jemenda u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

- **Proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità peress li ma tmurx lil hinn mill-minimu meħtieġ sabiex jintlaħqu l-oġġettivi ddikjarati fil-livell Ewropew u li huwa meħtieġ għal dak il-għan.

Il-Faċilità hija proposta bħala rispons immirat għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-Ukrajna minħabba l-gwerra ta' aggressjoni Russa. L-istruttura tagħha hija bbażata jew fuq il-kontinwazzjoni tal-appoġġ eżistenti (eż. l-appoġġ bilaterali tal-NDICI), jew fuq l-istess mudell (eż. garanziji u strumenti finanzjarji), jew ibbażata fuq strumenti eżistenti iżda simplifikati (strumenti bbażati fuq il-prestazzjoni), miġburin flimkien taħt strument uniku biex jissaħħu l-koerenza, l-effettività, l-effiċjenza u l-valur miżjud tal-UE.

- **Għażla tal-istrument**

F'konformità mal-Artikolu 212 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jistabbilixxi l-proċedura leġislattiva ordinarja li għandha tintuża biex jiġu adottati miżuri għall-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, il-proposta tiegħu l-forma ta' Regolament, li jiżgura l-applikazzjoni uniformi tiegħu, in-natura vinkolanti fl-intier tiegħu, u l-applikabbiltà diretta tiegħu.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Ma setgħetx issir konsultazzjoni formali mal-partijiet ikkonċernati minħabba l-urġenza li titħejja l-proposta sabiex tkun tista' tiġi adottata fil-ħin mill-koleġislaturi biex din issir operattiva mill-bidu tal-2024, meta jkollhom jiġu ssodisfati ħtiġijiet ġodda relatati mal-gwerra u d-danni relatati, kif ukoll għall-irkupru u r-rikostruzzjoni.

L-UE se tiżgura komunikazzjoni u viżibbiltà xierqa madwar l-oġġettivi u l-azzjonijiet imwettqa fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-Faċilità, fl-Ukrajna, fl-Unjoni, u lil hinn minnha.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Minħabba n-natura urġenti tal-proposta, li hija mfassla biex tipprovdi assistenza lil pajjiż fi gwerra mill-bidu tal-2024, ma setgħet titwettaq l-ebda valutazzjoni tal-impatt. Il-valutazzjoni ex ante tal-ħtiġijiet proposti li għandhom jiġu koperti mill-Faċilità tal-Ukrajna hija bbażata fuq data reċenti mill-Fond Monetarju Internazzjonali u mill-Valutazzjoni Rapida tal-Ħsara u l-Ħtiġijiet tal-Ukrajna aġġornata⁸, li tħejjiet mill-Bank Dinji flimkien mal-Kummissjoni, in-NU u l-Gvern Ukren. Dokument analitiku fil-forma ta' dokument ta' hídma tal-persunal li jippreżenta l-evidenza wara l-proposta u l-istimi tal-kostijiet se jitħejja fi żmien tliet xhur mill-adozzjoni tal-inizjattiva.

⁸ Valutazzjoni Rapida tal-Ħsara u l-Ħtiġijiet tal-Ukrajna: Frar 2022 — Frar 2023 (Ingliż). Washington, D.C.: Grupp tal-Bank Dinji. <http://documents.worldbank.org/curated/en/099184503212328877/P1801740d1177f03c0ab180057556615497>

- **Drittijiet fundamentali**

Prekundizzjoni għall-għoti ta' appoġġ skont l-istrument hija li l-Ukrajna tkompli tirrispetta l-mekkaniżmi demokratiċi effettivi u l-istituzzjonijiet tagħha, inklużi sistema parlamentari b'diversi partiti, l-istat tad-dritt, u tiggarantixxi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. L-impenn għar-riformi u r-rieda politika qawwija espressa mill-awtoritajiet Ukreni huma sinjali pożittivi, b'mod partikolari kif muri mill-Kunsill Ewropew li ta l-istatus ta' kandidat lill-Ukrajna f'Ġunju 2022 u mit-tlestija b'suċċess imġedda tal-kundizzjonalità tal-politika strutturali marbuta mal-operazzjonijiet reċenti ta' assistenza makrofinanzjarja (MFA) lill-Ukrajna. Mindu seħħet l-aggressjoni Russa, l-awtoritajiet tal-Ukrajna wrew grad impressjonanti ta' reżiljenza u baqgħu impenjati li jsegu dawn ir-riformi b'mod trasparenti filwaqt li jaħdmu lejn l-istandards tal-UE u f'konformità mal-perkors tal-pajjiż lejn integrazzjoni fl-UE.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ir-riżorsi massimi għall-implimentazzjoni tal-Faċilità għandhom ikunu ta' EUR 50 biljun (fi prezzijiet attwali) għall-2024–2027 għat-tipi kollha ta' appoġġ. Il-Faċilità se tkun iffinanzjata minn:

- (a) self garantit lil hinn mil-limiti massimi tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP);
- (b) strument speċjali ġdid, lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP, ir-Riżerva tal-Ukrajna, bħala parti mill-emenda għar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093. Tali Riżerva tista' tappoġġa n-nefqa kollha għajr fil-forma ta' self, inkluż appoġġ mhux ripagabbli, għotjiet u proviżjonament għall-garanziji.

L-emenda għar-Regolament QFP⁹ tistabbilixxi wkoll li r-Riżerva tal-Ukrajna għandu jkollha l-għan li ttipprovdi mill-inqas EUR 2,5 biljun fi prezzijiet attwali bħala ammont indikattiv annwali.

Ir-riżerva tal-Ukrajna tista' tiġi mmobilizzata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-qafas tal-proċedura baġitarja, prevista fl-Artikolu 314 TFUE.

L-Istati Membri, il-pajjiżi terzi, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali jew sorsi oħra jistgħu jipprovdu kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali lill-Faċilità. Tali kontribuzzjonijiet għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2), il-punti (a)(ii), (d), u (e) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046. Ammonti addizzjonali riċevuti bħala dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 skont l-atti legali rilevanti tal-Unjoni fir-rigward ta' miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna se jiżiedu mar-riżorsi tal-Faċilità.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Ir-Regolament jistabbilixxi dispożizzjonijiet dettaljati relatati mal-monitoraġġ u r-rapportar.

⁹

[COM\(2023\) 337 final](#)

Il-Kummissjoni se timmonitorja kontinwament l-implimentazzjoni tal-Faċilità. B'mod speċifiku, jenħtiegħ li l-Ukrajna tistabbilixxi sistema ta' monitoraġġ u l-Ukrajna se tkun mistennija tirrapporta lill-Kummissjoni kull sena dwar l-implimentazzjoni tagħha tal-parti tal-Pjan għall-Ukrajna koperta mill-Faċilità. Dan se jinkludi rappurtar dwar is-sistema ta' kontroll intern tal-Ukrajna u dwar kwalunkwe ammont imħallas jew użat ħażin indebitament, u eventwalment irkuprat mill-UE. Se jkunu meħtieġa rekwiżiti ta' rappurtar proporzjonati mir-riċevituri tal-finanzjament tal-Unjoni implimentati taħt it-tieni u t-tielet pilastru tal-Faċilità.

Il-Kummissjoni se tipprovdi lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 39 tar-Regolament b'valutazzjoni annwali tal-implimentazzjoni tal-fondi pprovduti taħt il-Faċilità.

Il-Kummissjoni se twettaq ukoll evalwazzjoni ex post tar-Regolament.

• **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Faċilità tal-Ukrajna.

Il-Kapitolu I (Dispożizzjonijiet ġenerali) ikopri s-suġġett u l-istruttura tal-Faċilità fi tliet pilastri (l-Artikolu 1), id-definizzjonijiet (l-Artikolu 2), l-oġġettivi ġenerali u speċifiċi tal-Faċilità (l-Artikolu 3), il-prinċipji ġenerali (l-Artikolu 4) u l-prekundizzjoni għall-appoġġ (l-Artikolu 5).

Il-Kapitolu II (Finanzjament u implimentazzjoni) jistabbilixxi l-pakkett finanzjarju tal-Faċilità f'appoġġ finanzjarju u self mhux ripagabbli (l-Artikolu 6), u jistabbilixxi l-proċeduri għal kontribuzzjonijiet addizzjonali potenzjali mill-Istati Membri, pajjiżi terzi jew sorsi oħra (l-Artikolu 7). L-Artikolu 8 jagħti dettalji dwar il-forom ta' implimentazzjoni għall-pilastri tal-Faċilità, jiġifieri ġestjoni diretta u indiretta f'konformità mar-Regolament Finanzjarju. L-Artikoli 9 u 10 rispettivament ikopru l-Ftehim Qafas li għandu jiġi ffirmat bejn il-Kummissjoni u l-Ukrajna li jistabbilixxi b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet dwar l-awditjar u l-kontroll, u l-ftehimiet ta' finanzjament li għandhom jiġu ffirmati taħt l-ewwel u t-tielet pilastru, inklużi l-obbligi u l-kundizzjonijiet għall-iżborż tal-pagamenti. Ir-regoli dwar l-eliġibbiltà tar-riċevituri u d-dispożizzjonijiet għar-riporti, il-pagamenti parzjali annwali, l-appropriazzjonijiet ta' impenn, is-surpluses mill-garanzija baġitarja, ir-ripagamenti u d-dħul iġġenerat mill-istrumenti finanzjarji huma koperti fl-Artikoli 11 u 12, rispettivament. L-Artikolu 13 jipprevedi l-possibbiltà li jingħata appoġġ biex tinżamm l-istabbiltà makrofinanzjarja tal-Ukrajna f'ċirkostanzi eċċezzjonali, speċjalment dawk relatati mal-gwerra, u soġġett għall-issodisfar tal-prekundizzjonijiet skont l-Artikolu 5. Dan il-finanzjament eċċezzjonali jieqaf hekk kif jerġa' jsir possibbli li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet.

Il-Kapitolu III (il-Pjan għall-Ukrajna) jagħti dettalji dwar il-funzjonament tal-ewwel pilastru tal-Faċilità, billi jibda bir-rwol tal-Pjan għall-Ukrajna (l-Artikolu 14) bħala l-qafas ġenerali għat-tliet pilastri u biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Faċilità u l-prinċipji ġenerali għall-finanzjament, inklużi t-tipi ta' kundizzjonijiet għall-iżborżi (l-Artikolu 15). L-Artikoli 16 u 17 jippreżentaw il-Pjan għall-Ukrajna li għandu jiġi ppreżentat mill-Ukrajna, il-proċedura biex isir dan, u l-elementi li l-Pjan jenħtiegħ li jinkludi, inklużi r-riformi u l-investimenti li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Faċilità, l-involviment tal-awtoritajiet sottonazzjonali, u s-sistemi għall-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-irregolaritajiet, il-frodi, il-korruzzjoni u l-kunflitti ta' interess, meta jintużaw il-fondi pprovduti taħt il-Faċilità. Il-Kummissjoni se tipproċedi biex tivvaluta l-Pjan skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 18, u tagħmel proposta għad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill kif deskritt fl-Artikolu 19, li se tistabbilixxi, fost l-

oħrajn, l-appoġġ finanzjarju indikattiv li ma jitħallasx lura u l-ammont indikattiv tal-appoġġ fil-forma ta' self li għandu jiġi żborżat kontra l-issodisfar sodisfaċenti tal-kundizzjonijiet, il-limitu ta' żmien għal tali twettiq, u l-prefinanzjament li għalih se tkun eliġibbli l-Ukrajna. L-Artikolu 20 jipprevedi l-possibbiltà li l-Kummissjoni jew l-Ukrajna jagħmlu proposta biex jemendaw il-Pjan għall-Ukrajna. L-Artikolu 21 ikopri l-ftehim ta' self li għandu jiġi ffirmat bejn il-Kummissjoni u l-Ukrajna, u r-regoli li jirregolaw is-self mill-Kummissjoni fis-swieq. L-Artikolu 22 jipprevedi l-possibbiltà li l-Ukrajna titlob lill-Kummissjoni tħallas is-sussidju tal-kostijiet tas-self, li se jkun kopert taħt it-tielet pilastru tal-Faċilità. Ir-regoli għall-ħlas ta' prefinanzjament lill-Ukrajna, soġġett għar-rispett tal-prekundizzjoni deskritta fl-Artikolu 5, huma stabbiliti fl-Artikolu 23. L-Artikolu 24 jipprovdi l-kundizzjonijiet u l-proċedura għall-iżborż lill-Ukrajna ta' finanzjament tranżitorju eċċezzjonali. L-Artikolu 25 jagħti dettalji dwar il-proċedura għall-iżborżi taħt l-ewwel pilastru, malli jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Pjan. Il-pagamenti se jsiru fuq bażi trimestrali, wara s-sottomissjoni mill-Ukrajna ta' talba għal pagament li turi l-issodisfar sodisfaċenti tal-kundizzjonijiet rilevanti. F'każ ta' valutazzjoni negattiva mill-Kummissjoni, parti mill-ammont li jikkorrispondi għall-kundizzjonijiet mhux issodisfati tinżamm. Il-pagament miżmum jiġi żborżat biss ladarba l-Ukrajna tkun debitament iġġustifikat, bħala parti minn talba għal pagament sussegwenti, li tkun ħadet il-miżuri meħtieġa biex tiżgura l-issodisfar sodisfaċenti tal-kundizzjonijiet rilevanti. L-Artikolu 26 jipprevedi l-obbligu mill-Ukrajna li tippubblika d-*data* dwar il-persuni u l-entitajiet li jirċievu ammonti ta' finanzjament li jaqbu l-ekwivalenti ta' EUR 500,000 għall-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti speċifikati fil-Pjan għall-Ukrajna, u l-kategoriji ta' *data* li għandhom jiġu ppubblikati.

Il-Kapitolu IV (Qafas ta' Investiment għall-Ukrajna) jiddeskrivi t-tieni pilastru tal-Faċilità, li għandu l-għan li jappoġġa l-investimenti u jipprovdi aċċess għal finanzjament li jwassal għall-implimentazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna. Il-kamp ta' applikazzjoni u l-istruttura tal-Qafas huma definiti fl-Artikolu 27. L-Artikolu 28 jipprevedi l-possibbiltà ta' kontribuzzjonijiet addizzjonali mill-Istati Membri, pajjiżi terzi u partijiet terzi. Il-Kapitolu jagħti wkoll dettalji dwar il-Garanzija tal-Ukrajna (l-Artikoli 29 u 30) u jistabbilixxi r-rata ta' provviżjonament tagħha u l-proċedura għar-rieżami tagħha (l-Artikolu 31).

Il-Kapitolu V (assistenza tal-UE u miżuri ta' appoġġ għall-adeżjoni) ikopri l-implimentazzjoni tat-tielet pilastru tal-Faċilità, li se jappoġġa l-allinjament progressiv tal-Ukrajna mal-acquis tal-Unjoni u l-integrazzjoni progressiva fis-Suq Uniku bil-ħsieb ta' sħubija futura fl-Unjoni, kif ukoll isaħħaħ il-kapaċitajiet tal-partijiet ikkonċernati u tal-awtoritajiet lokali u jipprovdi finanzjament għal inizjattivi u korpi involuti fl-appoġġ u l-infurzar tal-ġustizzja internazzjonali fl-Ukrajna (l-Artikolu 32).

Il-Kapitolu VI (Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni) jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu segwiti mill-Kummissjoni u l-Ukrajna biex jiġu żgurati kontrolli effettivi fuq l-implimentazzjoni tal-Faċilità. L-Artikolu 33 jagħti dettalji dwar l-obbligi li għandhom jiġu riflessi fil-ftehimiet Qafas, ta' Finanzjament u ta' Self, li se jinkludu miżuri xierqa għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitti ta' interess u l-irregolaritajiet li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, biex jiġi evitat finanzjament doppju u biex tittieħed azzjoni legali biex jiġu rkuprati fondi li ġew miżapproprjati, il-ġbir ta' *data* adegwata dwar ir-riċevituri ta' fondi taħt il-Faċilità u d-drittijiet li għandhom jingħataw lill-Kummissjoni, lill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF), u lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) fejn applikabbli. L-Artikolu 34 jistabbilixxi Bord tal-Awditjar li għandu jkun magħmul minn membri indipendenti maħtura mill-Kummissjoni, li se jassisti lill-Kummissjoni fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u fl-iżgurar tal-ġestjoni tajba mill-Ukrajna tal-finanzjament tal-Unjoni taħt il-Faċilità.

Il-Kapitolu VII (Programmi ta' ħidma, monitoraġġ, rapportar u evalwazzjoni) ikopri l-programmi ta' ħidma li permezz tagħhom se tiġi implimentata l-assistenza taħt il-Faċilità (l-Artikolu 35), id-dispożizzjonijiet għall-istabbiliment tal-indikaturi u l-oqfsa tar-riżultati użati fil-monitoraġġ u l-evalwazzjoni (l-Artikolu 36), u l-evalwazzjoni ex post tal-Faċilità (l-Artikolu 37).

Il-Kapitolu VIII (Dispożizzjonijiet finali) jistabbilixxi l-eżerċizzju tad-delega tas-setgħat fir-rigward tar-rata ta' proviżjonament (l-Artikolu 38), il-proċedura ta' komitoloġija (l-Artikolu 39), id-dispożizzjonijiet dwar l-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-pubbliċità (l-Artikolu 40) u dwar id-dħul fis-seħħ (l-Artikolu 41).

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-istabbiliment tal-Faċilità tal-Ukrajna

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 212 u l-Artikolu 322(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Mill-2014, l-Ukrajna qabdet it-triq ambizzjuża ta' riforma li wasslet għal integrazzjoni progressiva mal-Unjoni Ewropea, kif immaterjalizzat fl-iffirmar fis-27 ta' Ġunju 2014 ta' ftehim ta' assoċjazzjoni bejn l-Unjoni u l-Ukrajna, inkluża Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2017.
- (2) Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna fl-24 ta' Frar 2022, l-Unjoni, l-Istati Membri tagħha u l-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej immobilizzaw appoġġ bla preċedent għar-reżiljenza ekonomika, soċjali u finanzjarja tal-Ukrajna, filwaqt li kkombinaw l-appoġġ mill-baġit tal-Unjoni, inkluż l-assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali u l-appoġġ mill-Bank Ewropew tal-Investment u mill-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, iggarantiti bis-sħiħ jew parzjalment mill-baġit tal-Unjoni, kif ukoll appoġġ finanzjarju ulterjuri mill-Istati Membri.
- (3) Il-Kunsill Ewropew tat-23 ta' Ġunju 2022 iddeċieda¹⁰ li jagħti l-istatus ta' pajjiż kandidat lill-Ukrajna, li esprimiet rieda qawwija li torbot ir-rikostruzzjoni mar-riformi fit-triq Ewropea tagħha. L-appoġġ qawwi kontinwu lill-Ukrajna huwa prijorità ewlenija għall-Unjoni u rispons xieraq għall-impenn politiku qawwi tal-Unjoni biex tappoġġa lill-Ukrajna sakemm ikun meħtieġ.
- (4) L-għoti mill-Unjoni ta' assistenza makrofinanzjarja sa EUR 18-il biljun għall-2023 skont ir-Regolament (UE) 2022/2463 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹ tqies bħala rispons xieraq għad-diskrepanza fil-finanzjament tal-Ukrajna għall-2023 u għen biex jiġi mobilizzat finanzjament sinifikanti minn donaturi u istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħra. Dan ikkostitwixxa fattur ewlieni li jikkontribwixxi għar-reżiljenza makroekonomika u finanzjarja tal-Ukrajna fi żmien kritiku.

¹⁰ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, 23-24 ta' Ġunju 2022; EUCO 24/22.

¹¹ Ir-Regolament (UE) 2022/2463 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li jistabbilixxi strument għall-għoti ta' appoġġ lill-Ukrajna għall-2023 (assistenza makrofinanzjarja +); (ĠU L 322, 16.12.2022, p. 1-14).

- (5) L-Unjoni qed tipprovdi wkoll appoġġ finanzjarju sinifikanti permezz ta' pakkett addizzjonali li jikkombina fondi taħt l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali (NDICI) stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹² u self mill-Bank Ewropew tal-Investment.
- (6) Barra minn hekk, fid-Deċiżjoni (PESK) 2021/509¹³ tiegħu, il-Kunsill iddeċieda dwar miżuri ta' assistenza barra mill-baġit biex jappoġġa lill-forzi armati Ukreni taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi, fl-ammont ta' EUR 5,6 biljun, u missjoni ta' assistenza militari b'appoġġ għall-Ukrajna b'EUR 0,1 biljun għall-kostijiet komuni. L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha taw ukoll rispons ta' emerġenza in natura bla preċedent permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili skont id-Deċiżjoni 1313/2013/UE¹⁴ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif emendata bir-Regolament (UE) 2021/836 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁵, li jikkostitwixxi l-akbar operazzjoni ta' emerġenza mill-ħolqien ta' dak il-mekkaniżmu.
- (7) Barra minn hekk, il-Korsiji ta' Solidarjetà UE-Ukrajna stabbiliti f'Mejju 2022 ikkontribwew għall-ġenerazzjoni ta' valur tal-esportazzjoni stmat ta' EUR 31 biljun għall-ekonomija Ukrena sal-aħħar ta' Mejju 2023.
- (8) Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kkawżat danni lill-Ukrajna li jammontaw għal aktar minn EUR 270 biljun¹⁶ sal-24 ta' Frar 2023, u l-kostijiet tar-rikostruzzjoni huma stmati għal EUR 384 biljun, kif ukoll telf ta' aċċess għas-swieq finanzjarji u tnaqqis sinifikanti fid-dħul pubbliku, filwaqt li n-nefqa pubblika biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni umanitarja u biex tinżamm il-kontinwità tas-servizzi tal-Istat żdiedet b'mod sinifikanti. Tali stimuli, kif ukoll l-informazzjoni analitika mis-sorsi xierqa u sussegwenti l-oħra kollha, jipprovdu bażi rilevanti biex jiġu stabbiliti l-ħtiġijiet ta' finanzjament rispettivi għas-snin li ġejjin, inklużi kunsiderazzjonijiet reġjonali u settorjali.
- (9) Fit-30 ta' Marzu 2023, il-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) stima d-diskrepanza fil-finanzjament mill-Istat sal-2027 għal EUR 75.1 biljun u qabel mal-Ukrajna dwar programm ta' erba' snin ta' EUR 14.4 biljun biex jankra politiki li jsostnu l-istabbiltà fiskali, esterna, tal-prezzijiet u finanzjarja u jappoġġaw l-irkupru ekonomiku, filwaqt li jsaħħu l-governanza u jsaħħu l-istituzzjonijiet biex jippromwovu t-tkabbir fit-tul fil-kuntest tar-rikostruzzjoni ta' wara l-gwerra u t-triq tal-Ukrajna lejn l-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea.
- (10) Minħabba li għad hemm distakk residwu fil-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Ukrajna għal mill-inqas sal-2027, irid jiġi mobilizzat appoġġ flessibbli lill-gvern Ukren biex iżomm

¹² Ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, li jemenda u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1).

¹³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/509 tat-22 ta' Marzu 2021 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea għall-Paċi, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2015/528 (ĠU L 102, 24.3.2021, p. 14).

¹⁴ Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924-947).

¹⁵ Ir-Regolament (UE) 2021/836 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jemenda d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 185, 26.5.2021, p. 1).

¹⁶ Valutazzjoni Rapida tal-Ħsara u l-ħtiġijiet, imħejjija mill-Bank Dinji, il-Kummissjoni Ewropea u n-Nazzjonijiet Uniti. Ara d-[Dokument tal-Bank Dinji](#).

il-funzjonijiet tiegħu kif ukoll biex jappoġġa l-irkupru, ir-rikostruzzjoni u l-modernizzazzjoni tal-pajjiż.

- (11) Minħabba l-ħsara mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja lill-ekonomija, lis-soċjetà u lill-infrastruttura tal-Ukrajna, l-appoġġ lill-pajjiż biex iżomm il-funzjonijiet tiegħu, kif ukoll għajnuna urġenti, irkupru rapidu, rikostruzzjoni u modernizzazzjoni tal-Ukrajna se jirrikjedu appoġġ komprensiv biex tinbena mill-ġdid l-ekonomija, biex jinħolqu l-pedamenti ta' pajjiż ħieles u prosperu, ankrat fil-valuri Ewropej, integrat sew fl-ekonomija Ewropea u globali, u biex isir progress tajjeb fi triqtu lejn l-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea.
- (12) F'dan il-kuntest, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit strument uniku fuq terminu medju li jiġbor flimkien l-appoġġ bilaterali pprovdut mill-Unjoni lill-Ukrajna, filwaqt li jiġu żgurati l-koordinazzjoni u l-effiċjenza. Għal dak l-għan, jeħtieġ li tiġi stabbilita Faċilità tal-Ukrajna ("il-Faċilità"), li tipprovdni bilanċ bejn il-flessibbiltà u l-programmabbiltà tar-rispons tal-Unjoni biex tindirizza d-diskrepanza fil-finanzjament tal-Ukrajna, il-ħtiġijiet ta' rkupru, rikostruzzjoni u modernizzazzjoni, filwaqt li fl-istess ħin tappoġġa l-isforz tar-riformi tal-Ukrajna bħala parti mit-triq tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni.
- (13) Il-Faċilità tal-Ukrajna jenħtieġ li tkun mirfuda minn pjan koerenti u prijoritizzat għar-rikostruzzjoni (il-"Pjan għall-Ukrajna"), imħejji mill-Gvern tal-Ukrajna, li jipprovdi qafas strutturat u prevedibbli għall-irkupru, ir-rikostruzzjoni u l-modernizzazzjoni tal-Ukrajna, artikolat b'mod ċar mar-rekwiżiti tal-adeżjoni mal-Unjoni.
- (14) L-appoġġ tal-Unjoni lill-Ukrajna mill-2024 sal-2027 jenħtieġ li jiġi pprovdut primarjament u prinċipalment taħt il-Faċilità tal-Ukrajna, filwaqt li jiġi żgurat approċċ konsistenti permezz ta' strument unifikat, billi l-attivitajiet taħt l-istrumenti eżistenti jiġu sostitwiti jew, fejn xieraq, ikkomplementati.
- (15) F'dan ir-rigward, l-appoġġ tal-Unjoni taħt il-Faċilità jenħtieġ li jissostitwixxi l-appoġġ bilaterali pprovdut taħt l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali (NDICI) stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Madankollu, huwa importanti li jiġi żgurat li l-Ukrajna tkun tista' tkompli tibbenefika minn appoġġ reġjonali, tematiku u forom oħra ta' appoġġ taħt l-NDICI, inklużi programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera, u b'mod aktar ġenerali tkompli tavvanza l-kooperazzjoni reġjonali, makroreġjonali u transfruntiera u l-iżvilupp territorjali, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-istrateġiji makroreġjonali tal-Unjoni.
- (16) L-għajnuna umanitarja, id-difiża jew l-appoġġ lill-Istati Membri li jipprovdu protezzjoni lir-refuġjati Ukreni li qed jaħarbu mill-gwerra jenħtieġ li jiġu pprovduti barra mill-Faċilità. Barra minn hekk, l-Ukrajna tista' tkompli tibbenefika mill-programmi eżistenti rilevanti tal-Unjoni.
- (17) Il-Faċilità jenħtieġ li tikkontribwixxi biex titnaqqas id-diskrepanza fil-finanzjament tal-Ukrajna sal-2027, billi tipprovdi għotjiet u għajnuna finanzjarja konċessjonali ħafna b'mod prevedibbli, kontinwu, ordnat u f'waqtu. Jenħtieġ li l-assistenza tappoġġa l-istabbiltà makrofinanzjarja fl-Ukrajna, u ttaffi r-restrizzjonijiet tal-finanzjament estern tal-Ukrajna.
- (18) Taħt il-Faċilità l-ġdida, l-investiment fl-irkupru, ir-rikostruzzjoni u l-modernizzazzjoni tal-Ukrajna jenħtieġ li jibda b'urġenza biex jiġu pprovduti kundizzjonijiet ta' għajxien deċenti għall-popolazzjoni Ukrena, biex tiġi żgurata l-ġenerazzjoni tal-impjiegi u d-dħul u progressivament jitnaqqas il-volum tal-assistenza internazzjonali meħtieġa.

- (19) Il-Faċilità jenħtieġ li torbot l-irkupru, ir-rikostruzzjoni u l-modernizzazzjoni mill-qrib mal-perspettiva tal-Unjoni, billi torbot l-appoġġ finanzjarju mat-twettiq tar-riformi u l-investimenti fid-dawl tal-adeżjoni.
- (20) Il-perspettiva fuq terminu medju pprovduta mill-Pjan għall-Ukrajna permezz ta' strument uniku jenħtieġ li tħeġġeġ ukoll lill-Ukrajna biex tidderieġi l-investimenti u r-riformi lejn it-tranżizzjoni għal ekonomija ekoloġika, diġitali u inklużiva, u tgħin biex timmobilizza donaturi tal-istess fehma għal kontribuzzjonijiet pluriennali biex tappoġġa lill-Ukrajna.
- (21) L-isforz ta' rkupru, rikostruzzjoni u modernizzazzjoni jenħtieġ li jibni fuq is-sjeda, il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni mill-qrib tal-Ukrajna ma' pajjiżi u organizzazzjonijiet ta' appoġġ, u t-triq tal-Ukrajna lejn l-adeżjoni mal-Unjoni. L-amministrazzjonijiet reġjonali u lokali huma mistennija wkoll li jaqdu rwol importanti. Il-kooperazzjoni bejn il-pari u l-programmi inkorporati fi sħubijiet bejn il-bliet u r-reġjuni fl-Unjoni u dawk fl-Ukrajna jenħtieġ li jarrikkixxu u jaċċelleraw il-proċess ta' rkupru, rikostruzzjoni u modernizzazzjoni.
- (22) Jenħtieġ li l-Unjoni trawwem ukoll konsultazzjoni mill-qrib u assoċjazzjoni tal-awtoritajiet lokali, li jħaddnu varjetà kbira ta' livelli sottonazzjonali u fergħat tal-gvern, inklużi reġjuni, municiplalitajiet, rayons u hromadas u l-assoċjazzjonijiet tagħhom, kif ukoll il-parteċipazzjoni tagħhom fl-irkupru, ir-rikostruzzjoni u l-modernizzazzjoni tal-Ukrajna, abbażi tal-iżvilupp sostenibbli u permezz tal-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fil-livell lokali. Jenħtieġ li l-Unjoni tirrikonoxxi r-rwoli multipli li jaqdu l-awtoritajiet lokali bħala promoturi ta' approċċ territorjali għall-iżvilupp lokali, inklużi l-proċessi ta' deċentralizzazzjoni, il-parteċipazzjoni u r-responsabbiltà, u tkompli ssaħħaħ l-appoġġ tagħha għall-bini tal-kapaċità tal-awtoritajiet lokali.
- (23) Jenħtieġ li l-Unjoni tipprovdi appoġġ għat-tranżizzjoni lejn l-adeżjoni għall-benefiċċju tal-Ukrajna, abbażi tal-esperjenza tal-Istati Membri. Tali kooperazzjoni jenħtieġ li tiffoka b'mod partikolari fuq il-kondiviżjoni tal-esperjenza li nkisbet mill-Istati Membri waqt il-proċessi tar-riforma tagħhom stess.
- (24) L-appoġġ taħt il-Faċilità jenħtieġ li jibni wkoll fuq u jimmassimizza s-sinerġiji ma' organizzazzjonijiet ewlenin li jappoġġaw ir-riformi u r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna, bħall-Bank Ewropew tal-Investment, il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, il-Bank Dinji, l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi, u l-Fond Monetarju Internazzjonali.
- (25) Minħabba l-inċertezzi marbuta mal-gwerra, huwa xieraq li l-Faċilità tkun tista' tipprovdi appoġġ lill-Ukrajna f'ċirkostanzi eċċezzjonali debitament ġustifikati, b'mod partikolari fil-każ ta' deterjorament sinifikanti tal-gwerra, u sabiex tinżamm l-istabbiltà makrofinanzjarja tagħha u biex tiġi żgurata l-kisba tal-oġettivi tal-Faċilità. Tali finanzjament eċċezzjonali jenħtieġ li jiġi pprovdut biss, permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni, jekk jiġi konkluż li huwa impossibbli għall-Ukrajna li tissodisfa l-kundizzjonijiet marbuta mal-forom ta' appoġġ skont dan ir-Regolament, meta tkun il-benefiċjarju tal-appoġġ, u jenħtieġ li tiegħaf hekk kif it-twettiq tal-kundizzjonijiet jerġa' jsir possibbli. Jenħtieġ li tali finanzjament ma jaffettwax il-finanzjament minn strumenti speċifiċi oħra tal-Unjoni li jenħtieġ li jiġu mobilizzati f'każ ta' diżastri naturali jew emerġenzi umanitarji jew tal-protezzjoni ċivili oħra.

- (26) Il-qafas ta' politika tat-tkabbir definit mill-Kunsill Ewropew u mill-Kunsill, il-ftehim ta' assoċjazzjoni, il-ftehim ta' sħubija u kooperazzjoni, il-ftehimiet multilaterali li għalihom l-Unjoni hija parti u ftehimiet oħra li jistabbilixxu relazzjoni legalment vinkolanti mal-Ukrajna, kif ukoll ir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew, il-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni u l-komunikazzjonijiet konġunti tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà jenħtieġ li jikkostitwixxu l-qafas ta' politika ġenerali għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura l-koerenza bejn l-assistenza taħt il-Faċilità u l-qafas ta' politika tat-tkabbir.
- (27) L-Artikolu 49 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jipprevedi li kwalunkwe Stat Ewropew li jirrispetta l-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, u li huwa impenjat li jippromwovi dawk il-valuri jista' japplika biex isir membru tal-Unjoni. Dawk il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà li fiha jipprevalu l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel.
- (28) Stat Ewropew li jkun applika biex jissieħeb fl-Unjoni jista' jsir membru tal-Unjoni biss meta jiġi kkonfermat li jissodisfa kompletament il-kriterji ta' adeżjoni stabbiliti fil-Kunsill Ewropew ta' Copenhagen f'Ġunju 1993 (il-“kriterji ta' Copenhagen”) u dment li l-Unjoni jkollha l-kapaċità li tintegra lill-membri l-ġdid. Il-kriterji ta' Copenhagen huma relatati mal-istabbiltà tal-istituzzjonijiet li jggarantixxu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u r-rispett għall-minoranzi u l-protezzjoni tagħhom, l-eżistenza ta' ekonomija tas-suq li tiffunzjona kif ukoll il-kapaċità li jlaħħaq mal-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fl-Unjoni, u l-abbiltà li jassumi mhux biss id-drittijiet iżda wkoll l-obbligi stabbiliti fit-Trattati, inkluż l-ilħuq tal-għanijiet ta' unjoni politika, ekonomika u monetarja.
- (29) Huwa fl-interess komuni tal-Unjoni u tal-Ukrajna li javvanzaw l-isforzi tal-Ukrajna biex tirrifirma s-sistemi politiċi, legali u ekonomiċi tagħha bil-ħsieb ta' sħubija fl-Unjoni. Il-kunsiderazzjonit tal-Ukrajna bħala kandidat għall-adeżjoni huwa investiment strateġiku tal-Unjoni fil-paċi, is-sigurtà, l-istabbiltà u l-prosperità fl-Ewropa u jippermetti li l-Unjoni tkun f'pożizzjoni aħjar biex tindirizza l-isfidi globali. Jipprovdi wkoll aktar opportunitajiet ekonomiċi u kummerċjali għall-benefiċċju reċiproku tal-Unjoni u tal-Ukrajna, filwaqt li jappoġġa trasformazzjoni gradwali tal-pajjiż. Il-prospett ta' sħubija fl-Unjoni għandu effett trasformattiv qawwi, li jintroduċi bidla pożittiva demokratika, politika, ekonomika u soċjali.
- (30) It-tħaddin tal-valuri ewlenin Ewropej u l-impenn lejhom huma għażla u huma essenzjali għall-aspirazzjoni tal-Ukrajna li tissieħeb fl-Unjoni. F'konformità ma' dan, l-Ukrajna jenħtieġ li tieħu sjieda u timpenja ruħha bis-sħiħ għall-valuri Ewropej kif ukoll li tiddefendi ordni globali bbażat fuq regoli u valuri u ssegwi b'mod vigoruż ir-riformi meħtieġa fl-interess tal-poplu tagħha.
- (31) Ir-rikostruzzjoni mill-ħsara kkawżata mill-gwerra ta' aggressjoni Russa ma tistax tkun limitata għall-bini mill-ġdid bl-istess mod ta' dak li nqered qabel il-gwerra. Ir-rikostruzzjoni toffri opportunità biex l-Ukrajna tiġi appoġġata fil-proċess ta' integrazzjoni tagħha fis-Suq Uniku u fl-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali sostenibbli tagħha, f'konformità mal-politiki tal-Unjoni. Il-Faċilità jenħtieġ li tippromwovi r-rikostruzzjoni b'mod li timmodernizza u ttejjeb l-ekonomija u s-soċjetà tal-Ukrajna, filwaqt li tibni fuq ir-regoli u l-istandards tal-Unjoni, billi tinvesti fit-

tranżizzjoni tal-Ukrajna lejn ekonomija ekoloġika, diġitali u inklużiva u fl-irkupru, ir-rikostruzzjoni u l-modernizzazzjoni tal-infrastruttura kritika, il-kapaċità produttiva u l-kapital uman tagħha b'mod reżiljenti.

- (32) Il-Faċilità jenħtieġ li tikkontribwixxi għall-aderenza mal-Ftehim ta' Pariġi u l-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Diversità Bijoloġika u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni u jenħtieġ li ma tikkontribwixxix għad-degradazzjoni ambjentali jew tikkawża ħsara lill-ambjent jew lill-klima. B'mod partikolari, il-finanzjament allokat fil-kuntest tal-Faċilità jenħtieġ li jkun koerenti mal-għan fit-tul li ż-żieda fit-temperatura medja globali tinżamm sew taħt it-2°C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u li jitkomplew l-isforzi biex iż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal 1,5°C. Jenħtieġ li jkun koerenti wkoll mal-oġettiv li tiżdied il-kapaċità ta' adattament għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima u titrawwem ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima, u bl-appoġġ tal-konservazzjoni tal-bijodiversità, l-ekonomija ċirkolari u t-tniġġis zero. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-azzjonijiet li jgħolqu kobenefiċċji u li jilhqqu oġettivi multipli, inkluż għall-klima, il-bijodiversità u l-ambjent.
- (33) F'dan il-kuntest, il-miżuri ffinanzjati mill-Faċilità jenħtieġ li jkunu ggwidati mill-prinċipji ta' "la tagħmilx ħsara" u "ħadd ma jitħalla jibqa' lura".
- (34) L-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tkun iggwidata mill-prinċipji tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, kif elaborati fl-istrateġiji tal-Unjoni għall-Ugwaljanza. Jenħtieġ li tippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet, u tfittex li tipproteġi u tippromwovi d-drittijiet tan-nisa u tal-bniet f'konformità mal-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneru u l-konklużjonijiet rilevanti tal-Kunsill u l-konvenzjonijiet internazzjonali. L-implimentazzjoni tal-Faċilità jenħtieġ li tkun konformi mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u tiżgura l-aċċessibbiltà fl-investimenti u l-assistenza teknika tagħha.
- (35) It-tisħiħ tal-istat tad-dritt, inkluż l-indipendenza tal-ġudikatura, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-ħasil tal-flus u l-kriminalità organizzata, kif ukoll it-trasparenza, il-governanza tajba fil-livelli kollha, is-salvagwardja tal-media libera u pluralistika u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni, it-tisħiħ tar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, inkluż fl-oqsma tal-akkwist pubbliku, il-kompetizzjoni u l-għajnuna mill-Istat, jibqgħu sfidi ewlenin u huma essenzjali biex l-Ukrajna toqrob lejn l-Unjoni u tħejji ruħha biex tassumi bis-sħiħ l-obbligi tas-sħubija fl-Unjoni. Fid-dawl tan-natura aktar fit-tul tar-riformi segwiti f'dawk l-oqsma u l-ħtieġa li jinbnew riżultati tajbin, l-appoġġ taħt il-Faċilità tal-Ukrajna jenħtieġ li jindirizza dawk il-kwistjonijiet malajr kemm jista' jkun.
- (36) F'konformità mal-prinċipju tad-demokrazija parteċipattiva, jenħtieġ li l-Unjoni tinkoraġġixxi t-tisħiħ tal-kapaċitajiet parlamentari, is-sorveljanza parlamentari, il-proċeduri demokratiċi u r-rappreżentanza ġusta fl-Ukrajna.
- (37) Il-kooperazzjoni strateġika u operazzjonali msaħħa bejn l-Unjoni u l-Ukrajna dwar is-sigurtà hija kruċjali biex jiġu indirizzati b'mod effettiv u effiċjenti t-theddid għas-sigurtà, il-kriminalità organizzata u t-terroriżmu.
- (38) L-azzjonijiet taħt il-Faċilità tal-Ukrajna jenħtieġ li jappoġġaw ukoll, fejn xieraq, miżuri u proċessi għall-bini tal-fiduċja li jippromwovu l-ġustizzja, it-tiftix tal-verità, ir-riparazzjonijiet u l-garanziji ta' nonrikorrenza kif ukoll il-ġbir ta' evidenza ta' delitti mwettqa matul il-gwerra.

- (39) L-appoġġ taħt il-Faċilità jenħtieġ li jkun disponibbli taħt il-prekundizzjoni li l-Ukrajna tkompli tirrispetta l-mekkaniżmi u l-istituzzjonijiet demokratiċi effettivi, inkluż sistema parlamentari b'diversi partiti, u l-istat tad-dritt, u biex tiggarrantixxi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi.
- (40) L-appoġġ taħt il-Faċilità tal-Ukrajna, inkluż fit-triq tal-Ukrajna lejn l-adeżjoni, jenħtieġ li jiġi pprovdut biex jintlaħqu l-oġġettivi ġenerali u speċifiċi, abbażi ta' kriterji stabbiliti u b'kundizzjonalitajiet ċari.
- (41) L-oġġettivi ġenerali tal-Faċilità tal-Ukrajna jenħtieġ li jkunu li tassisti lill-Ukrajna fl-indirizzar tal-konsegwenzi soċjali, ekonomiċi u ambjentali tal-gwerra, filwaqt li tikkontribwixxi għar-rikostruzzjoni, inkluż l-irkupru, u l-modernizzazzjoni tal-pajjiż; fit-trawwim tar-reżiljenza soċjali, ekonomika u ambjentali u l-integrazzjoni progressiva fl-Unjoni u fl-ekonomija u s-swieq globali; u fit-tħejjija tal-Ukrajna għal sħubija futura fl-Unjoni billi tappoġġa l-proċess ta' adeżjoni tagħha. Tali oġġettivi jenħtieġ li jiġu segwiti b'mod li jirrinforza lil xulxin b'mod reċiproku.
- (42) F'konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, il-Faċilità jenħtieġ li tappoġġa s-solidarjetà, l-integrazzjoni u l-ġustizzja soċjali bl-għan li toħloq u ssostni impjiegi ta' kwalità u tkabbir sostenibbli, tiżgura l-ugwaljanza tal-opportunitajiet u l-protezzjoni soċjali u l-aċċess għalihom, tipproteġi l-gruppi vulnerabbli u ttejjeb l-istandards tal-għajxien. Il-Faċilità jenħtieġ li tikkontribwixxi wkoll għall-ġlieda kontra l-faqar u l-indirizzar tal-qgħad u twassal għall-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, l-inklużjoni u l-integrazzjoni ta' gruppi żvantaġġati. Il-Faċilità jenħtieġ li tipprevedi opportunitajiet ta' investiment fil-ħiliet inkluż permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali bl-għan li l-forza tax-xogħol tittejjja għat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi. Jenħtieġ li tippermetti wkoll it-tiżiħ tad-djalogu soċjali, l-infrastruttura u s-servizzi.
- (43) Il-Faċilità jenħtieġ li tiżgura l-konsistenza mal-oġġettivi ġenerali tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-komplementarjetà magħhom, inkluż ir-rispett għad-drittijiet u l-prinċipji fundamentali kif ukoll il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-prinċipji fundamentali tal-istat tad-dritt, inkluż dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-ġudikatura, l-amministrazzjoni pubblika u l-governanza tajba.
- (44) Minħabba l-inċertezzi marbuta mal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja, jenħtieġ li l-Faċilità tkun strument flessibbli li jippermetti lill-Unjoni tindirizza l-ħtiġijiet tal-Ukrajna permezz ta' sett ta' għodod diversifikat li jipprovdi finanzjament tal-Istat Ukren, appoġġ għal prijoritajiet ta' rkupru u rikostruzzjoni fuq terminu qasir, appoġġ għall-investimenti u aċċess għall-finanzi, kif ukoll assistenza teknika u bini tal-kapaċità u attivitajiet rilevanti oħra.
- (45) Jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni jiġi organizzat madwar tliet pilastri, jiġifieri (i) appoġġ finanzjarju lill-Istat Ukren għall-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti, kif ukoll biex tinżamm l-istabbiltà makrofinanzjarja tal-pajjiż, kif stabbilit fil-Pjan għall-Ukrajna; (ii) Qafas ta' Investiment tal-Ukrajna biex jiġu mmobilizzati l-investimenti u jissaħħaħ l-aċċess għall-finanzjament; (iii) assistenza għall-adeżjoni biex jiġu mobilizzati l-għarfien espert tekniku u l-bini tal-kapaċità.
- (46) Peress li l-ħtiġijiet ta' rkupru, rikostruzzjoni u modernizzazzjoni huma sostanzjali, u ma jistgħux jiġu koperti mill-baġit tal-Unjoni biss, jenħtieġ li kemm l-investimenti pubbliċi kif ukoll dawk privati jkollhom rwol. Il-Faċilità jenħtieġ li tippermetti l-

mobilizzazzjoni ta' investimenti kemm pubbliċi kif ukoll privati u jenħtieġ li tippermetti l-possibbiltà li jiżdied l-appoġġ għall-investimenti fir-rikostruzzjoni fit-tul meta ċ-ċirkostanzi jippermettu, filwaqt li jitqiesu wkoll l-implimentazzjoni u l-kapaċità ta' assorbiment tal-Ukrajna.

- (47) L-ammont massimu globali għall-appoġġ tal-Unjoni għall-Faċilità jenħtieġ li jkun ta' EUR 50 biljun fi prezzijiet attwali għall-perjodu mill-2024 sal-2027, għat-tipi kollha ta' appoġġ. Fid-dawl ta' ċirkostanzi li qed jevolvu u tal-oġġettivi tal-Faċilità nnifisha, l-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jipprovdi bilanċ bejn il-flessibbiltà u l-programmabbiltà.
- (48) Fir-rigward tal-appoġġ tal-Unjoni, għajr fil-forma ta' self, jenħtieġ li dan ir-Regolament jiġi ffinanzjat mir-Riżerva tal-Ukrajna u f'konformità magħha, kif propost fl-emenda għar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093¹⁷, sa EUR 50 biljun għall-perjodu mill-2024 sal-2027. Tali ammont massimu ma jikkostitwixxi l-ammont ta' referenza primarja, fis-sens tal-punt 18 tal-Ftehim Interistituzzjonali ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda, għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill matul il-proċedura baġitarja annwali.
- (49) Jenħtieġ li l-mobilizzazzjoni tar-Riżerva tal-Ukrajna jkollha l-għan li tipprovdi mill-inqas ammont indikattiv annwali għall-appoġġ, għajr fil-forma ta' self, f'konformità mal-Artikolu 10b tal-emenda proposta għar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093¹⁸.
- (50) Fil-qafas tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni, adottati abbażi tal-Artikolu 29 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u 215(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), l-ebda fondi jew riżorsi ekonomiċi ma jistgħu jsiru disponibbli, direttament jew indirettament, lil jew għall-benefiċċju ta' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi indikati. Għalhekk, tali entitajiet deżinjati, u entitajiet li huma proprjetà tagħhom jew ikkontrollati minnhom, ma jistgħux jiġu appoġġati mill-Faċilità.
- (51) L-appropriazzjonijiet ta' impenn u l-appropriazzjonijiet ta' pagament korrispondenti mir-Riżerva tal-Ukrajna jenħtieġ li jiġu mobilizzati kull sena fil-baġit lil hinn mil-limiti massimi tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali.
- (52) Għall-parti tal-appoġġ tal-Faċilità tal-Ukrajna pprovduta fil-forma ta' self, huwa xieraq li l-garanzija tal-baġit tal-Unjoni tiġi estiża biex tkopri l-assistenza finanzjarja li ssir disponibbli għall-Ukrajna, awtorizzata f'konformità mal-Artikolu 220(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁹. B'konsegwenza ta' dan, l-emenda għar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093²⁰ tipproponi li jiġu mobilizzati l-appropriazzjonijiet meħtieġa fil-baġit tal-Unjoni lil hinn mil-limiti massimi tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-assistenza finanzjarja lill-Ukrajna disponibbli sa tmiem l-2027.

¹⁷ COM(2023)337 final.

¹⁸ Ibidem.

¹⁹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

²⁰ COM(2023) 337 final

- (53) Filwaqt li jiġi rrispettat il-prinċipju li l-baġit tal-Unjoni jiġi stabbilit kull sena, jenħtieġ li tiġi żgurata l-possibbiltà li jiġu applikati l-flessibbiltajiet f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 għal politiki oħra, jiġifieri għar-riporti u għar-riimpenji tal-fondi, biex jiġi żgurat l-użu effiċjenti tal-fondi tal-Unjoni, u b'hekk jiġu massimizzati l-fondi tal-Unjoni disponibbli taħt il-Faċilità.
- (54) Ir-restrizzjonijiet tal-eliġibbiltà fil-proċeduri tal-għoti taħt il-Faċilità jenħtieġ li jkunu permessi minħabba n-natura speċifika tal-attività jew meta l-attività taffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku.
- (55) Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni effiċjenti tal-Faċilità, inkluż il-faċilitazzjoni tal-integrazzjoni tal-Ukrajna fil-ktajjen tal-valur Ewropej, il-provvisti u l-materjali kollha ffinanzjati u akkwistati taħt din il-Faċilità jenħtieġ li joriġinaw mill-Istati Membri, l-Ukrajna, il-partijiet kontraenti għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi koperti mill-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/947 u l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/1529 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u pajjiżi li għalihom l-aċċess reċiproku għall-assistenza esterna fl-Ukrajna huwa stabbilit mill-Kummissjoni, sakemm il-provvisti u l-materjali ma jkunux jistgħu jinkisbu b'kundizzjonijiet raġonevoli fi kwalunkwe wieħed minn dawk il-pajjiżi.
- (56) Jenħtieġ li l-Unjoni tfittex l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi disponibbli sabiex tottimizza l-impatt tal-azzjoni esterna tagħha. Dan jenħtieġ li jinkiseb permezz ta' koerenza, konsistenza u komplementarjetà mal-istrumenti ta' finanzjament estern l-oħra tal-Unjoni, kif ukoll permezz ta' sinerġiji ma' politiki u programmi oħra tal-Unjoni. Sabiex jiġi massimizzat l-impatt tal-interventi kkombinati biex jinkiseb objettiv komuni, jenħtieġ li jiġi previst li l-Faċilità jenħtieġ li tkun tista' tikkontribwixxi għal azzjonijiet taħt programmi oħra.
- (57) Jenħtieġ li l-Unjoni tippromwovi approċċ multilaterali, ibbażat fuq ir-regoli u bbażat fuq il-valuri għall-oġġetti u l-isfidi globali u jenħtieġ li tikkooopera mal-Istati Membri, mal-pajjiżi sħab, mal-organizzazzjonijiet internazzjonali u ma' donaturi oħra f'dak ir-rigward.
- (58) Fid-dawl tal-ħtieġa li jiġi kkoordinat l-appoġġ internazzjonali għall-irkupru, ir-rikostruzzjoni u l-modernizzazzjoni tal-Ukrajna, jenħtieġ li jkun possibbli li l-Istati Membri, il-pajjiżi terzi, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali jew sorsi oħra jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Faċilità. Tali kontribuzzjonijiet jenħtieġ li jiġu implimentati f'konformità mal-istess regoli u kundizzjonijiet u jenħtieġ li jikkostitwixxu dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(a)(ii), (d) u (e) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.
- (59) Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw il-konformità, il-koerenza, il-konsistenza u l-komplementarjetà tal-assistenza tagħhom, b'mod partikolari permezz ta' konsultazzjonijiet regolari u skambji frekwenti ta' informazzjoni matul il-fażijiet differenti taċ-ċiklu tal-assistenza, inkluż f'livell lokali. Fid-dawl tal-preżenza ta' diversi donaturi internazzjonali, jenħtieġ li jittieħdu wkoll il-passi meħtieġa biex jiġu żgurati koordinazzjoni u komplementarjetà aħjar ma' donaturi oħra, inkluż permezz ta' konsultazzjonijiet regolari. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li l-Pjattaforma ta' Koordinazzjoni tad-Donaturi b'Diversi Aġenziji tintuża bħala forum diġà stabbilit għal tali skambju.
- (60) Ir-regoli finanzjarji orizzontali adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fuq il-bażi tal-Artikolu 322 tat-TFUE jenħtieġ li japplikaw għal dan ir-Regolament. Dawk ir-regoli huma stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 u jiddeterminaw

b'mod partikolari l-proċedura għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit permezz ta' għotjiet, premjijiet, akkwist, ġestjoni indiretta, strumenti finanzjarji, garanziji baġitarji, assistenza finanzjarja u r-rimborż ta' esperti esterni, u jipprevedu kontrolli dwar ir-responsabbiltà tal-atturi finanzjarji.

- (61) It-tipi ta' finanzjament u l-metodi ta' implimentazzjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jintgħażlu abbażi tal-kapaċità tagħhom li jiksbu l-oġettivi tal-Faċilità u li jagħtu r-riżultati, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari, il-kostijiet tal-kontrolli, il-piżijiet amministrattivi, u r-riskju mistenni ta' nuqqas ta' konformità. Dan jenħtieġ li jinkludi kunsiderazzjoni tal-użu ta' somom f'daqqa, rati fissi u kostijiet unitarji, kif ukoll finanzjament mhux marbut ma' kostijiet kif imsemmi fl-Artikolu 125(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.
- (62) Jenħtieġ li jiġi konkluż ftehim Qafas mal-Ukrajna biex jiġu stabbiliti l-prinċipji tal-kooperazzjoni finanzjarja bejn l-Unjoni u l-Ukrajna, inklużi l-mekkaniżmi meħtieġa għall-kontroll u l-awditjar tal-infiq. Il-ftehimiet ta' finanzjament u self jenħtieġ li jiġu konklużi wkoll mal-Ukrajna, fejn xieraq skont kull pilastru, biex jiġu definiti l-kundizzjonijiet għar-rilaxx tal-fondi.
- (63) B'deroga mill-ewwel, it-tieni u r-raba' subparagrafi tal-Artikolu 209(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, huwa xieraq li l-ħlasijiet lura u d-dħul iġġenerat minn strument finanzjarju jenħtieġ li jikkostitwixxu dħul assenjat intern lill-Faċilità jew il-programm suċċessur tagħha.
- (64) B'deroga mill-Artikolu 213(4)(a) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, huwa xieraq li s-surplus mid-dispożizzjonijiet għall-Garanzija tal-Ukrajna jenħtieġ li jikkostitwixxi dħul assenjat intern għall-Faċilità jew għall-programm suċċessur tagħha.
- (65) Taħt il-Pilastru I tal-Faċilità, jenħtieġ li jiġi pprovdut finanzjament biex jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna li jistabbilixxi l-aġenda ta' riforma u investiment tal-Ukrajna lejn il-kisba tal-oġettivi ġenerali u speċifiċi tal-Faċilità, li jenħtieġ li jiġu integrati wkoll f'qafas ta' politika ekonomika u fiskali. Il-finanzjament taħt dan il-pilastru jenħtieġ li jiġi pprovdut meta jiġu ssodisfati b'mod sodisfaċenti l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Pjan.
- (66) Jenħtieġ li l-Ukrajna tħejji l-Pjan bħala rispons koerenti, komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għall-bini mill-ġdid u l-immodernizzar tal-Ukrajna, filwaqt li tappoġġa l-irkupru ekonomiku, soċjali u ambjentali tagħha u l-progress tagħha lejn l-adeżjoni mal-Unjoni. Bħala tali, il-Pjan għall-Ukrajna jipprovdi wkoll bażi għal donaturi oħra biex jidentifikaw l-oqsma ta' finanzjament ta' prijorità għar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna u jrawmu s-sjieda, il-koerenza u kontribuzzjonijiet addizzjonali għal dak l-għan. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-Ukrajna tiżgura li l-Pjan kif imħejji jkopri l-ħtiġijiet ta' rkupru, rikostruzzjoni u modernizzazzjoni tagħha b'mod integrat, filwaqt li tidentifika sa liema punt il-miżuri tal-Pjan huma mistennija li jiġu ffinanzjati mill-Unjoni permezz tal-Faċilità. Fit-tħejjija tal-Pjan, jenħtieġ li l-Ukrajna tqis l-appoġġ ipprovdut taħt programmi oħra tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-Ukrajna tiżviluppa l-Pjan tagħha li jiżgura li donaturi oħra jkun jistgħu jikkontribwixxu għall-appoġġ tal-miżuri tal-Pjan, inkluż billi jiżdied il-finanzjament disponibbli taħt il-Faċilità.
- (67) Filwaqt li l-Pjan għall-Ukrajna jenħtieġ li jikkostitwixxi l-baży għall-appoġġ ipprovdut taħt l-ewwel pilastru tal-Faċilità, jenħtieġ li jipprovdi wkoll referenza għall-appoġġ li għandu jiġi pprovdut taħt it-tieni u t-tielet pilastri tal-Faċilità. Jenħtieġ li l-miżuri

ffinanzjati taħt it-tieni u t-tielet pilastru jappoġġaw l-oġġettivi u l-implimentazzjoni tal-Pjan.

- (68) Jenħtieġ li l-Pjan għall-Ukrajna jinkludi miżuri ta' riforma u ta' investiment, flimkien mal-passi kwalitattivi u kwantitattivi li jiġġustifikaw it-twettiq sodisfaċenti ta' dawk il-miżuri, u skeda ta' żmien indikattiva għall-implimentazzjoni ta' dawk il-miżuri. Il-miżuri li bdew mill-1 ta' Jannar 2023 'il quddiem jenħtieġ li jkunu eliġibbli.
- (69) Jenħtieġ li l-Pjan jistabbilixxi kundizzjonijiet li jirriflettu l-progress li mistenni jsir fl-implimentazzjoni tal-miżuri li fih. Dawk il-kundizzjonijiet jenħtieġ li jieħdu l-forma ta' passi kwalitattivi jew kwantitattivi. Jenħtieġ li dawn il-passi jiġu ppjanati għal mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2027, għalkemm it-tlestija ġenerali tal-miżuri li għalihom jirreferu dawn il-passi tista' testendi lil hinn mill-2027. Minħabba l-ħtieġa li tiġi żgurata l-istabbiltà makrofinanzjarja tal-Ukrajna filwaqt li jiġu appoġġati l-isforzi tagħha ta' rkupru, rikostruzzjoni u modernizzazzjoni fid-dawl tal-adeżjoni mal-Unjoni, jenħtieġ li l-Pjan, b'mod partikolari, jinkludi kundizzjonijiet marbuta ma' (i) rekwiżiti essenzjali, bħall-istabbiltà makrofinanzjarja, is-sorveljanza baġitarja, u l-ġestjoni finanzjarja pubblika, li jistgħu jiġu definiti sabiex jirriflettu l-progress sodisfaċenti lejn it-twettiq; u (ii) riformi u investimenti settorjali u strutturali stabbiliti fil-Pjan. Il-pagamenti jenħtieġ li jkunu strutturati kif xieraq madwar tali kategoriji ta' kundizzjonijiet, li jirriflettu l-oġġettivi tal-Faċilità.
- (70) It-tnejn u l-implimentazzjoni tal-Pjan mill-Ukrajna jenħtieġ li jqisu b'mod partikolari s-sitwazzjoni fir-reġjuni u l-muniċipalitajiet tal-Ukrajna, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom għall-irkupru u r-rikostruzzjoni, ir-riforma, il-modernizzazzjoni u d-deċentralizzazzjoni, u jenħtieġ li jsiru f'konsultazzjoni mal-awtoritajiet reġjonali, lokali, urbani u awtoritajiet pubbliċi oħra, f'konformità mal-prinċipju tal-governanza f'diversi livelli u filwaqt li jitqies approċċ minn isfel għal fuq. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-Pjan b'mod partikolari jsaħħaħ l-iżvilupp ekonomiku, soċjali, ambjentali u territorjali tar-reġjuni u l-muniċipalitajiet tal-Ukrajna, jappoġġa r-riforma tad-deċentralizzazzjoni madwar l-Ukrajna u l-konverġenza lejn l-istandards tal-Unjoni; jenħtieġ li jiżgura wkoll l-involviment tal-awtoritajiet sottonazzjonali, b'mod partikolari l-muniċipalitajiet, fit-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-użu tal-appoġġ fil-proċess ta' rikostruzzjoni fil-livell lokali, u li l-proġetti ta' rikostruzzjoni magħżula u implimentati minn tali awtoritajiet sottonazzjonali jikkostitwixxu sehem sostanzjali adegwat tal-appoġġ.
- (71) Jenħtieġ li l-Pjan jinkludi wkoll spjegazzjoni tas-sistema tal-Ukrajna biex tipprevjeni, tidentifika u tikkoreġi b'mod effettiv l-irregolaritajiet, il-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess, meta jintużaw il-fondi pprovduti fl-ambitu tal-Faċilità, u l-arranġamenti li għandhom l-għan li jevitaw finanzjament doppju mill-Faċilità u minn programmi oħra tal-Unjoni kif ukoll minn donaturi oħra. Jenħtieġ li l-miżuri skont il-Pjan, fejn xieraq, jikkontribwixxu għall-iżgurar ta' sistema effiċjenti ta' ġestjoni u kontroll. Jenħtieġ li tali miżuri jiġu implimentati mill-Ukrajna sa data indikattiva li tista' tiġi stabbilita, kif xieraq skont kull miżura, matul il-ħajja tal-Faċilità.
- (72) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-Pjan għall-Ukrajna abbażi tal-lista ta' kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament. Fid-dawl tal-importanza tal-effetti finanzjarji tal-appoġġ għall-Pjan għall-Ukrajna, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kunsill. F'każ ta' valutazzjoni pożittiva tal-Pjan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta proposta għall-approvazzjoni tal-Pjan mill-Kunsill.
- (73) Minħabba l-inċertezzi u l-ħtieġa ta' flessibbiltà fl-implimentazzjoni tal-Faċilità, jenħtieġ li jkun possibbli li l-Ukrajna tagħmel talba motivata lill-Kummissjoni biex

tagħmel proposta biex temenda d-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill, fejn il-Pjan għall-Ukrajna, inklużi l-passi kwalitattivi u kwantitattivi rilevanti, ma jkunx għadu jista' jinkiseb mill-Ukrajna, la parzjalment u lanqas totalment, minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Il-Kummissjoni tista', bi qbil mal-Ukrajna, tagħmel ukoll proposta biex temenda d-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill, b'mod partikolari biex tqis bidla fl-ammonti disponibbli. Jenħtieġ ukoll li l-Ukrajna tkun tista' tagħmel talba motivata biex temenda l-Pjan, inkluż billi tipproponi addenda fejn rilevanti, biex tqis il-finanzjament addizzjonali disponibbli minn donaturi oħra jew minn sorsi oħra, bħal dħul iġġenerat fuq assi Russi ffriżati u immobilizzati.

- (74) Jenħtieġ li l-appoġġ finanzjarju għall-Pjan għall-Ukrajna jkun possibbli fil-forma ta' self. Fil-kuntest tal-ħtiġijiet ta' finanzjament urġenti tal-Ukrajna, huwa xieraq li tiġi organizzata l-assistenza finanzjarja taħt l-istrateġija ta' finanzjament diversifikata prevista fl-Artikolu 220a tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 u stabbilita bħala metodu uniku ta' finanzjament fih, li huwa mistenni li jtejjeb il-likwidità tal-bonds tal-Unjoni u l-attraenza u l-kosteffettività tal-ħruġ tal-Unjoni.
- (75) Minħabba s-sitwazzjoni tal-Ukrajna kkawżata mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja u biex l-Ukrajna tiġi appoġġata fit-triq tal-istabbiltà fit-tul tagħha, huwa xieraq li jingħata self lill-Ukrajna fuq termini konċessjonali ħafna b'durata massima ta' 35 sena u li ma jinbediex ir-ripagament tal-kapital qabel l-2034. Huwa xieraq ukoll li ssir deroga mill-Artikolu 220(5), il-punt (e), tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 u li l-Unjoni tingħata l-possibbiltà li tkopri, għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2027, il-kostijiet tar-rata tal-imgħax (il-kost tal-finanzjament u l-kost tal-ġestjoni tal-likwidità) u li tiffinanzja l-kostijiet amministrattivi (il-kost tas-servizz għall-kostijiet ġenerali amministrattivi) li altrimenti jiġġarrbu mill-Ukrajna. Is-sussidju tal-kostijiet tas-self jenħtieġ li jingħata bħala strument meqjus xieraq biex tiġi żgurata l-effettività tal-appoġġ taħt il-Faċilità skont it-tifsira tal-Artikolu 220(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.
- (76) Jenħtieġ li jkun possibbli għall-Ukrajna li titlob is-sussidju tar-rata tal-imgħax u r-rinunza tal-kostijiet amministrattivi kull sena.
- (77) Jenħtieġ li l-obbligazzjoni finanzjarja minn self skont dan ir-Regolament ma tkunx appoġġata mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna, b'deroga mit-tieni sentenza tal-Artikolu 31(3) tar-Regolament (UE) 2021/947. It-tip ta' appoġġ ta' self taħt il-Faċilità jenħtieġ li jikkostitwixxi assistenza finanzjarja skont it-tifsira tal-Artikolu 220(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046. Meta jitqiesu r-riskji finanzjarji u l-kopertura baġitarja, jenħtieġ li ma jiġi kkostitwit l-ebda proviżjonament għall-assistenza finanzjarja fil-forma ta' self taħt il-Faċilità, kif propost li jiġi garantit lil hinn mil-limiti massimi, u, b'deroga mill-Artikolu 211(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, jenħtieġ li ma tiġi stabbilita l-ebda rata ta' proviżjonament.
- (78) Huwa importanti li jiġu ggarantiti kemm il-flessibbiltà u l-programmabbiltà kif ukoll l-istabbiltà fl-għoti ta' appoġġ tal-Unjoni lill-Ukrajna. Għal dak l-għan, il-pagamenti taħt il-Faċilità jenħtieġ li jsiru skont skeda fissa trimestrali, soġġett għad-disponibbiltà ta' finanzjament, abbażi ta' talba għal pagament ippreżentata mill-Ukrajna u wara verifika mill-Kummissjoni tal-issodisfar tal-kundizzjonijiet rilevanti. F'każ li kundizzjoni ma tiġix issodisfata f'konformità mal-iskeda ta' żmien indikattiva stabbilita fid-deċiżjoni li tapprova l-Pjan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tnaqqas mill-pagament ammont li jikkorrispondi għal dawk il-kundizzjonijiet. L-iżborż tal-fondi miżmuma korrispondenti jista' jsir matul il-perjodu ta' pagament li jmiss u sa tnax-il

xahar wara l-iskadenza oriġinali stabbilita fl-iskeda ta' żmien indikattiva, dment li l-kundizzjonijiet ikunu ġew issodisfati.

- (79) Sabiex jiġi żgurat li l-Ukrajna jkollha aċċess għal finanzjament suffiċjenti biex taqdi l-ħtiġijiet ta' stabbiltà makrofinanzjarja tagħha u tibda l-irkupru, ir-rikostruzzjoni u l-modernizzazzjoni tal-pajjiż, jenħtieġ li l-Ukrajna jkollha aċċess għal sa 7% tal-appoġġ finanzjarju u s-self mhux ripagabbli fil-forma ta' prefinanzjament, soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament u għar-rispett tal-prekundizzjoni għall-appoġġ lill-Ukrajna taħt il-Faċilità.
- (80) B'deroga mill-Artikolu 116(2) u (5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, huwa xieraq li tiġi stabbilita l-iskadenza tal-pagament li tibda mid-data tal-komunikazzjoni tad-deċiżjoni li tawtorizza l-iżborż lill-Ukrajna u li jiġi eskluż il-pagament ta' imgħax ta' inadempjenza mill-Kummissjoni lill-Ukrajna.
- (81) It-trasparenza fl-implimentazzjoni tal-Faċilità hija rekwiżit importanti tal-appoġġ tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-Ukrajna tippubblika *data* darbtejn fis-sena dwar persuni u entitajiet li jirċievu ammonti ta' finanzjament li jaqbżu l-ekwivalenti ta' EUR 500 000 għall-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti speċifikati fil-Pjan għall-Ukrajna. Jenħtieġ li l-informazzjoni ma tiġix ippubblikata meta d-divulgazzjoni tirriskja li thedded id-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni jew l-entitajiet ikkonċernati jew li tagħmel ħsara serja lill-interessi kummerċjali tar-riċevituri. Jenħtieġ li l-Ftehim qafas jinkludi regoli preċiżi u skeda ta' żmien dwar il-ġbir ta' *data* mill-Ukrajna u l-aċċess għall-Kummissjoni u l-OLAF, inkluż fir-rigward tal-format tal-informazzjoni.
- (82) Taħt il-Pilastru II tal-Faċilità, jenħtieġ li jiġi stabbilit qafas ta' investiment, bl-għan li jappoġġa l-investimenti ta' rkupru u rikostruzzjoni mwettqa minn kumpaniji tas-settur privat, municiipalitajiet, intrapriżi tal-istat jew atturi oħra. Il-Qafas ta' Investiment tal-Ukrajna jenħtieġ li jindirizza l-prioritajiet identifikati fil-Pjan għall-Ukrajna, u jappoġġa l-oġettivi u l-implimentazzjoni tiegħu. Jenħtieġ li l-Qafas ta' Investiment tal-Ukrajna jinvolvi lill-awtoritajiet Ukreni fil-governanza tiegħu.
- (83) Il-qafas ta' investiment jenħtieġ li jikkostitwixxi pakkett finanzjarju integrat li jipprovdi kapaċità ta' finanzjament fil-forma ta' strumenti finanzjarji, garanziji baġitarji u operazzjonijiet ta' taħlit fl-Ukrajna. L-appoġġ taħt il-Qafas ta' Investiment tal-Ukrajna jenħtieġ li jiġi implimentat b'ġestjoni indiretta, b'mod partikolari bl-użu tal-kapaċitajiet finanzjarji u tekniċi tal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u tal-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej għall-iżvilupp, inkluża l-parteċipazzjoni tagħhom għar-riskju marbut mal-investimenti bir-riżorsi proprji tagħhom. Minħabba l-iskala tal-investimenti ta' rkupru u rikostruzzjoni fl-Ukrajna li se jeħtieġu kondiviżjoni tar-riskju, huwa meħtieġ li l-Unjoni tistabbilixxi kapaċità ta' garanzija ddedikata, il-Garanzija tal-Ukrajna. L-operazzjonijiet koperti mill-Garanzija tal-Ukrajna se jiġu implimentati f'konformità mal-Artikolu 208(4) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046. L-aġenziji tal-kreditu għall-esportazzjoni u istituzzjonijiet finanzjarji oħra li jipprovdu appoġġ għall-faċilitazzjoni tal-kummerċ jistgħu jaġixxu bħala intermedjarji finanzjarji. Fl-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-Garanzija tal-Ukrajna, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura koordinazzjoni mill-qrib mal-appoġġ implimentat fil-qafas tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2021/947.
- (84) Il-flessibbiltà tal-appoġġ permezz tal-Faċilità jenħtieġ li tissaħħaħ billi tiġi prevista implimentazzjoni flessibbli tal-Garanzija tal-Ukrajna, li tista' tingħata gradwalment. Huwa xieraq li ssir deroga mill-Artikolu 211(2), it-tieni sentenza, tat-tieni subparagrafu tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 biex il-konstituzzjoni tal-

proviżjonament sal-31 ta' Diċembru 2027 tkun tista' tkun ugwali għall-ammont ta' proviżjonament li jikkorrispondi għall-garanzija mogħtija minflok l-ammont ta' proviżjonament globali. Bħala parti mid-deroga, jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li l-proviżjonament jiġi kostitwit gradwalment biex jirrifletti l-progress fl-għażla u l-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment li jappoġġaw l-oġettivi tal-Faċilità, minflok ma tiġi riflessa d-dikjarazzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 211(2), it-tieni sentenza, tat-tieni subparagrafu tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.

- (85) Sabiex il-fondi taħt dan il-pilastru jintużaw b'mod effiċjenti, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tar-rata ta' proviżjonament għall-garanzija tal-Ukrajna. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Jenħtieġ li l-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal atti delegati, tiżgura t-trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
- (86) Taħt il-Pilastru III tal-Faċilità, l-appoġġ jenħtieġ li jkollu l-għan ewlieni li jallinja progressivament mar-regoli, l-istandards, il-politiki u l-prattiki tal-Unjoni ("l-acquis") bil-ħsieb ta' sħubija futura fl-Unjoni, u b'hekk jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna. F'dan il-proċess jenħtieġ li jitqiesu wkoll ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti ta' korpi internazzjonali, bħall-Kunsill tal-Ewropa u l-Kummissjoni ta' Venezja. L-appoġġ jenħtieġ li jkollu wkoll l-għan li jsaħħaħ il-partijiet ikkonċernati, inklużi s-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-kapaċitajiet tal-awtoritajiet lokali.
- (87) F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, ir-Regolament (UE, Euratom) 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95, (Euratom, KE) Nru 2185/96 u (UE) 2017/1939, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jridu jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inkluż miżuri relatati mal-prevenzjoni, is-sejbien, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, frodi, korruzzjoni, kunflitt ta' interess, finanzjament doppju, mal-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett.
- (88) B'mod partikolari, f'konformità mar-Regolamenti (Euratom, KE) Nru 2185/96 u (UE, Euratom) Nru 883/2013, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jenħtieġ li jkun f'pożizzjoni li jwettaq investigazzjonijiet amministrattivi, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.
- (89) F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, id-drittijiet u l-aċċess meħtieġa jenħtieġ li jingħataw lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u, fejn applikabbli, lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) fejn rilevanti, inkluż minn partijiet terzi involuti fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-Ukrajna tirrapporta wkoll irregolaritajiet fir-rigward tal-użu tal-fondi lill-Kummissjoni.
- (90) It-tisħiħ tas-sistemi ta' kontroll intern, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-promozzjoni tat-trasparenza, l-amministrazzjoni tajba, u l-ġestjoni effiċjenti tal-finanzi pubbliċi huma prijoritajiet importanti ta' riforma għall-Ukrajna u jenħtieġ li jiġu appoġġati mill-Faċilità.

- (91) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jkunu protetti b'mod effettiv taħt il-Faċilità. Għal dan l-għan, jenħtieġ li jitwaqqaf Bord tal-Verifika indipendenti biex jipprovdi lill-Kummissjoni b'informazzjoni dwar ġestjoni ħażina possibbli tal-fondi. Tali informazzjoni jenħtieġ li tkun disponibbli għall-OLAF u fejn xieraq għall-awtoritajiet Ukreni rilevanti. Il-Kummissjoni, bl-assistenza tad-delegazzjoni tal-Unjoni, jenħtieġ li tkun intitolata li twettaq kontrolli dwar kif l-Ukraina timplimenta l-fondi tul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja tal-proġett. Jenħtieġ li l-Bord tal-Verifika jiżgura djalogu u kooperazzjoni regolari mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri.
- (92) Filwaqt li hija primarjament ir-responsabbiltà tal-Ukraina li tiżgura li l-Faċilità tiġi implimentata f'konformità mal-istandards applikabbli, filwaqt li tqis il-prinċipju tal-proporzjonalità u l-kundizzjonijiet speċifiċi li skonthom se topera l-Faċilità, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tirċievi assigurazzjoni suffiċjenti mill-Ukraina f'dak ir-rigward. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-Ukraina timpenja ruħha fil-Pjan biex ittejjeb is-sistema attwali ta' ġestjoni u kontroll tagħha u biex tirkupra l-ammonti użati ħażin. Jenħtieġ li l-Ukraina tistabbilixxi sistema ta' monitoraġġ li tikkontribwixxi għal rapport ta' progress annwali. Jenħtieġ li l-Ukraina tiġbor *data* u informazzjoni li jippermettu l-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-korrezzjoni ta' irregolaritajiet, frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess, fir-rigward tal-miżuri appoġġati mill-Faċilità. Il-Ftehim qafas u l-ftehimiet ta' finanzjament u self jenħtieġ li jipprevedu l-obbligi tal-Ukraina li tiżgura l-ġbir ta' *data* adegwata, u l-aċċess għaliha, dwar persuni u entitajiet li jirċievu finanzjament għall-implimentazzjoni ta' miżuri tal-Pjan għall-Ukraina.
- (93) L-interessi finanzjarji tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu protetti wkoll meta l-fondi jiġu implimentati b'ġestjoni diretta permezz ta' għotjiet u akkwist u ġestjoni indiretta ma' entitajiet ivvalutati mill-pilastru, b'mod partikolari taħt it-tieni u t-tielet pilastru tal-Faċilità.
- (94) Jenħtieġ li jiġu adottati programmi ta' ħidma biex tiġi implimentata l-assistenza taħt il-Faċilità.
- (95) Il-kapaċitajiet ta' komunikazzjoni tal-Ukraina jenħtieġ li jissaħħu sabiex tiġi żgurata l-eżistenza ta' media pluralistika b'saħħitha u ħielsa u appoġġ pubbliku għall-valuri tal-Unjoni u l-fehim tagħhom u l-benefiċċji u l-obbligi ta' sħubija potenzjali fl-Unjoni, filwaqt li tiġi indirizzata d-diżinformazzjoni. Jenħtieġ li tiġi żgurata wkoll il-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni.
- (96) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li jkun hemm fis-seħħ mekkaniżmi ċari ta' monitoraġġ u evalwazzjoni sabiex jiġu pprovduti responsabbiltà u trasparenza effettivi fl-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni, u biex tiġi żgurata valutazzjoni effettiva tal-progress lejn il-kisba tal-oġettivi ta' dan ir-Regolament.
- (97) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta kull sena l-implimentazzjoni tal-appoġġ taħt il-Faċilità tal-Ukraina. Jenħtieġ li dan jippermetti li l-Kumitat stabbilit b'dan ir-Regolament ikollu informazzjoni adegwata biex jassisti lill-Kummissjoni. Għall-monitoraġġ effettiv tal-implimentazzjoni, jenħtieġ li l-Ukraina tirrapporta darba fis-sena f'rapport ta' progress annwali dwar l-implimentazzjoni. Tali rapporti mħejjija mill-gvern jenħtieġ li jiġu riflessi b'mod xieraq fil-Pjan għall-Ukraina. Jenħtieġ li jiġu imposti rekwiżiti ta' rapportar proporzjonati fuq ir-riċevituri tal-finanzjament tal-Unjoni implimentati taħt it-tieni u t-tielet pilastru tal-Faċilità.
- (98) Biex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni.

Jenħtieġ li dawn is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.²¹

- (99) Il-Kummissjoni se tqis kif xieraq id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE u r-rwol tas-SEAE fejn xieraq, u b'mod partikolari meta timmonitorja t-twettiq tal-prekundizzjoni għall-appoġġ tal-Unjoni, fil-valutazzjoni tagħha tal-Pjan għall-Ukrajna u filwaqt li tiġbor pariri dwar il-qafas ta' investiment tal-Ukrajna.
- (100) Minħabba li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu pjuttost jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 TUE. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu dawk l-għanijiet.
- (101) Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità fl-għoti ta' appoġġ fil-qasam ta' politika rilevanti, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 1 *Suġġett*

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Faċilità tal-Ukrajna (il-“Faċilità”).

Huwa jistabbilixxi l-oġettivi tal-Faċilità, il-finanzjament tagħha, il-baġit għall-perjodu 2024–2027, il-forom ta' finanzjament tal-Unjoni taħtha u r-regoli għall-għoti ta' tali finanzjament.

2. Il-Faċilità għandha ttiprovdi assistenza lill-Ukrajna taħt it-tliet pilastri li ġejjin:

- (a) Pilastri I: l-appoġġ finanzjarju li għandu jingħata lill-Ukrajna għat-twettiq ta' riformi u investimenti biex jiġi implimentat il-Pjan għall-Ukrajna kif ukoll biex tinżamm l-istabbiltà makrofinanzjarja tal-pajjiż, kif stabbilit fil-Kapitolu III;
- (b) Pilastri II: Qafas ta' Investiment speċifiku għall-Ukrajna biex jappoġġa l-investimenti u jipprovdi aċċess għall-finanzjament kif stabbilit fil-Kapitolu IV;
- (c) Pilastri III: assistenza teknika u appoġġ relatat lill-Ukrajna biex jitfasslu u jiġu implimentati riformi tal-UE relatati mal-adeżjoni u biex titrawwem il-kapaċità amministrattiva tal-Ukrajna, kif ukoll attivitajiet rilevanti oħra, kif stabbilit fil-Kapitolu V.

²¹ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Artikolu 2 *Definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. “Ftehim qafas” tfisser arranġament konkluż bejn il-Kummissjoni u l-Ukrajna li jistabbilixxi l-prinċipji tal-kooperazzjoni finanzjarja bejn l-Ukrajna u l-Kummissjoni skont dan ir-Regolament.
2. “Miżuri” tfisser riformi u investimenti skont il-Pjan għall-Ukrajna stabbilit fil-Kapitolu III.
3. “Kundizzjonijiet” tfisser passi kwalitattivi jew kwantitattivi relatati mal-iżgurar taż-żamma tal-istabbiltà ekonomika u finanzjarja jew relatati mal-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti stabbiliti fil-Pjan għall-Ukrajna stabbilit fil-Kapitolu III.
4. “Operazzjoni ta’ taħlit” tfisser operazzjoni appoġġata mill-baġit tal-Unjoni li tikkombina forom mhux ripagabbli ta’ appoġġ jew forom ta’ appoġġ ripagabbli jew it-tnejn, mill-baġit tal-Unjoni ma’ forom ta’ appoġġ rimborżabbli minn istituzzjonijiet tal-iżvilupp jew istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi oħra, jew minn istituzzjonijiet finanzjarji kummerċjali u investituri.

Artikolu 3 *Objettivi tal-Faċilità tal-Ukrajna*

1. L-objettivi ġenerali tal-Faċilità għandhom ikunu li jappoġġaw lill-Ukrajna biex:
 - (a) tindirizza l-konsegwenzi soċjali, ekonomiċi u ambjentali tal-gwerra, u b’hekk jikkontribwixxu għall-irkupru, ir-rikostruzzjoni u l-modernizzazzjoni tal-pajjiż;
 - (b) trawwem ir-reżiljenza soċjali, ekonomika u ambjentali u l-integrazzjoni progressiva fl-ekonomija u fis-swieq tal-Unjoni u globali;
 - (c) tallinja progressivament mar-regoli, l-istandards, il-politiki u l-prattiki tal-Unjoni (“l-acquis”) bil-ħsieb ta’ sħubija futura fl-Unjoni, u b’hekk jikkontribwixxu għall-istabbiltà reċiproka, is-sigurtà, il-paċi, il-prosperità u s-sostenibbiltà.
2. L-objettivi speċifiċi tal-Faċilità għandhom jinkludu:
 - (a) jgħinu fiż-żamma tal-istabbiltà makrofinanzjarja tal-pajjiż u jtaffu r-restrizzjonijiet ta’ finanzjament estern u intern tal-Ukrajna;
 - (b) bini mill-ġdid u immodernizzar tal-infrastruttura li sarilha ħsara mill-gwerra, bħall-infrastruttura tal-enerġija, is-sistemi tal-ilma, in-networks tat-trasport interni u transfruntiera inklużi l-ferroviji, it-toroq u l-pontijiet u l-punti ta’ qsim tal-fruntieri, u trawwem infrastrutturi moderni, imtejba u reżiljenti; restawr tal-kapaċitajiet tal-produzzjoni tal-ikel; għajnuna biex jiġu indirizzati l-isfidi soċjali li jirriżultaw mill-gwerra, inkluż għal gruppi speċifiċi bħal veterani tal-gwerra, Persuni Spostati Internament, ġenituri waħedhom, persuni b’diżabilità, minoranzi u persuni vulnerabbli oħra; kontribuzzjoni għall-isforz tat-tneħħija tal-mini;
 - (c) trawwim tat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli u inklużiva u ambjent ta’ investiment stabbli; appoġġ għall-integrazzjoni tal-Ukrajna fis-Suq Uniku; it-tiswija, il-bini mill-ġdid u t-titjib tal-infrastruttura soċjali, bħall-

akkomodazzjoni, il-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa, l-iskejjel u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, u l-infrastruttura tar-riċerka; tisħiħ tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali, b'attenzjoni partikolari għan-nisa u ż-żgħażaġh, inkluż permezz ta' edukazzjoni ta' kwalità, taħriġ, taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet, u politiki dwar l-impjiegi, inkluż għar-riċerkaturi; l-appoġġ għall-kultura u l-wirt kulturali; tisħiħ tas-setturi ekonomiċi strateġiċi u appoġġa għall-investiment u l-iżvilupp tas-settur privat, b'enfasi fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u l-innovazzjoni, kif ukoll fuq l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, l-akkwakultura u s-sajd; ristrutturar tas-swieq finanzjarji tal-Ukrajna, inkluż is-settur bankarju u s-swieq kapitali; żieda fil-mobilizzazzjoni tad-dħul domestiku; tisħiħ tal-kapaċità tal-Ukrajna li tinnegozja;

- (d) tisħiħ ulterjuri tal-istat tad-dritt, id-demokrazija, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' ġudikatura indipendenti, sigurtà msaħħa, il-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni, il-kriminalità organizzata u l-ħasil tal-flus, l-evażjoni tat-taxxa u l-frodi tat-taxxa; il-konformità mal-liġi internazzjonali; it-tisħiħ tal-libertà tal-media u l-libertà akkademika u ambjent abilitanti għas-soċjetà ċivili; trawwim tad-djalogu soċjali; promozzjoni tan-nondiskriminazzjoni u t-tolleranza, biex jiżguraw u jsaħħu r-rispett għad-drittijiet ta' persuni li jaġhmlu parti minn minoranzi u l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi; rinfurzar tal-effettività tal-amministrazzjoni pubblika u appoġġ għat-trasparenza, ir-riformi strutturali u l-governanza tajba fil-livelli kollha, inkluż fl-oqsma tal-ġestjoni finanzjarja pubblika u l-akkwist pubbliku u l-għajjnuna mill-Istat; appoġġ għall-inizjattivi u korpi involuti fl-appoġġ u l-infurzar tal-ġustizzja internazzjonali fl-Ukrajna;
- (e) l-iżvilupp u t-tisħiħ tat-tranżizzjoni ekoloġika sostenibbli fis-setturi ekonomiċi kollha, inkluża t-tranżizzjoni lejn id-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija tagħha; il-promozzjoni tat-trasformazzjoni diġitali bħala faċilitatur għall-iżvilupp sostenibbli u t-tkabbir inklużiv;
- (f) appoġġ għad-deċentralizzazzjoni u l-iżvilupp lokali.

Artikolu 4 *Prinċipji ġenerali*

1. Il-kooperazzjoni taħt il-Faċilità għandha tkun ibbażata fuq u għandha tippromwovi l-prinċipji tal-effettività tal-iżvilupp, fejn applikabbli, fil-modalitajiet kollha, jiġifieri s-sjieda tal-prijoritajiet tal-iżvilupp mill-Ukrajna, enfasi fuq ir-riżultati, sħubijiet inklużivi għall-iżvilupp, it-trasparenza u r-responsabbiltà reċiproka. Il-kooperazzjoni għandha tkun ibbażata fuq allokazżjoni u użu effettiv u effiċjenti tar-riżorsi.
2. L-appoġġ mill-Faċilità għandu jkun addizzjonali għall-appoġġ ipprovdut taħt programmi u strumenti oħra tal-Unjoni. L-attivitajiet eliġibbli għall-finanzjament skont dan ir-Regolament jistgħu jirċievu appoġġ minn programmi u strumenti oħra tal-Unjoni dment li tali appoġġ ma jkoprix l-istess kost.
3. Sabiex jippromwovu l-komplementarjetà u l-effiċjenza tal-azzjoni u l-inizjattiva tagħhom, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkooperaw u għandhom jaġhmlu hilitom biex jevitaw id-duplikazzjoni bejn l-assistenza taħt dan ir-Regolament u assistenza oħra pprovduta mill-Unjoni, l-Istati Membri, pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet u entitajiet multilaterali u reġjonali, bħal organizzazzjonijiet internazzjonali u l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali, aġenziji u donaturi mhux tal-Unjoni rilevanti, f'konformità mal-prinċipji stabbiliti għat-tisħiħ tal-

koordinazzjoni operazzjonali fil-qasam tal-assistenza esterna, inkluż permezz ta' koordinazzjoni msaħħa mal-Istati Membri fil-livell lokali u permezz tal-armonizzazzjoni tal-politiki u l-proċeduri, b'mod partikolari l-prinċipji internazzjonali dwar l-effettività tal-iżvilupp.

4. L-attivitajiet taħt il-Faċilità għandhom jintegraw il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, il-protezzjoni ambjentali, id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u, fejn rilevanti, it-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri, u għandhom jappoġġaw il-progress lejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, filwaqt li jippromwovu azzjonijiet integrati li jistgħu joħolqu kobenefiċċji u jilhqqu objettivi multipli b'mod koerenti. Jenħtieġ li jevitaw assi mhux rekuperabbli, u għandhom ikunu ggwidati mill-prinċipji ta' "la tagħmilx ħsara" u li "ħadd ma jitħalla jibqa' lura", kif ukoll mill-approċċ ta' integrazzjoni tas-sostenibbiltà li jirfed il-Patt Ekoloġiku Ewropew.
5. Il-Faċilità ma għandhiex tappoġġa attivitajiet jew miżuri li huma inkompatibbli mal-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima tal-Ukrajna, jekk disponibbli, mal-Kontribut Determinat fil-Livell Nazzjonali tal-Ukrajna skont il-Ftehim ta' Pariġi, jew li jippromwovu investimenti fil-fjuwils fossili, jew li jikkawżaw effetti negattivi sinifikanti fuq l-ambjent jew il-klima, sakemm tali attivitajiet jew miżuri ma jkunux strettament meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi tal-Faċilità, filwaqt li titqies il-ħtieġa li tinbena mill-ġdid u tiġi mmodernizzata l-infrastruttura li saritilha ħsara mill-gwerra b'mod reżiljenti, u jkunu akkumpanjati, fejn rilevanti, minn miżuri xierqa biex jiġu evitati, prevenuti jew imnaqqsa u, jekk possibbli, jiġu kkompensati dawn l-effetti.
6. F'konformità mal-prinċipju ta' sħubija inklużiva, fejn xieraq, il-Kummissjoni għandha tistinka biex tiżgura li l-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi l-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, jiġu kkonsultati kif xieraq u jkollhom aċċess f'waqtu għall-informazzjoni rilevanti biex ikunu jistgħu jaqdu rwol sinifikanti matul it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet eliġibbli għall-finanzjament taħt din il-Faċilità, u fil-proċessi ta' monitoraġġ relatati. Il-Kummissjoni għandha b'mod partikolari tippromwovi l-involviment tal-awtoritajiet reġjonali, lokali, urbani u awtoritajiet pubbliċi oħra, f'konformità mal-prinċipju tal-governanza f'diversi livelli u b'kont meħud ta' approċċ minn isfel għal fuq. Il-Kummissjoni għandha tinkoraġġixxi l-koordinazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti.
7. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-Ukrajna, għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-impenji tal-Unjoni għal aktar trasparenza u responsabbiltà fl-għoti tal-assistenza, inkluż billi tippromwovi l-implimentazzjoni u t-tisħiħ tas-sistemi ta' kontroll intern u l-politiki kontra l-frodi, u billi tagħmel l-informazzjoni dwar il-volum u l-allokazzjoni tal-assistenza disponibbli permezz ta' bażijiet tad-data bbażati fuq il-web, u għandha tiżgura li d-data tkun komparabbli u tkun tista' tiġi aċċessata, kondiviża u ppubblikata faċilment.

Artikolu 5

Prekundizzjoni għall-appoġġ tal-Unjoni

1. Prekundizzjoni għall-appoġġ lill-Ukrajna permezz tal-Faċilità għandha tkun li l-Ukrajna tkompli żżomm u tirrispetta l-mekkaniżmi demokratiċi effettivi, inkluż sistema parlamentari b'diversi partiti, u l-istat tad-dritt, u li tiggarantixxi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi.

2. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja t-twettiq tal-prekundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 qabel ma jsiru l-iżborżi lill-Ukrajna fl-ambitu tal-Faċilità u matul il-perjodu tal-appoġġ ipprovdut mill-Faċilità filwaqt li tqis kif xieraq ir-rapport regolari tal-Kummissjoni dwar it-tkabbir. Il-Kummissjoni tista' tadotta deċiżjoni li tikkonkludi li din il-prekundizzjoni ma ġietx issodisfata, u b'mod partikolari, tissospendi l-pagamenti msemmija fl-Artikolu 25, irrispettivament mill-issodisfar tal-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 15(2). Fil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tqis ukoll il-kuntest fl-Ukrajna, u l-konsegwenzi tal-applikazzjoni tal-liġi marzjali hemmhekk.

KAPITOLU II

Finanzjament u implimentazzjoni

Artikolu 6

Baġit

1. Ir-riżorsi għall-implimentazzjoni tal-Faċilità tal-Ukrajna għandhom ikunu disponibbli f'konformità mal-Artikolu 10b tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093, bid-distribuzzjoni indikattiva li ġejja:
 - (a) 78 % fil-forma ta' appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura skont il-Kapitolu III ta' dan ir-Regolament;
 - (b) 16 % għan-nefqa skont il-Kapitolu IV;
 - (c) 5 % għan-nefqa skont il-Kapitolu V;
 - (d) sa 1 % għan-nefqa skont il-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu.
2. L-appoġġ finanzjarju skont il-Kapitolu III fil-forma ta' self għandu jkun disponibbli għal ammont sa EUR 50 000 000 000 għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2027.

L-ammont globali ta' żborżamenti tas-self għandu jqis l-ammonti disponibbli skont il-paragrafu 1 u l-ammont imsemmi fil-paragrafu 3.
3. Is-somma tar-riżorsi magħmula disponibbli skont il-paragrafi 1 u 2 ma għandhiex taqbeż il-EUR 50 000 000 000 għall-perjodu mill-2024 sal-2027.
4. Jistgħu jiġu pprovduti kontribuzzjonijiet addizzjonali għall-finanzjament tal-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 f'konformità mal-Artikolu 7.
5. Ir-riżorsi msemmija fil-paragrafi 1(d) u 4 jistgħu jintużaw għal assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Faċilità, bħal azzjonijiet preparatorji, attivitajiet ta' monitoraġġ, kontroll, awditjar u evalwazzjoni, li jkunu meħtieġa għall-ġestjoni tal-Faċilità u biex jinkisbu l-oġettivi tagħha, b'mod partikolari studji, laqgħat ta' esperti, konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet Ukreni, konferenzi, konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluż azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni inklużivi, u komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sa fejn dawn ikunu relatati mal-oġettivi ta' dan ir-Regolament, l-ispejjeż marbuta man-netwerks tal-IT li jiffukaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju ta' informazzjoni, l-għodod korporattivi tat-teknoloġija tal-informazzjoni, u l-ispejjeż l-oħra kollha ta' assistenza teknika u

amministrattiva mġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni u l-kostijiet tal-Faċilità fil-kwartieri ġenerali u fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni. L-ispejjeż jistgħu jkopru wkoll il-kostijiet ta' attivitajiet oħra ta' appoġġ bħall-kontroll tal-kwalità u l-monitoraġġ ta' proġetti fuq il-post u l-ispejjeż tal-konsulenza bejn il-pari u l-esperti għall-valutazzjoni u l-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti.

Artikolu 7

Riżorsi finanzjarji addizzjonali għall-Faċilità

1. L-Istati Membri, il-pajjiżi terzi, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali jew sorsi oħra jistgħu jipprovdu kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali lill-Faċilità. Tali kontribuzzjonijiet għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2), il-punti (a)(ii), (d), u (e) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.

Ammonti addizzjonali riċevuti bħala dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 skont l-atti legali rilevanti tal-Unjoni fir-rigward ta' miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna għandhom jiżiedu mar-riżorsi msemmija fl-Artikolu 6.

2. Il-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu implimentati f'konformità mal-istess regoli u kundizzjonijiet bħall-ammont imsemmi fl-Artikolu 6 (1).
3. Il-kontribuzzjonijiet għall-Garanzija tal-Ukrajna u għall-istrumenti finanzjarji fl-ambitu ta-Kapitolu IV għandhom isiru f'konformità mal-Artikolu 28.

Artikolu 8

Metodi ta' implimentazzjoni u forom ta' finanzjament mill-Unjoni

1. Il-Faċilità għandha tiġi implimentata f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, jew b'ġestjoni diretta jew b'ġestjoni indiretta ma' kwalunkwe waħda mill-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 62, l-ewwel subparagrafu, il-punt (c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.
2. Il-finanzjament tal-Unjoni jista' jiġi pprovdut fi kwalunkwe waħda mill-forom stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, b'mod partikolari għotjiet, premijiet, akkwist, appoġġ baġitarju, strumenti finanzjarji, garanziji baġitarji, operazzjonijiet ta' taħlit u assistenza finanzjarja.
3. L-istrumenti finanzjarji, il-garanziji baġitarji u l-operazzjonijiet ta' taħlit li jikkombinaw appoġġ minn strumenti finanzjarji jew garanziji baġitarji fl-ambitu tal-Faċilità għandhom jiġu implimentati f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fit-Titolu X, u b'mod partikolari l-Artikoli 208 u 209(1), (2) u (4), tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046. Skont il-kapaċità operattiva u finanzjarja meħtieġa, il-kontroparti tal-garanzija baġitarja, jew l-entità fdata li timplimenta l-istrumenti finanzjarji, tista' tkun il-Bank Ewropew tal-Investment jew il-Fond Ewropew tal-Investment, istituzzjoni finanzjarja Ewropea multilaterali, bħall-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, jew istituzzjoni finanzjarja Ewropea bilaterali, bħall-banek tal-iżvilupp. Kull meta jkun possibbli, l-implimentazzjoni ta' strumenti finanzjarji, garanziji baġitarji u operazzjonijiet ta' taħlit fl-ambitu tal-Faċilità għandha tiġi kkomplementata minn forom addizzjonali ta' appoġġ finanzjarju, mill-Istati Membri jew minn partijiet terzi.

Artikolu 9
Ftehim qafas

1. Il-Kummissjoni għandha tikkonkludi ftehim qafas mal-Ukrajna għall-implimentazzjoni tal-Faċilità li jistabbilixxi arranġamenti speċifiċi għall-ġestjoni, il-kontroll, is-superviżjoni, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, ir-rappurtar u l-awditjar tal-fondi fl-ambitu tal-Faċilità, kif ukoll għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni u l-korrezzjoni ta' irregolaritajiet, frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess. Il-Ftehim qafas għandu jiġi kkomplementat minn ftehimiet ta' finanzjament f'konformità mal-Artikolu 10 u ftehimiet ta' self f'konformità mal-Artikolu 21, li jistabbilixxu dispożizzjonijiet speċifiċi għall-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-finanzjament taħt il-Faċilità.
2. Bl-eċċezzjoni tal-finanzjament tranżitorju msemmi fl-Artikolu 24, il-finanzjament għandu jingħata biss lill-Ukrajna wara li l-ftehim qafas u l-ftehimiet ta' finanzjament u self applikabbli jkunu daħlu fis-seħħ.
3. Il-Ftehim qafas, il-ftehimiet ta' finanzjament u l-ftehim ta' self konklużi mal-Ukrajna, meħuda globalment, u l-kuntratti u l-ftehimiet iffirmati ma' persuna jew entitajiet li jirċievu fondi tal-Unjoni, għandhom jiżguraw li l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 129 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 ikunu jistgħu jiġu ssodisfati.
4. Il-Ftehim qafas għandu jistabbilixxi, b'mod partikolari, dispożizzjonijiet dettaljati dwar, b'mod partikolari:
 - (a) l-impenn tal-Ukrajna li tagħmel progress lejn sistemi ta' kontroll aktar effiċjenti u effettivi, u li ssaħħaħ il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, il-finanzjament tat-terroriżmu, l-evitar tat-taxxa, il-frodi tat-taxxa jew l-evażjoni tat-taxxa;
 - (b) l-attivitajiet relatati mal-kontroll, is-superviżjoni, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, ir-rappurtar u l-awditjar tal-finanzjament tal-Unjoni fl-ambitu tal-Faċilità, kif ukoll l-investigazzjonijiet, il-miżuri kontra l-frodi u l-kooperazzjoni;
 - (c) rekwiżiti ta' kontroll għar-rilaxx ta' finanzjament lill-Ukrajna;
 - (d) ir-regoli dwar taxxi, dazji u imposti f'konformità mal-Artikolu 27(9) u (10) tar-Regolament (UE) 2021/947;
 - (e) ir-rikonossiment tar-responsabbiltajiet tal-Bord tal-Verifika msemmija fl-Artikolu 34, u l-modalitajiet tal-kooperazzjoni tal-Ukrajna miegħu;
 - (f) l-obbligu għall-persuni jew l-entitajiet li jimplimentaw il-fondi tal-Unjoni fl-ambitu tal-Faċilità li jinnotifikaw lill-Bord tal-Verifika, lill-Kummissjoni u lill-OLAF mingħajr dewmien dwar każijiet suspettati jew attwali ta' irregolaritajiet, frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess u s-segwitu tagħhom;
 - (g) id-dritt tal-Kummissjoni li timmonitorja l-attivitajiet fl-ambitu tal-Faċilità mwettqa mill-awtoritajiet Ukreni, matul iċ-ċiklu kollu tal-proġett, inklużi fost l-oħrajn il-proċeduri tal-għażla u tal-għoti tal-proġetti inkluż għall-akkwist pubbliku, li tiegħu sehem f'dawn bħala osservatur, kif xieraq, u li tagħmel rakkomandazzjonijiet għat-titjib ta' tali attivitajiet u l-impenn mill-awtoritajiet Ukreni li jagħmlu mill-aħjar biex jimplimentaw tali rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni u jirrapportaw dwar din l-implimentazzjoni;
 - (h) l-obbligi msemmija fl-Artikolu 33 (2), inklużi regoli preċiżi u skeda ta' żmien dwar il-ġbir ta' *data* mill-Ukrajna u l-aċċess għall-Kummissjoni u l-OLAF;

- (i) l-obbligu għall-Ukrajna li tittrażmetti b'mod elettroniku lill-Kummissjoni d-*data* msemmija fl-Artikolu 26;
- (j) proċedura biex jiġi żgurat li t-talbiet għal żborż għall-appoġġ ta' self ikunu fl-ammont ta' self disponibbli, filwaqt li jitqies l-Artikolu 6 (2).

Artikolu 10

Ftehimiet ta' finanzjament

1. Għandhom jiġu konklużi ftehimiet ta' finanzjament għall-Kapitoli III u V. Dawn għandhom jistabbilixxu r-responsabbiltajiet u l-obbligi tal-Ukrajna fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni, inklużi l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 129 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046. Għandhom jistabbilixxu wkoll il-kundizzjonijiet għall-pagament tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli, inkluż fir-rigward tas-sistemi ta' kontroll intern kif imsemmi fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 9(4). Il-ftehimiet ta' finanzjament għandhom jistabbilixxu wkoll id-drittijiet u l-obbligi tal-Unjoni.
2. Il-ftehimiet ta' finanzjament għandhom jinkludu regoli dwar ir-rappurtar lill-Kummissjoni dwar kif jitwettqu l-attivitajiet, u dwar jekk il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 15 (2) ikunux issodisfati.

Artikolu 11

Regoli dwar l-eliġibbiltà ta' persuni u entitajiet, l-orijini tal-provvista u tal-materjali u r-restrizzjoni fl-ambitu tal-Faċilità

1. Il-parteċipazzjoni fi proċeduri ta' akkwist, ta' għotjiet u ta' għoti ta' premijiet għal azzjonijiet iffinanzjati fl-ambitu ta' dan ir-Regolament għandha tkun miftuħa għal organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali u għall-persuni fiżiċi l-oħra kollha li huma ċittadini ta', u għall-persuni ġuridiċi li huma effettivament stabbiliti fi:
 - (a) L-Istati Membri, l-Ukrajna, il-partijiet kontraenti għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea u l-pajjiżi koperti mill-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/947 u l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/1529 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²²;
 - (b) pajjiżi li għalihom il-Kummissjoni stabbiliet aċċess reċiproku għall-assistenza esterna fl-Ukrajna.
2. L-aċċess reċiproku msemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1 jista' jingħata, għal perjodu limitat ta' mhux inqas minn sena, kull meta pajjiż jagħti eliġibbiltà fuq termini ugwali lil entitajiet mill-Unjoni u minn pajjiżi eliġibbli skont din il-Faċilità.
Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar l-aċċess reċiproku wara konsultazzjoni mal-Ukrajna.
3. Il-provvisti u l-materjali kollha ffinanzjati u akkwistati fl-ambitu ta' din il-Faċilità għandhom joriġinaw minn kwalunkwe pajjiż imsemmi fil-paragrafu 1(a) u (b), sakemm il-provvisti u l-materjali ma jkunux jistgħu jinkisbu b'kundizzjonijiet raġonevoli fi kwalunkwe wieħed minn dawk il-pajjiżi. Barra minn hekk, japplikaw ir-regoli dwar ir-restrizzjonijiet fil-paragrafu 7.

²² Ir-Regolament (UE) 2021/1529 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Settembru 2021 li jistabbilixxi strument għall-assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III) (ĠU L 330, 20.9.2021, p. 1).

4. Ir-regoli ta' eliġibbiltà skont dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw għal persuni fiżiċi impjegati jew ikkuntrattati legalment b'xi mod ieħor minn kuntrattur eliġibbli jew, fejn applikabbli, sottokuntrattur, u ma għandhomx jgħallqu restrizzjonijiet ta' nazzjonalità għalihom, ħlief fejn ir-restrizzjonijiet ta' nazzjonalità huma bbażati fuq ir-regoli previsti fil-paragrafu 7.
5. Għal azzjonijiet kofinanzjati b'mod konġunt minn entità jew implimentati b'għestjoni diretta jew indiretta ma' entitajiet kif imsemmi fl-Artikolu 62(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 jew għal azzjonijiet implimentati minn entitajiet Ukreni skont il-Kapitolu III ta' dan ir-Regolament, ir-regoli ta' eliġibbiltà ta' dawk l-entitajiet jew l-Ukrajna għandhom japplikaw ukoll flimkien mar-regoli stabbiliti skont dan l-Artikolu, inkluż, fejn applikabbli, ir-restrizzjonijiet previsti fil-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu u riflessi kif xieraq fil-ftehimiet ta' finanzjament u fid-dokumenti kuntrattwali ffirmati ma' dawk l-entitajiet.
6. Fejn jiġu pprovduti kontribuzzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 7 permezz ta' dħul assenjat estern, ir-regoli ta' eliġibbiltà fil-ftehim mal-persuna li ttipprovdi l-kontribuzzjoni addizzjonali għandhom japplikaw bir-regoli dwar ir-restrizzjonijiet previsti fil-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu.
7. Ir-regoli ta' eliġibbiltà u l-oriġini tal-provvisti u l-materjali fil-paragrafi 1 u 3 u n-nazzjonalità tal-persuni fiżiċi msemmija fil-paragrafu 4 jistgħu jiġu ristretti fir-rigward tan-nazzjonalità, il-post ġeografiku jew in-natura tal-entitajiet ġuridiċi li jipparteċipaw fi proċeduri ta' akkwist kif ukoll fir-rigward tal-oriġini ġeografika tal-provvisti u l-materjali, fil-każijiet li ġejjin:
 - (a) fejn tali restrizzjonijiet huma meħtieġa minħabba n-natura speċifika u/jew l-oġġettivi tal-attività jew il-proċedura speċifika tal-ġħoti u/jew fejn dawn ir-restrizzjonijiet huma meħtieġa għall-implimentazzjoni effettiva tal-azzjoni;
 - (b) meta l-azzjoni jew il-proċeduri speċifiċi ta' ġħoti jaffettwaw is-sigurtà jew l-ordni pubbliku, b'mod partikolari fir-rigward tal-assi u l-interessi strateġiċi tal-Unjoni, tal-Istati Membri tagħha, jew tal-Ukrajna, inkluż il-protezzjoni tal-integrità tal-infrastruttura diġitali, tas-sistemi ta' komunikazzjoni u ta' informazzjoni, u tal-ktajjen tal-provvista relatati.
8. Applikanti u kandidati għall-offerti minn pajjiżi mhux eliġibbli jistgħu jiġu aċċettati bħala eliġibbli f'każ ta' urġenza jew in-nuqqas ta' disponibbiltà ta' servizzi fis-swieq tal-pajjiżi jew it-territorji kkonċernati, jew f'każijiet debitament sostanzjati oħra fejn l-applikazzjoni tar-regoli ta' eliġibbiltà tirrendi t-tweqqi ta' azzjoni impossibbli jew eċċessivament diffiċli.

Artikolu 12

Riporti, pagamenti akkont annwali, approprjazzjonijiet ta' impenn, bilanċi pożittivi mill-garanzija baġitarja, ripagamenti u dħul iġġenerat mill-istrumenti finanzjarji

1. B'deroga mill-Artikolu 12(4) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, l-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament li ma jintużawx skont l-Istrument għandhom jiġu riportati b'mod awtomatiku u jistgħu jiġu impenjati u użati, rispettivament, sal-31 ta' Diċembru tas-sena finanzjarja ta' wara. L-ammont riportat għandu jintuża l-ewwel fis-sena finanzjarja ta' wara.
2. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-appropriazzjonijiet ta' impenn riportati skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.

3. B'deroga mill-Artikolu 15 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 dwar li l-appropriazzjonijiet jerġgħu jsiru disponibbli, l-appropriazzjonijiet ta' impenn li jikkorrispondu għall-ammont ta' diżimpenji magħmula b'riżultat tan-nuqqas ta' implimentazzjoni totali jew parzjali ta' azzjoni skont il-Faċilità, għandhom jerġgħu jsiru disponibbli għall-benefiċċju tal-linja baġitarja tal-orijini.
4. B'deroga mill-ewwel, it-tieni u r-raba' subparagrafi tal-Artikolu 209(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, kwalunkwe dħul u ħlas lura minn strumenti finanzjarji stabbiliti skont dan ir-Regolament għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat intern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, lill-Faċilità jew il-programm suċċessur tagħha.
5. B'deroga mill-Artikolu 213(4), il-punt (a), tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, kwalunkwe surplus tad-dispożizzjonijiet għall-Garanzija għall-Ukrajna għandu jikkostitwixxi dħul assenjat intern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 għall-Faċilità jew għall-programm suċċessur tagħha.
6. L-impenji baġitarji għall-azzjonijiet li jkunu ta' aktar minn sena finanzjarja waħda jistgħu jinqasmu fuq diversi snin f'pagamenti akkont annwali, f'konformità mal-Artikolu 112(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.

It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 114(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 ma għandux japplika għall-azzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

Artikolu 13

Finanzjament eċċezzjonali

1. F'ċirkostanzi eċċezzjonali debitament ġustifikati, b'mod partikolari fejn deterjorament sinifikanti tal-gwerra jagħmilha impossibbli għall-Ukrajna li tissodisfa l-kundizzjonijiet marbuta mal-forom ta' appoġġ skont dan ir-Regolament, il-Faċilità tista' tipprovdi finanzjament eċċezzjonali lill-Ukrajna sabiex iżżomm l-istabbiltà makrofinanzjarja tagħha u trawwem il-kisba tal-oġettivi msemmija fl-Artikolu 3. Tali finanzjament eċċezzjonali għandu jieqaf hekk kif jerġa' jsir possibbli li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet.
2. Għall-fini tal-paragrafu 1, meta l-Kummissjoni ssib li huwa impossibbli li l-Ukrajna tissodisfa l-kundizzjonijiet marbuta mal-forom ta' appoġġ skont dan ir-Regolament minħabba tali ċirkostanzi eċċezzjonali debitament ġustifikati, hija tista' tippreżenta lill-Kunsill proposta għal deċiżjoni ta' implimentazzjoni li tipprovdi finanzjament eċċezzjonali lill-Ukrajna fl-ambitu tal-Faċilità.
3. Il-finanzjament eċċezzjonali għandu fi kwalunkwe każ ikun soġġett għall-prekundizzjoni msemmija fl-Artikolu 5 u għandu jkun iffinanzjat mir-riżorsi msemmija fl-Artikolu 6(1), il-punt (a), u 6(2).

KAPITOLU III

Pilastru I: Pjan għall-Ukrajna

Artikolu 14

Ir-relazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna mal-Pilastru tal-Faċilità

1. Il-Pjan għall-Ukrajna (il-“Pjan”) għandu jipprevedi qafas ġenerali biex jintlaħqu l-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3.
2. Il-Pjan għall-Ukrajna għandu jikkostitwixxi l-bażi għall-appoġġ ipprovdut fl-ambitu tal-Pilastru I tal-Faċilità kif stabbilit fl-Artikolu 1(2)(a) u kif imsemmi f’dan il-Kapitolu. Għandu jservi wkoll bħala referenza biex jiggwida l-appoġġ li għandu jingħata skont il-Pilastru II u III tal-Faċilità msemmija fil-Kapitoli IV u V.

Artikolu 15

Prinċipji għall-finanzjament skont il-Pjan għall-Ukrajna

1. Il-Pjan għall-Ukrajna għandu jistabbilixxi l-aġenda ta’ riforma u ta’ investiment tal-Ukrajna, integrata f’qafas ta’ politika ekonomika u fiskali, biex jinkisbu l-oġettivi ġenerali u speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3. Il-Pjan għandu jinkludi miżuri għall-implimentazzjoni tar-riformi u tal-investiment pubbliku permezz ta’ pakkett komprensiv u koerenti, li jista’ jinkludi wkoll skemi pubbliċi li għandhom l-għan li jinċentivaw l-investimenti privati.
2. Il-Faċilità għandha tipprovdi finanzjament skont dan il-Kapitolu malli jiġu ssodisfati b’mod sodisfaċenti l-kundizzjonijiet li jirriżultaw mill-Pjan, billi tiegħu l-forma ta’ passi kwalitattivi jew kwantitattivi. Tali kundizzjonijiet għandhom jirriflettu l-oġettivi differenti tal-Faċilità, kif definit fl-Artikolu 3, u għandhom jinkludu kundizzjonijiet relatati mar-rekwiżiti essenzjali, bħaż-żamma tal-istabbiltà ekonomika u finanzjarja, is-sorveljanza tal-baġit u l-ġestjoni finanzjarja pubblika, u l-kundizzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti stabbiliti fil-Pjan.
3. Il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 għandhom jirriflettu l-ammonti msemmija fl-Artikolu 6(1)(a) u (2) u l-kontribuzzjonijiet rilevanti skont il-paragrafu 4 ta’ dak l-Artikolu.
4. Il-miżuri li nbdew mill-1 ta’ Jannar 2023 ’il quddiem għandhom ikunu eliġibbli dment li jikkonformaw mar-rekwiżiti mogħtija f’dan ir-Regolament.
5. Il-Pjan għall-Ukrajna għandu jkun konsistenti mal-prijoritajiet ta’ riforma identifikati fil-kuntest tal-perkors tal-adeżjoni tal-Ukrajna, kif deskritt fl-Opinjoni tal-Kummissjoni u r-Rapport Analitiku, u l-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni inkluż Ftehim ta’ Kummerċ Ħieles Approfondit u Komprensiv. Għandu jkun konsistenti wkoll mal-Kontribut Determinat fil-Livell Nazzjonali tal-Ukrajna skont il-Ftehim ta’ Pariġi u, jekk disponibbli, il-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima.
6. Il-Pjan għall-Ukrajna għandu jirrispetta l-prinċipji ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 4.

Artikolu 16
Kontenut tal-Pjan għall-Ukrajna

1. Sabiex tirċievi appoġġ mill-Faċilità, l-Ukrajna għandha tippreżenta Pjan għall-Ukrajna lill-Kummissjoni.
2. Il-Pjan għall-Ukrajna għandu b'mod partikolari jistabbilixxi l-elementi li ġejjin, li għandhom ikunu debitament motivati u sostanzjali:
 - (a) miżuri li jikkostitwixxu rispons koerenti, komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għall-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3, inklużi riformi strutturali u miżuri li jippromwovu l-konverġenza mal-Unjoni kif ukoll miżuri msemmija fl-Artikolu 15(2), sabiex il-Pjan kollu kemm hu jgħolli r-rata ta' tkabbir tal-ekonomija tal-Ukrajna;
 - (b) u spjegazzjoni tal-konsistenza tiegħu mal-prinċipji, il-pjanijiet u l-programmi msemmija fl-Artikolu 15(5);
 - (c) għar-riformi u l-investimenti, skeda ta' żmien indikattiva, u l-passi kwalitattivi u kwantitattivi previsti li għandhom jiġu implimentati sal-31 ta' Diċembru 2027;
 - (d) l-arranġamenti għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-evalwazzjoni effettivi tal-Pjan għall-Ukrajna mill-Ukrajna, inklużi l-passi kwalitattivi u kwantitattivi proposti, u l-indikaturi relatati;
 - (e) spjegazzjoni ta' kif il-Pjan jikkorrispondi għall-ħtiġijiet ta' rkupru, rikostruzzjoni u modernizzazzjoni li jirriżultaw mill-gwerra fir-reġjuni u l-muniċipalitajiet tal-Ukrajna, u b'hekk isaħħaħ l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali tagħhom, jappoġġa r-riforma tad-deċentralizzazzjoni fl-Ukrajna kollha u l-konverġenza lejn l-istandards tal-Unjoni; spjegazzjoni tal-metodoloġija u l-proċessi użati għall-għażla u l-implimentazzjoni tal-proġetti, u l-mekkaniżmi biex jiġu involuti l-awtoritajiet sottonazzjonali, b'mod partikolari l-muniċipalitajiet, fit-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-użu tal-appoġġ fil-proċess ta' rikostruzzjoni fil-livell lokali; il-metodoloġija użata biex tiġi traċċata n-nefqa relatata; u spjegazzjoni ta' kif il-Pjan jiggarrantixxi li l-proġetti ta' rikostruzzjoni magħżula u implimentati minn tali awtoritajiet sottonazzjonali jikkostitwixxu sehem sostanzjali adegwat tal-appoġġ;
 - (f) għat-tħejjija u, fejn disponibbli, għall-implimentazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna, sommarju tal-proċess ta' konsultazzjoni, imwettaq f'konformità mal-qafas legali nazzjonali, tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u kif il-kontribut tal-partijiet ikkonċernati huwa rifless fil-Pjan għall-Ukrajna;
 - (g) spjegazzjoni tal-punt sa fejn il-miżuri skont il-Pjan huma mistennija jikkontribwixxu għall-oġettivi klimatiċi u ambjentali;
 - (h) spjegazzjoni tas-sistema tal-Ukrajna biex effettivament tipprevjeni, tidentifika u tirrettifika irregolaritajiet, frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interessi, meta jkunu qed jintużaw il-fondi pprovduti fl-ambitu tal-Faċilità, u l-arranġamenti li għandhom il-mira li jevitaw il-finanzjament doppju mill-Faċilità u minn programmi jew donaturi oħra tal-Unjoni;
 - (i) kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra.

3. Il-Pjan għall-Ukrajna għandu jkun ibbażat fuq ir-riżultati u jinkludi indikaturi għall-valutazzjoni tal-progress biex jinkisbu l-oġettivi ġenerali u speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3.

Artikolu 17

Tħejjija u preżentazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna

1. Il-Pjan għall-Ukrajna għandu jitħejja mill-Ukrajna. L-Ukrajna għandha tagħmel hilita biex tippreżenta l-Pjan lill-Kummissjoni sa xahrejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. L-Ukrajna tista' tippreżenta abbozz ta' Pjan lill-Kummissjoni.
2. Fit-tħejjija tal-Pjan f'konformità mal-Artikolu 16, l-Ukrajna għandha tqis b'mod partikolari s-sitwazzjoni fiż-żoni reġjonali, lokali u urbani tal-Ukrajna, filwaqt li tqis il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom għall-irkupru u r-rikostruzzjoni, ir-riforma, il-modernizzazzjoni u d-deċentralizzazzjoni.
3. It-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna għandhom isiru f'konsultazzjoni mal-awtoritajiet reġjonali, lokali, urbani u awtoritajiet pubbliċi oħra, f'konformità mal-prinċipju tal-governanza f'diversi livelli u filwaqt li jitqies approċċ minn isfel għal fuq.

Artikolu 18

Valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-Pjan għall-Ukrajna

1. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta r-rilevanza, il-komprensività u l-adekwatezza tal-Pjan għall-Ukrajna jew, fejn applikabbli, l-emenda għal dak il-Pjan imsemmi fl-Artikolu 20, mingħajr dewmien żejjed, u tagħmel proposta għal deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 19 (1). Meta twettaq din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni għandha taġixxi f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Ukrajna, u tista' tagħmel osservazzjonijiet jew tfittex informazzjoni addizzjonali.
2. Meta tivvaluta l-Pjan għall-Ukrajna, u fid-determinazzjoni tal-ammont li għandu jiġi allokati lill-Ukrajna, il-Kummissjoni għandha tqis l-informazzjoni analitika rilevanti disponibbli dwar l-Ukrajna, il-ġustifikazzjoni u l-elementi pprovduti mill-Ukrajna kif imsemmi fl-Artikolu 16(2), kif ukoll kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra bħal, b'mod partikolari, l-informazzjoni elenkata fl-Artikolu 15(5).
3. Fil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tqis il-kriterji li ġejjin:
 - (a) jekk il-Pjan jirrappreżentax rispons koerenti, komprensiv u biżżejjed ibbilanċjat għall-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3, inklużi riformi strutturali u miżuri li jippromwovu l-konverġenza mal-Unjoni sabiex il-Pjan kumplessivament jgħolli r-rata ta' tkabbir tal-ekonomija tal-Ukrajna;
 - (b) spjegazzjoni ta' kif il-Pjan jikkorrispondi għall-ħtiġijiet ta' rkupru, rikostruzzjoni u modernizzazzjoni li jirriżultaw mill-gwerra fir-reġjuni u l-muniċipalitajiet tal-Ukrajna, u b'hekk isaħħaħ l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali tagħhom, jappoġġa r-riforma tad-deċentralizzazzjoni fl-Ukrajna kollha u l-konverġenza lejn l-istandards tal-Unjoni; jekk il-metodoloġija u l-proċessi użati għall-għażla u l-implimentazzjoni tal-proġetti, u l-mekkaniżmi biex jiġu involuti l-awtoritajiet sottonazzjonali, b'mod partikolari l-muniċipalitajiet, fit-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-użu tal-appoġġ fil-proċess ta' rikostruzzjoni fil-livell lokali humiex xierqa; jekk il-metodoloġija użata biex tiġi traċċata n-nefqa relatata għall-proġetti ta' rikostruzzjoni magħżula u

implimentati minn tali awtoritajiet sottonazzjonali hijiex xierqa u jekk tali proġetti jikkostitwux sehem sostanzjali adegwat tal-appoġġ;

- (c) jekk l-arranġamenti proposti mill-Ukrajna humiex mistennija jiżguraw monitoraġġ, rappurtar u implimentazzjoni effettivi tal-Pjan għall-Ukrajna, inklużi l-iskeda ta' żmien prevista, il-passi kwalitattivi u kwantitattivi, u l-indikaturi relatati;
 - (d) jekk l-arranġamenti proposti mill-Ukrajna humiex mistennija li effettivament jipprevjenu, jidentifikaw u jirrettifikaw irregolaritajiet, frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interessi, meta jkunu qed jintużaw il-fondi pprovduti fl-ambitu tal-Faċilità, u mistennija li jevitaw il-finanzjament doppju mill-Faċilità u minn programmi jew donaturi oħra tal-Unjoni.
4. Għall-fini tal-valutazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna ppreżentat mill-Ukrajna, il-Kummissjoni tista' tiġi assistita minn esperti.

Artikolu 19

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill

1. Fil-każ ta' valutazzjoni pożittiva, fuq proposta mill-Kummissjoni, il-Kunsill għandu japprova, permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni, il-valutazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna f'konformità mal-Artikolu 17(1) jew, fejn applikabbli, tal-emenda tiegħu ppreżentata f'konformità mal-Artikolu 20(1) jew (2).
2. Il-proposta tal-Kummissjoni għal deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill għandha tistabbilixxi, għall-parti li għandha tiġi ffinanzjata mill-Faċilità, ir-riformi u l-investimenti li jridu jiġu implimentati mill-Ukrajna, il-kundizzjonijiet li jirriżultaw mill-Pjan kif deskritt fl-Artikolu 15(2), inkluż l-iskeda ta' żmien indikattiva, u l-ammonti msemmeja fl-Artikolu 6(1), il-punt (a) u (2) u l-kontribuzzjonijiet rilevanti skont il-paragrafu 4 ta' dak l-Artikolu.
3. Il-proposta tal-Kummissjoni msemmeja fil-paragrafu 2 għandha tistipula wkoll:
 - (a) l-appoġġ finanzjarju indikattiv mhux ripagabbli u l-ammont indikattiv tal-appoġġ fil-forma ta' self li jrid jitħallas f'pagamenti parzjali, strutturat f'konformità mal-Artikolu 15 (2), ladarba l-Ukrajna tkun laqgħet b'mod sodisfaċenti l-passi kwalitattivi u kwantitattivi rilevanti identifikati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna;
 - (b) l-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli u l-ammont tal-appoġġ fil-forma ta' self li għandu jitħallas fil-forma ta' prefinanzjament f'konformità mal-Artikolu 23;
 - (c) jenħtieġ li l-limitu ta' żmien, ikun mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2027, sa liema data għandhom jintlaħqu l-istadji importanti u l-miri finali, kemm għall-proġetti ta' investiment kif ukoll għar-riformi;
 - (d) l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna, inkluż, fejn rilevanti, il-miżuri meħtieġa għall-konformità mal-Artikolu 33;
 - (e) l-indikaturi għall-valutazzjoni tal-progress biex jinkisbu l-oġettivi ġenerali u speċifiċi msemmeja fl-Artikolu 3;
 - (f) l-arranġamenti biex jingħata aċċess sħiħ mill-Kummissjoni għad-data rilevanti sottostanti.

Artikolu 20
Emendi għall-Pjan għall-Ukrajna

1. Fejn il-Pjan għall-Ukrajna, inklużi l-passi kwalitattivi u kwantitattivi rilevanti, ma jkunx jista' jinkiseb aktar mill-Ukrajna, parzjalment jew totalment, minħabba ċirkostanzi oġġettivi, l-Ukrajna tista' tipproponi Pjan għall-Ukrajna emendat. F'dak il-każ, l-Ukrajna tista' tagħmel talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex temenda d-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill kollha jew parti minnha msemmija fl-Artikolu 19(1).
2. Il-Kummissjoni tista', bi qbil mal-Ukrajna, tagħmel proposta biex temenda d-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill imsemmija fl-Artikolu 19(1), b'mod partikolari biex tqis bidla fl-ammonti disponibbli, b'mod partikolari minħabba kontribuzzjonijiet addizzjonali mill-Istati Membri jew minn sorsi oħra kif imsemmi fl-Artikolu 6(4).
3. Meta l-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet imressqa mill-Ukrajna jiġġustifikaw li jiġi emendat il-Pjan għall-Ukrajna, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-Pjan għall-Ukrajna emendat f'konformità mal-Artikolu 18 u għandha tagħmel proposta għal emenda tad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill imsemmija fl-Artikolu 19(1) mingħajr dewmien żejjed.

Artikolu 21
Ftehim ta' self, operazzjonijiet ta' għoti u teħid b'self

1. Sabiex tiffinanzja l-appoġġ taħt il-Faċilità fil-forma ta' self, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa, f'isem l-Unjoni, li tissellef il-fondi meħtieġa mis-swieq kapitali jew minn istituzzjonijiet finanzjarji f'konformità mal-Artikolu 220a tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.
2. Mal-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill imsemmija fl-Artikolu 19(1), il-Kummissjoni għandha tidħol fi ftehim ta' self mal-Ukrajna fir-rigward tal-ammont imsemmi fl-Artikolu 6(2). Il-Ftehim ta' self għandu jistabbilixxi l-perjodu ta' disponibbiltà u t-termini dettaljati tal-appoġġ mill-Faċilità fil-forma ta' self, inkluż fir-rigward tas-sistemi ta' kontroll intern kif imsemmi fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 9(4). Is-self għandu jkollu durata massima ta' 35 sena. Minbarra l-elementi stabbiliti fl-Artikolu 220(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, il-ftehim ta' self għandu jkun fih l-ammont ta' prefinanzjament u r-regoli dwar l-ikklerjar tal-prefinanzjament.
3. B'deroga mill-Artikolu 31(3), it-tieni sentenza, tar-Regolament (UE) 2021/947, l-assistenza makrofinanzjarja pprovduta lill-Ukrajna fil-forma ta' self permezz tal-Faċilità ma għandhiex tiġi appoġġata mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna.
4. L-ebda proviżjonament għas-self skont dan ir-Regolament ma għandu jkun kostitwit u, b'deroga mill-Artikolu 211(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, ma għandha tiġi stabbilita l-ebda rata ta' proviżjonament bħala perċentwal tal-ammont imsemmi fl-Artikolu 6(2) ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 22
Sussidju għall-kostijiet tas-self

1. B'deroga mill-Artikolu 220(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, l-Unjoni tista' ġġarrab l-ispejjeż tal-finanzjament, l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-likwidità, u l-

ispejjeż tas-servizz għall-ispejjeż ġenerali amministrattivi relatati mas-self (“is-sussidju tal-kostijiet tas-self”), ħlief għall-kostijiet relatati mar-ripagament bikri tas-self. Għall-perjodu mill-1 ta’ Jannar 2024 sal-31 ta’ Diċembru 2027, is-sussidju għall-kostijiet tas-self għandu jkun kopert taħt il-Kapitolu V.

2. L-Ukrajna tista’ titlob kull sena s-sussidju għall-kostijiet tas-self imsemmi fil-paragrafu 1. Il-Kummissjoni tista’ tagħti sussidju għall-kostijiet tas-self għal ammont li ma jaqbiżx il-limiti tal-appropriazzjonijiet disponibbli fil-baġit annwali.

Artikolu 23 *Prefinanzjament*

1. L-Ukrajna tista’ titlob, flimkien mal-preżentazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna, pagament ta’ prefinanzjament ta’ ammont sa 7 % tal-appoġġ finanzjarju u s-self mhux ripagabbli li għandu jiġi pprovdut skont il-Kapitolu III.
2. Fir-rigward tal-appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura, il-Kummissjoni tista’ tagħmel il-pagament ta’ prefinanzjament wara l-adozzjoni tal-Pjan imsemmi fl-Artikolu 19 u d-dħul fis-seħħ tal-ftehim ta’ finanzjament imsemmi fl-Artikolu 10, soġġett għall-finanzjament disponibbli u għar-rispett tal-prekundizzjoni msemmija fl-Artikolu 5.
3. Fir-rigward tal-appoġġ fil-forma ta’ self, il-Kummissjoni tista’ tagħmel il-pagament ta’ prefinanzjament wara l-approvazzjoni tal-Pjan imsemmi fl-Artikolu 19 u d-dħul fis-seħħ tal-ftehim ta’ self imsemmi fl-Artikolu 21. Il-pagamenti għandhom ikunu soġġetti għall-finanzjament disponibbli fis-swieq kapitali msemmija fl-Artikolu 21(1) u għar-rispett tal-prekundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 5.
4. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar il-perjodu ta’ żmien għall-iżborż tal-prefinanzjament, li jista’ jiġi żborżat f’segment wieħed jew aktar.

Artikolu 24 *Finanzjament tranżitorju eċċezzjonali*

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 23, jekk il-Ftehim Qafas imsemmi fl-Artikolu 9 ma jiġix iffirmit jew il-Pjan għall-Ukrajna msemmi fil-Kapitolu III ma jiġix adottatsal-31 ta’ Diċembru 2023, il-Kummissjoni tista’ tiddeċiedi li tipprovi appoġġ limitat eċċezzjonali lill-Ukrajna għal perjodu sa tliet xhur wara jew id-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament, jew l-1 ta’ Jannar 2024, skont liema jiġi l-aħħar, bil-kundizzjoni li jkun sar progress sodisfaċenti fit-tnejja tal-Pjan għall-Ukrajna, sabiex jingħata appoġġ lill-istabbiltà makro finanzjarjatal-pajjiż, skont kundizzjonijiet maqbula f’Memorandum ta’ Ftehim bejn il-Kummissjoni u l-Ukrajna, għar-rispett tal-prekundizzjoni msemmija fl-Artikolu 5, għall-konformità mal-Artikolu 6 u għall-finanzjament disponibbli.
2. L-ammont ta’ dan l-appoġġ ma għandux jaqbeż il-EUR 1 500 000 000 kull xahar. Il-Kummissjoni għandha tidħol fi ftehim ta’ finanzjament jew self mal-Ukrajna, li għandu jikkonforma kif xieraq mal-Artikoli 10 u 21, rispettivament.

Artikolu 25 *Regoli dwar il-pagamenti, iż-żamma u t-tnaqqis ta’ appoġġ finanzjarju u self li ma jitħallasx lura*

1. Il-pagamenti tal-appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura u tas-self lill-Ukrajna skont dan l-Artikolu għandhom isiru f’konformità mal-appropriazzjonijiet tal-baġit u

soġġetti għall-finanzjament disponibbli. Il-ħlas għandu jsir f'żewġ pagamenti parzjali. Pagament parzjali jista' jiġi żborżat f'parti waħda jew iktar.

2. Kull tliet xhur, l-Ukrajna għandha tippreżenta talba debitament ġustifikata għall-ħlas tal-appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura u tas-self, u l-Kummissjoni għandha tħallas l-appoġġ finanzjarju u s-self rilevanti mhux ripagabbli, abbażi tal-valutazzjoni deskritta fil-paragrafu 3.
3. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta mingħajr dewmien żejjed jekk l-Ukrajna tkunx laħqet b'mod sodisfaċenti l-passi kwalitattivi u kwantitattivi stabbiliti fid-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill imsemmija fl-Artikolu 19 (1). L-ilħuq sodisfaċenti tal-passi kwalitattivi u kwantitattivi għandu jippresupponi li l-miżuri relatati mal-passi li għalihom l-Ukrajna tkun laħqet livell sodisfaċenti ma jkunux treġġġhu lura mill-Ukrajna. Il-Kummissjoni tista' tkun assistita minn esperti.
4. Meta l-Kummissjoni tagħmel valutazzjoni pożittiva tal-ilħuq sodisfaċenti tal-passi kwalitattivi u kwantitattivi, hija għandha tadotta mingħajr dewmien żejjed deċiżjoni li tawtorizza l-iżborż tal-parti tal-appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura u tas-self li jikkorrispondi għal tali passi.
5. Meta l-Kummissjoni tagħmel valutazzjoni negattiva tal-issodisfar tal-passi kwalitattivi u kwantitattivi skont l-iskeda ta' żmien indikattiva, il-pagament tal-appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura u tas-self li jikkorrispondi għal tali passi għandu jinżamm lura. Il-pagament miżmum lura għandu jitħallas biss meta l-Ukrajna tkun debitament iġġustifikat, bħala parti minn talba għal pagament sussegwenti, li tkun ħadet il-miżuri meħtieġa biex tiżgura t-tweqqif sodisfaċenti tal-passi kwalitattivi u kwantitattivi.
6. Meta l-Kummissjoni tikkonkludi li l-Ukrajna ma tkunx ħadet il-miżuri meħtieġa fi żmien perjodu ta' tnax-il xahar mill-valutazzjoni negattiva inizjali msemmija fil-paragrafu 5, il-Kummissjoni għandha tnaqqas l-ammont tal-appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura u tas-self b'mod proporzjonali għall-parti li tikkorrispondi għall-passi kwalitattivi u kwantitattivi rilevanti. L-Ukrajna tista' tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha fi żmien xahrejn mill-komunikazzjoni tal-konklużjonijiet tal-Kummissjoni.
7. Il-Kummissjoni tista' tnaqqas l-ammont tal-appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura, inkluż billi tikkumpensa f'konformità mal-Artikolu 102 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, jew tas-self li jrid jiġi żburżat lill-Ukrajna kif imsemmi fil-paragrafu 4, jekk jiġu identifikati każi, jew ikun hemm tħassib serju fir-rigward ta' irregolaritajiet, frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni li ma jkunux ġew rettifikati mill-Ukrajna, jew ksur serju ta' obbligu li jirriżulta minn tali ftehimiet, inkluż abbażi ta' rapporti tal-Bord tal-Awdituri msemmi fl-Artikolu 34 jew informazzjoni mill-OLAF.
8. B'deroga mill-Artikolu 116(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, l-iskadenza tal-pagament kif imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 116 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 għandha tibda tgħodd mid-data tal-komunikazzjoni tad-deċiżjoni li tawtorizza l-iżborż lill-Ukrajna skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.
9. L-Artikolu 116(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 ma għandux japplika għall-pagamenti li jsiru skont dan l-Artikolu u l-Artikolu 23 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 26

Trasparenza fir-rigward ta' persuni u entitajiet li jirċievu finanzjament għall-implimentazzjoni tal-Pjan

1. L-Ukrajna għandha tippubblika *data* dwar il-persuni u l-entitajiet li jirċievu ammonti ta' finanzjament li jaqbżu l-ekwivalenti ta' EUR 500 000 għall-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti speċifikati fil-Pjan għall-Ukrajna msemmi f'dan il-Kapitolu. L-Ukrajna għandha taġġorna din id-*data* darbtejn fis-sena, f'Ġunju u f'Diċembru.
2. Għall-persuni u għall-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-informazzjoni li ġejja għandha tiġi ppubblikata, filwaqt li jiġu debitament ikkunsidrati r-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità u ta' sigurtà, b'mod partikolari l-protezzjoni ta' *data* personali:
 - (a) fil-każ ta' persuna ġuridika, l-isem ġuridiku sħiħ tar-riċevitur u n-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT jew in-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa, meta disponibbli, jew identifikatur uniku ieħor stabbilit fil-livell nazzjonali;
 - (b) fil-każ ta' persuna fiżika, l-isem u l-kunjom tar-riċevitur;
 - (c) l-ammont li rċieva r-riċevitur, kif ukoll ir-riformi u l-investimenti skont il-Pjan għall-Ukrajna li għall-implimentazzjoni tagħhom dan l-ammont jikkontribwixxi.
3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ma għandhiex tiġi ppubblikata meta d-divulgazzjoni tirriskja li thedded id-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni jew l-entitajiet ikkonċernati jew li tagħmel ħsara serja lill-interessi kummerċjali tar-riċevituri.
4. L-Ukrajna għandha tittrażmetti elettronikament lill-Kummissjoni mill-inqas darba fis-sena d-*data* dwar il-persuni u l-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 bl-eċċezzjoni tad-*data* msemmija fil-paragrafu 3, f'format li għandu jiġi definit fil-Ftehim Qafas imsemmi fl-Artikolu 9 (4), punt (i).

KAPITOLU IV

Pilastru II: Qafas ta' Investiment għall-Ukrajna

Artikolu 27

Kamp ta' applikazzjoni u struttura

1. Skont il-Qafas ta' Investiment għall-Ukrajna, il-Kummissjoni għandha ttipprovdi l-appoġġ tal-Unjoni lill-Ukrajna fil-forma ta' garanzija baġitarja, strumenti finanzjarji jew operazzjonijiet ta' taħlit.
2. Il-Kummissjoni għandha tkun appoġġata minn bord operazzjonali fl-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Investiment għall-Ukrajna. Il-Kummissjoni għandha ttipproponi r-regoli ta' proċedura għall-bord operazzjonali.
3. Il-bord operazzjonali tal-Qafas ta' Investiment għall-Ukrajna għandu jinkludi rappreżentanti tal-Kummissjoni, ta' kull Stat Membru, u rappreżentanti tal-Ukrajna. Il-kontropartijiet li jimplimentaw il-Garanzija tal-Ukrajna u l-istrumenti finanzjarji appoġġati mill-Qafas ta' Investiment għall-Ukrajna jistgħu jingħataw *status* ta' osservatur. Il-Kummissjoni għandha tippresjedi l-bord operazzjonali.
4. Il-bord operazzjonali għandu jipprovdi pariri lill-Kummissjoni dwar l-għażla ta' modalitajiet ta' appoġġ, id-disinn ta' prodotti finanzjarji li għandhom jiġu applikati, u

dwar setturi mhux eliġibbli. Għandu jiffformula opinjonijiet dwar l-użu tal-appoġġ tal-Unjoni permezz tal-Garanzija tal-Ukrajna, l-istrumenti finanzjarji u l-operazzjonijiet ta' taħlit.

5. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-appoġġ tal-Unjoni pprovdut skont il-Qafas ta' Investiment tal-Ukrajna jkun konsistenti mal-Pjan għall-Ukrajna u jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tiegħu, u komplementari għall-appoġġ tal-Unjoni lill-Ukrajna maqbul skont programmi u strumenti oħra tal-Unjoni.
6. Għall-fini tal-Artikolu 209(2), il-punti (d) u (h), tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, ir-rekwiżit dwar l-evalwazzjonijiet *ex ante* tal-istrumenti finanzjarji u l-garanziji baġitarji għandu jiġi ssodisfat mill-valutazzjonijiet pożittivi tal-Pjan għall-Ukrajna mill-Kummissjoni, imsemmija fl-Artikolu 19(2) ta' dan ir-Regolament.
7. L-appoġġ fl-ambitu tal-Qafas ta' Investiment tal-Ukrajna għandu b'mod partikolari jservi l-implimentazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna msemmi fil-Kapitolu III, filwaqt li jikkomplementa s-sorsi ta' finanzjament stabbiliti f'dan ir-Regolament.
8. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tal-appoġġ fl-ambitu tal-Qafas ta' Investiment tal-Ukrajna f'konformità mal-Artikoli 41(4) u (5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046. Għal dan il-għan, kull kontroparti tal-Garanzija tal-Ukrajna u kull entità fdata li timplimenta l-istrumenti finanzjarji għandhom jipprovdu fuq bażi annwali l-informazzjoni meħtieġa biex il-Kummissjoni tkun tista' tikkonforma mal-obbligi ta' rapportar tagħha.

Artikolu 28

Kontribuzzjonijiet addizzjonali għall-Garanzija tal-Ukrajna u għall-istrumenti finanzjarji

1. L-Istati Membri, il-pajjiżi terzi, u partijiet terzi jistgħu jikkontribwixxu għall-Garanzija tal-Ukrajna, u għall-istrumenti finanzjarji stabbiliti fl-ambitu tal-Qafas ta' Investiment tal-Ukrajna. Il-kontribuzzjonijiet għall-garanzija tal-Ukrajna għandhom isiru f'konformità mal-Artikolu 218(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.
2. Il-kontribuzzjonijiet għall-Garanzija tal-Ukrajna għandhom iżidu l-ammont tal-Garanzija tal-Ukrajna mingħajr ma jwasslu għal obligazzjonijiet kontinġenti addizzjonali għall-Unjoni.
3. Għall-kontribuzzjonijiet kollha msemmija fil-paragrafu 1, għandu jiġi konkluż ftehim ta' kontribuzzjoni bejn il-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni, u l-kontributor. Għandu jkun fih, b'mod partikolari, dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-kundizzjonijiet ta' pagament.

Artikolu 29

L-implimentazzjoni tal-Garanzija tal-Ukrajna u tal-istrumenti finanzjarji

1. Il-Garanzija tal-Ukrajna u l-istrumenti finanzjarji appoġġati fl-ambitu tal-Qafas ta' Investiment tal-Ukrajna għandhom jiġu implimentati b'ġestjoni indiretta skont l-Artikolu 62(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c), tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.
2. Il-kontropartijiet eliġibbli għall-finijiet tal-Garanzija tal-Ukrajna u l-entitajiet fdati eliġibbli għall-fini tal-istrumenti finanzjarji għandhom ikunu dawk identifikati fl-Artikolu 208(4) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, inklużi dawk minn pajjiżi terzi li jikkontribwixxu għall-Garanzija tal-Ukrajna f'konformità mal-Artikolu 28 ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, b'deroga mill-punt (c) tal-Artikolu 62(1) tar-

Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, korpi rregolati minn dritt privat ta' Stat Membru, pajjiż sieħeb jew pajjiż terz li jkun ikkontribwixxa għall-Garanzija tal-Ukrajna f'konformità mal-Artikolu 28 ta' dan ir-Regolament, u li jipprovdu assigurazzjoni adegwata tal-kapaċità finanzjarja u operazzjonali tagħhom għandhom ikunu eliġibbli għall-fini tal-Garanzija tal-Ukrajna.

3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-użu effettiv, effiċjenti u ġust tar-riżorsi disponibbli fost il-kontropartijiet eliġibbli u, fejn rilevanti, entitajiet fdati eliġibbli, f'approċċ inklużiv, filwaqt li tippromwovi l-kooperazzjoni bejniethom u tieħu kont debitu tal-kapaċitajiet, il-valur miżjud, l-esperjenza l-kapaċità tat-teħid tar-riskju tagħhom.
4. Il-Kummissjoni għandha tiggarrantixxi trattament ġust lill-kontropartijiet eliġibbli kollha u lill-entitajiet fdati eliġibbli kollha u għandha tiżgura li l-kunflitti ta' interess jiġu evitati matul il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-Qafas ta' Investiment għall-Ukrajna. Sabiex tiġi żgurata l-komplementarjetà, il-Kummissjoni tista' titlob kwalunkwe informazzjoni rilevanti minn kontropartijiet eliġibbli għall-fini tal-garanzija tal-Ukrajna jew minn entitajiet fdati eliġibbli għall-fini ta' strumenti finanzjarji dwar l-operazzjonijiet tagħhom li mhumix appoġġati mill-UE.

Artikolu 30 *Garanzija tal-Ukrajna*

1. Il-garanzija tal-Ukrajna ta' EUR 8 914 000 000 fi prezzijiet attwali għandha tiġi stabbilita biex tiggarrantixxi operazzjonijiet li jappoġġaw l-oġġettivi tal-Faċilità. Il-garanzija tal-Ukrajna għandha tkun indipendenti u awtonoma mill-Garanzija tal-Azzjoni Esterna stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/947 u għandha tingħata bħala garanzija irrevokabbli, mingħajr kundizzjonijiet u fuq talba f'konformità mal-Artikolu 219(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.
2. Il-Garanzija tal-Ukrajna għandha tintuża biex tkopri r-riskji għat-tip ta' operazzjonijiet li ġejjin:
 - (a) self, inkluż self fil-munita lokali;
 - (b) garanziji;
 - (c) kontrogaranziji;
 - (d) strumenti tas-suq tal-kapital;
 - (e) kwalunkwe forma oħra ta' finanzjament jew titjib tal-kreditu, assigurazzjoni, u parteċipazzjonijiet f'ekwità jew kważi ekwità.
3. F'isem l-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tikkonkludi mal-kontropartijiet eliġibbli ftehimiet ta' Garanzija tal-Ukrajna sal-31 ta' Diċembru 2027. Il-garanzija tal-Ukrajna tista' tingħata gradwalment.

Il-Kummissjoni għandha ttipprovdi informazzjoni dwar l-iffirmar ta' kull ftehim ta' Garanzija tal-Ukrajna fir-rapporti msemmija fl-Artikolu 27(8). Fuq talba tagħhom, daww il-ftehimiet għandhom isiru disponibbli lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, filwaqt li jittieħed kont tal-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali u kummerċjalment sensittiva.
4. Il-ftehimiet ta' Garanzija tal-Ukrajna għandhom jinkludu, b'mod partikolari:
 - (a) regoli dettaljati dwar il-kopertura, l-investimenti annwali stmati, ir-reqwiziti, l-eliġibbiltà, u l-proċeduri;

- (b) regoli dettaljati dwar l-għoti tal-Garanzija tal-Ukrajna, inklużi l-arranġamenti tagħha dwar il-kopertura u l-kopertura definita tagħha ta' portafolli u ta' proġetti ta' tipi speċifiċi ta' strumenti, kif ukoll analiżi tar-riskju tal-proġetti u ta' portafolli tal-proġetti, inkluż fil-livelli settorjali, reġjonali u nazzjonali;
- (c) referenza għall-oġettivi u l-iskop tal-Faċilità, valutazzjoni tal-ħtiġijiet u indikazzjoni tar-riżultati mistennija;
- (d) ir-remunerazzjoni tal-Garanzija tal-Ukrajna, li għandha tiġi stabbilita fuq termini konċessjonali li jirriflettu s-sitwazzjoni speċifika tal-Ukrajna li ġarrbet ħsara fil-gwerra, filwaqt li jitqiesu l-profil tar-riskju rispettivi tal-programmi ta' investiment sabiex jiġu ggarantiti kundizzjonijiet ekwi;
- (e) ir-rekwiżiti għall-użu tal-Garanzija tal-Ukrajna, inklużi l-kundizzjonijiet ta' pagament, bħat-termini ta' żmien speċifiċi, l-imgħax li jrid jiġi ħallas fuq l-ammonti dovuti, l-infiq u l-kostijiet tal-irkupru u, possibbilment, l-arranġamenti meħtieġa b'rabta mal-likwidità;
- (f) proċeduri tal-pretensjonijiet, inkluż, iżda mhux limitat għal, events skattaturi u perijodi ta' stennija, u proċeduri rigward l-irkupru ta' pretendiment;
- (g) obbligi ta' monitoraġġ, rapportar, trasparenza, u evalwazzjoni;
- (h) proċeduri ta' lmenti ċari aċċessibbli għal partijiet terzi li jistgħu jiġu affettwati mill-implimentazzjoni ta' proġetti appoġġati mill-Garanzija tal-Ukrajna.

5. Il-Kummissjoni tista' tuża sa 30 % tal-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu biex iżżid l-ammonti tal-garanzija pprovduta permezz ta' ftehimiet ta' Garanzija għall-Azzjoni Esterna konklużi skont l-Artikolu 38 tar-Regolament (UE) 2021/947 soġġett għal dan li ġej:

- (a) għall-fini ta' dan il-paragrafu, il-Garanzija tal-Ukrajna għandha tiġi implimentata permezz ta' emenda jew addendum għall-ftehimiet konklużi skont l-Artikolu 38 tar-Regolament (UE) 2021/947 mal-kontropartijiet eliġibbli magħżula skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2021/947 li jżidu l-ammont tal-garanzija skont dawk il-ftehimiet, li għandhom jiġu ffirmati fi żmien erba' xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament;
- (b) il-kontropartijiet eliġibbli għandhom jużaw il-Garanzija tal-Ukrajna skont dan il-paragrafu biss għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet fl-Ukrajna u s-sejthet ta' garanzija biss minn operazzjonijiet fl-Ukrajna huma eliġibbli għall-kopertura mill-Garanzija tal-Ukrajna skont dan il-paragrafu;
- (c) b'deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 36(1) tar-Regolament (UE) 2021/947, l-operazzjonijiet koperti mill-Garanzija tal-Ukrajna skont dan il-paragrafu għandhom jikkostitwixxu portafoll separat tal-Garanzija tal-Ukrajna u ma għandhomx jitqiesu għall-finijiet tal-kalkolu tal-kopertura ta' 65 % imsemmija fl-Artikolu 36(1) tar-Regolament (UE) 2021/947;
- (d) il-kondiviżjoni tar-riskju fil-portafoll separat tal-Garanzija tal-Ukrajna għandha tiggarrantixxi l-allinjament tal-interessi bejn il-Kummissjoni u l-kontropartijiet eliġibbli f'konformità mal-Artikolu 209(2)(e) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 u l-kontropartijiet għandha tikkontribwixxi permezz tar-riżorsi proprji tagħha għal dan il-portafoll f'konformità mal-Artikolu 219(4) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046;

- (e) il-kontropartijiet għandhom jistabbilixxu kontabbiltà u rapportar separati għall-implimentazzjoni tal-Garanzija tal-Ukrajna skont dan il-paragrafu;
 - (f) L-Artikolu 31 għandu japplika għall-proviżjonament tal-Garanzija tal-Ukrajna skont dan il-paragrafu. Il-proviżjonament għandu jintuża esklussivament għall-kopertura tat-telf fl-ambitu tal-Garanzija tal-Ukrajna. Il-proviżjonament stabbilit skont l-Artikolu 31(5) tar-Regolament (UE) 2021/947 ma għandux jintuża għall-kopertura tal-operazzjonijiet fl-ambitu tal-Garanzija tal-Ukrajna.
6. Il-kontroparti eliġibbli għandha tapprova l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment skont ir-regoli u l-proċeduri tagħha stess u f'konformità mal-ftehim ta' Garanzija tal-Ukrajna.
7. Il-perjodu massimu permess għall-kontropartijiet eliġibbli biex jiffirmaw kuntratti ma' intermedjarji finanzjarji jew riċevituri finali għandu jkun ta' tliet snin wara l-konklużjoni tal-ftehim rilevanti ta' Garanzija tal-Ukrajna, b'estensjonijiet possibbli meta jingħata ammont addizzjonali ta' garanzija u jiġi emendat il-ftehim ta' garanzija.
8. Il-Garanzija tal-Ukrajna tista' tkopri:
- (a) għall-istrumenti tad-dejn, il-kapital u l-imgħax u l-ammonti dovuti kollha lill-kontroparti eliġibbli magħżula, iżda li din ma tkunx irċeviet f'konformità mat-termini tal-operazzjonijiet ta' finanzjament wara li jkun seħħ każ ta' inadempjenza;
 - (b) għall-investimenti ta' ekwità, l-ammonti investiti u l-kostijiet ta' finanzjament assoċjat tagħhom;
 - (c) għall-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment l-oħra imsemmija fil-paragrafu 2, l-ammonti użati u l-kostijiet ta' finanzjament assoċjat tagħhom;
 - (d) l-ispejjeż u l-kostijiet ta' rkupru rilevanti kollha relatati ma' każ ta' inadempjenza, sakemm ma jkunux tnaqqsu mir-rikavati tal-irkupru.
9. Għall-finijiet tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni u tar-rapportar tagħha dwar ir-riskji koperti mill-Garanzija tal-Ukrajna, u skont l-Artikolu 209(4) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, il-kontropartijiet eliġibbli li magħhom ikun ġie konkluż ftehim ta' Garanzija tal-Ukrajna għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri kull sena r-rapporti finanzjarji dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment koperti minn dan ir-Regolament, awditjati minn awditur estern indipendenti, li fihom, fost l-oħrajn, informazzjoni dwar:
- (a) il-valutazzjoni tar-riskju tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment tal-kontropartijiet eliġibbli, inkluż informazzjoni dwar l-obbligi tal-Unjoni mkejla f'konformità mar-regoli ta' kontabbiltà msemmija fl-Artikolu 80 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 u l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku;
 - (b) l-obbligu finanzjarju pendenti għall-Unjoni, li jirriżulta mill-Garanzija tal-Ukrajna pprovduta lill-kontropartijiet eliġibbli u l-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment tagħhom, diżaggregati skont operazzjonijiet individwali.
10. Il-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 219(4) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 dwar il-kontribuzzjonijiet bir-riżorsi proprji għandha tapplika għal kull

kontroparti eliġibbli allokata b'garanzija baġitarja skont il-Qafas ta' Investiment għall-Ukrajna fuq bażi ta' portafoll.

10. Il-qafas tal-ġestjoni tar-riskju tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus+ imsemmi fl-Artikoli 33(7) u (8) tar-Regolament (UE) 2021/947 għandu japplika għall-Garanzija tal-Ukrajna. Il-profil tar-riskju ġenerali tal-operazzjonijiet koperti mill-Garanzija tal-Ukrajna jista' jkun differenti mill-profil tar-riskju ġenerali tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li r-riskju involut mill-operazzjonijiet garantiti ma jaqbiż il-kapaċità tal-baġit tal-Unjoni li jerfa' dawk ir-riskji kif determinat mir-riżorsi baġitarji disponibbli u r-rata ta' proviżjonament imsemmija fl-Artikolu 31 (1) ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 31 *Proviżjonament*

1. Ir-rata ta' proviżjonament għall-Garanzija tal-Ukrajna inizjalment għandha tkun ta' 70 %.

B'deroga mill-Artikolu 211(2), it-tieni sentenza tat-tieni subparagrafu tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, il-proviżjonament għandu jkun kostitwit sal-31 ta' Diċembru 2027 u jkun ugwali għall-ammont ta' proviżjonament li jikkorrispondi għall-garanzija mogħtija lill-Ukrajna u jista' jiġi kostitwit gradwalment biex jirrifletti l-progress fl-għażla u l-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment li jappoġġaw l-oġettivi tal-Faċilità.
2. Ir-rata ta' proviżjonament għandha tiġi rieżaminata mill-inqas kull sena mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 38 biex temenda r-rata ta' proviżjonament filwaqt li tapplika l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 211(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, u, fejn rilevanti, iżżid jew tnaqqas l-ammont massimu ta' garanzija msemmi fl-Artikolu 30(1) ta' dan ir-Regolament b'mhux aktar minn 30 %. Il-Kummissjoni tista' iżżid l-ammont massimu tal-garanzija biss jekk titnaqqas ir-rata ta' proviżjonament. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 30(3), il-Kummissjoni tista' tipprovdi li l-ammont miżjud tal-garanzija għandu jkun disponibbli għall-iffirmar tal-ftehimiet ta' garanzija gradwalment fuq tliet snin.
4. B'deroga mill-Artikolu 213 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, ir-rata ta' proviżjonament effettiva ma għandhiex tapplika għall-proviżjonament imwarra bil-Proviżjonament Komuni fir-rigward tal-Garanzija tal-Ukrajna.

KAPITOLU V

Pilastru III: Assistenza tal-Unjoni għall-adeżjoni u miżuri ta' appoġġ

Artikolu 32 *Assistenza tal-Unjoni għall-adeżjoni u miżuri ta' appoġġ*

1. L-assistenza skont dan il-Kapitolu għandha tappoġġa lill-Ukrajna biex tikseb l-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3. B'mod partikolari, l-assistenza pprovduta skont dan

il-Kapitolu għandu jkollha l-għan li tappoġġa l-allinjament progressiv tal-Ukrajna mal-acquis tal-Unjoni bil-ħsieb ta' sħubija futura fl-Unjoni, u b'hekk tikkontribwixxi għall-istabbiltà, is-sigurtà, il-paċi u l-prosperità reċiproċi. Tali appoġġ għandu jinkludi t-tisħiħ tal-istat tad-dritt, id-demokrazija, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, it-tisħiħ tal-effikaċja tal-amministrazzjoni pubblika u l-appoġġ għat-trasparenza, ir-riformi strutturali u l-governanza tajba fil-livelli kollha. Tali appoġġ jenħtieġ li jikkontribwixxi wkoll għall-implimentazzjoni tal-Pjan.

2. L-assistenza skont dan il-Kapitolu għandha tiġi pprovduta wkoll biex jiġi żgurat li jissaħħu l-kapaċitajiet tal-partijiet ikkonċernati, inklużi s-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali.
3. L-assistenza fl-ambitu ta' dan il-Kapitolu għandha tappoġġa wkoll miżuri u proċessi għall-bini tal-fiduċja li jippromwovu l-ġustizzja, it-tiftix tal-verità, ir-reparazzjoni kif ukoll il-ġbir ta' evidenza ta' delitti mwettqa matul il-gwerra. Il-finanzjament għal inizzjattivi u korpi involuti fl-appoġġ u l-infurzar tal-ġustizzja internazzjonali fl-Ukrajna jista' jiġi pprovdut fl-ambitu ta' dan il-Kapitolu.
4. L-assistenza skont dan il-Kapitolu għandha tappoġġa l-ħolqien u t-tisħiħ ta' awtoritajiet Ukreni li jkunu responsabbli biex jiggarrantixxu l-użu xieraq tal-fondi u l-ġlieda effettiva kontra l-ġestjoni ħażina tal-finanzjament pubbliku, b'mod partikolari l-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitt ta' interess u l-irregolaritajiet imġarrba fir-rigward ta' kwalunkwe ammont li jintefaq biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Faċilità.
5. Il-funzjonament tal-Bord ta' Verifika kif imsemmi fl-Artikolu 34 għandu jiġi ffinanzjat skont dan il-Kapitolu.
6. Is-sussidju tal-kostijiet tas-self kif imsemmi fl-Artikolu 22 għandu jiġi ffinanzjat skont dan il-Kapitolu.

KAPITOLU VI

Ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

Artikolu 33

Ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

1. Fl-implimentazzjoni tal-Faċilità, il-Kummissjoni u l-Ukrajna għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jiproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, filwaqt li jqisu l-prinċipju tal-proporzjonalità u l-kundizzjonijiet speċifiċi li skonthom se topera l-Faċilità, il-prekundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 5(1) u l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-ftehim qafas u fil-ftehimiet speċifiċi ta' finanzjament jew self, b'mod partikolari fir-rigward tal-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-korrezzjoni ta' frodi, korruzzjoni, kunflitti ta' interess u irregolaritajiet. L-Ukrajna għandha timpenja ruħha li tagħmel progress lejn sistemi ta' ġestjoni u kontroll effettivi u effiċjenti u tiżgura li l-ammonti mħallsa ħażin jew użati ħażin ikunu jistgħu jiġu rkuprati.
2. Il-ftehimiet imsemmija fl-Artikoli 9, 10 u 21 għandhom jipprevedu l-obbligi tal-Ukrajna li:
 - (a) tivverifika regolarment li l-finanzjament ipprovdut intuża f'konformità mar-regoli applikabbli, b'mod partikolari fir-rigward tal-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-korrezzjoni ta' frodi, korruzzjoni, kunflitti ta' interess u irregolaritajiet;

- (b) tieħu miżuri xierqa biex tipprevjeni, tidentifika u tikkoreġi l-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitti ta' interess u l-irregolaritajiet li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tevita finanzjament doppju u tieħu azzjonijiet legali biex tirkupra fondi li jkunu ġew miżapproprjati, inkluż fir-rigward ta' kwalunkwe miżura għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment skont il-Pjan għall-Ukrajna;
 - (c) takkumpanja talba għal pagament kif stabbilit fil-Kapitolu III b'dikjarazzjoni li l-fondi ntużaw f'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba u għall-iskop maħsub tagħhom u ġestiti b'mod xieraq b'mod partikolari f'konformità mar-regoli Ukreni kkomplementati minn standards internazzjonali, dwar il-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-korrezzjoni ta' irregolaritajiet, frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess;
 - (d) għall-fini tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, b'mod partikolari għall-kontrolli fuq l-użu tal-fondi fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti tal-Pjan għall-Ukrajna, tiżgura l-ġbir ta', *data* adegwata dwar persuni u entitajiet li jirċievu finanzjament għall-implimentazzjoni tal-miżuri tal-Pjan għall-Ukrajna, u l-aċċess għaliha, fl-ambitu tal-Kapitolu III tal-Faċilità;
 - (e) tawtorizza espressament lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-Qorti tal-Awdituri u, fejn applikabbli, lill-UPPE biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom kif previst fl-Artikolu 129(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, bl-applikazzjoni tal-prinċipju tal-proporzjonalità.
3. Il-Kummissjoni għandha tagħmel hilita biex tagħmel disponibbli għall-Ukrajna sistema integrata u interoperabbli ta' informazzjoni u monitoraġġ li tinkludi għodda unika għall-estrazzjoni tad-*data* u għall-valutazzjoni tar-riskju biex taċċessa u tanalizza d-*data* rilevanti, inkluża d-*data* elenkata fil-paragrafu 2(d). Fejn tali sistema tkun disponibbli, l-Ukrajna għandha tuża u ddaħħal id-*data* rilevanti fis-sistema, inkluż bl-appoġġ imsemmi fil-Kapitolu V.
 4. Il-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 9, 10 u 21 għandhom jipprevedu wkoll id-dritt tal-Kummissjoni li tnaqqas b'mod proporzjonat l-appoġġ ipprovdut fl-ambitu tal-Faċilità u li tirkupra kwalunkwe ammont minfuq biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Faċilità jew li titlob ripagament bikri tas-self, f'każijiet ta' irregolaritajiet, frodi, korruzzjoni, u kunflitti ta' interess li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni li ma jkunux ġew rettifikati mill-Ukrajna, jew ksur serju ta' obbligu li jirriżulta minn tali ftehimiet. Meta tkun qed tiddeċiedi dwar l-ammont tal-irkupru u t-tnaqqis, jew dwar l-ammont li għandu jitħallas lura kmieni, il-Kummissjoni għandha tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità u għandha tqis is-serjetà tal-irregolarità, tal-frodi, tal-korruzzjoni u l-kunflitt ta' interess li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, jew tal-ksur ta' obbligu. L-Ukrajna għandha tingħata l-opportunità li tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha qabel ma jsir it-tnaqqis jew qabel ma jintalab ir-ripagament bikri.
 5. Il-persuni u l-entitajiet li jimplimentaw il-fondi taħt il-Faċilità għandhom jirrapporstaw kwalunkwe każ suspettat jew reali ta' frodi, korruzzjoni, kunflitt ta' interess u irregolarità li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni mingħajr dewmien, lill-Bord tal-Verifika msemmi fl-Artikolu 34, lill-Kummissjoni u lill-OLAF.

Artikolu 34
Bord ta' Verifika

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Bord ta' Verifika qabel l-Ukrajna tippreżenta l-ewwel talba għa l-pagament.
 2. Il-Bord ta' Verifika għandu jkun magħmul minn membri indipendenti maħtura mill-Kummissjoni. Rappreżentanti tal-Istati Membri u donaturi oħra jistgħu jiġu mistiedna mill-Kummissjoni biex jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-Bord ta' Verifika.
 3. Il-Bord ta' Verifika għandu jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu f'oġġettività sħiħa u jopera f'konformità mal-aħjar prattiki u standards internazzjonali applikabbli. Għandu jagħxi mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni, l-OLAF, il-Qorti tal-Awdituri u, fejn applikabbli, l-UPPE.
 4. Il-Bord ta' Verifika għandu jiżgura li jkun hemm dialogu u kooperazzjoni regolari mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri.
 5. Fit-tweġġ tal-kompiti tagħhom, il-Bord ta' Verifika, il-membri tiegħu u l-persunal tiegħu la għandhom ifittxu u lanqas jieħdu struzzjonijiet mingħand xi gvern jew xi istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija. Għandhom japplikaw garanziji b'saħħithom ta' indipendenza għall-għażla tal-persunal, il-ġestjoni u l-baġit tiegħu.
 6. Il-Bord ta' Verifika għandu jassisti lill-Kummissjoni fil-ġlieda kontra l-ġestjoni ħażina tal-finanzjament tal-Unjoni fl-ambitu tal-Faċilità u, b'mod partikolari l-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitt ta' interess u l-irregolaritajiet li jitwettqu fir-rigward ta' kwalunkwe ammont li jintefaq biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Faċilità.
 7. Għal dan l-għan, il-Bord ta' Verifika għandu jirrapporta regolarment lill-Kummissjoni, u jibgħat lill-Kummissjoni mingħajr dewmien kull informazzjoni li jkiseb jew li jiġi mġarraf biha, dwar kull każ identifikat, jew tħassib serju fir-rigward ta' ġestjoni ħażina tal-finanzjament pubbliku mwettaq fir-rigward ta' kwalunkwe ammont li jintefaq biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Faċilità.
- Barra minn hekk, il-Bord ta' Verifika għandu jadotta rakkomandazzjonijiet lill-Ukrajna dwar il-każijiet kollha fejn, fil-fehma tiegħu, l-awtoritajiet kompetenti tal-Ukrajna ma jkunux hađu l-passi meħtieġa biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitt ta' interess u l-irregolaritajiet li affettwaw jew jirriskjaw serjament li jaffettwaw il-ġestjoni finanzjarja tajba tan-nefqa ffinanzjata mill-Faċilità u fil-każijiet kollha fejn jidentifika dgħufijiet li jaffettwaw it-tfassil u l-funzjonament tas-sistema ta' kontroll stabbilita mill-awtoritajiet Ukreni. L-Ukrajna għandha timplimenta tali rakkomandazzjonijiet, jew tipprovdi ġustifikazzjoni dwar għaliex ma għamlitx dan.
- Ir-rapporti tal-Bord ta' Verifika u l-informazzjoni mingħandu għandhom jintbagħtu wkoll lill-OLAF u jistgħu jiġu kondiviżi mal-awtoritajiet Ukreni rilevanti, speċjalment f'każ li jkollhom bżonn jieħdu passi biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitt ta' interessi u l-irregolaritajiet.
8. Il-Bord ta' Verifika għandu jkollu aċċess għal informazzjoni, bażijiet ta' *data* u reġistri meħtieġa biex iwettaq il-kompiti tiegħu. Il-Ftehim qafas imsemmi fl-Artikolu 9 għandu jiddefinixxi r-regoli u d-dettalji għall-aċċess għal informazzjoni rilevanti mill-Bord ta' Verifika u l-ġhoti ta' informazzjoni rilevanti mill-Ukrajna lill-Bord ta' Verifika.

9. Il-Bord ta' Verifika jista' jassisti lill-Kummissjoni biex tappoġġa lill-Ukrajna b'attivitajiet ta' bini tal-kapaċità fil-qasam tal-ġlieda kontra l-ġestjoni ħażina tal-finanzjament pubbliku.
10. Il-Funzjonament tal-Bord ta' Verifika għandu jkun iffinanzjat fl-ambitu tal-Kapitolu V.

KAPITOLU VII

Programmi ta' ħidma, monitoraġġ, rappurtar u evalwazzjoni

Artikolu 35

Programmi ta' ħidma

1. L-assistenza permezz tal-Faċilità għandha tiġi implimentata permezz tal-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39.
2. L-assistenza skont il-Kapitolu V tal-Faċilità tista' tiġi implimentata wkoll permezz ta' programmi ta' ħidma speċifiċi meta l-implimentazzjoni ta' din l-assistenza ma tkunx teħtieġ il-konklużjoni tal-ftehimiet imsemmija fl-Artikoli 9 u 10.

Artikolu 36

Monitoraġġ u rappurtar

1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-implimentazzjoni tal-Faċilità u tivvaluta jekk intlaħqux l-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3. Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni għandu jkun immirat u proporzjonat għall-attivitajiet imwettqin fl-ambitu tal-Faċilità.
2. Il-ftehimiet ta' finanzjament u l-ftehim ta' self imsemmija fl-Artikoli 10 u 21 għandhom jistabbilixxu regoli u modalitajiet biex l-Ukrajna tirrapporta lill-Kummissjoni għall-fini tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.
3. L-appoġġ tal-Unjoni pprovdut fl-ambitu tal-Qafas ta' Investiment tal-Ukrajna għandu jiġi rrapportat f'konformità mal-Artikolu 27(8).
4. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress biex jinkisbu l-oġettivi ta' dan ir-Regolament.
5. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi r-rapport msemmi fil-paragrafu 4 lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 39.

Artikolu 37

Evalwazzjoni tal-Faċilità

1. Wara l-31 ta' Diċembru 2027, iżda sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2031, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni *ex post* tar-Regolament. Din l-evalwazzjoni *ex post* għandha tivvaluta l-kontribut tal-Unjoni biex jinkisbu l-oġettivi ta' dan ir-Regolament.
2. Din l-evalwazzjonijiet *ex post* għandha tuża l-prinċipji ta' Prattika tajba tal-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp tal-OECD, u tfittex li taċċerta jekk ikunux intlaħqu l-

objettivi speċifiċi u ifformula rakkomandazzjonijiet bil-ħsieb li jitlejbu l-azzjonijiet futuri.

Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-konstatazzjonijiet u l-konklużjonijiet ta' din l-evalwazzjoni *ex post* flimkien mal-osservazzjonijiet u s-segwitu tagħha, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Istati Membri. Din l-evalwazzjoni *ex post* tista' tiġi diskussa b'talba tal-Istati Membri. Ir-riżultati għandhom jikkontribwixxu għat-tħejjija tal-programmi u azzjonijiet u l-allokazzjoni ta' riżorsi. Dawn l-evalwazzjonijiet u s-segwitu għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.

Il-Kummissjoni għandha, sa fejn ikun xieraq, tassoċja lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inkluż il-benefiċjarji, is-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali fil-proċess ta' evalwazzjoni tal-finanzjament mill-Unjoni pprovdut fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, u tista', fejn xieraq, tfittex li twestaq evalwazzjonijiet konġunti mal-Istati Membri u ma' sħab oħra bl-involvement mill-qrib tal-Ukrajna.

KAPITOLU VIII

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 38

Eżerċizzju ta' delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati għandha tkun mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemija fl-Artikolu 31 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn sebat ijiem wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
3. Id-delega ta' setgħat imsemija fl-Artikolu 31 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' xi att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 31 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jesprimux oġġezzjoni fi żmien xahar min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahar fuq inizzjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 39
Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 40
Informazzjoni, komunikazzjoni u viżibbiltà

1. Il-Kummissjoni tista' tinvolvi ruħha f'attivitajiet ta' komunikazzjoni biex tiżgura l-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni għall-appoġġ finanzjarju previst fil-Pjan għall-Ukrajna, inkluż permezz ta' attivitajiet konġunti ta' komunikazzjoni mal-Ukrajna. Il-Kummissjoni tista', kif xieraq, tiżgura li l-appoġġ fl-ambitu tal-Faċilità jiġi kkomunikat u rikonoxxut permezz ta' dikjarazzjoni ta' finanzjament.
2. Ir-riċevituri tal-finanzjament tal-Unjoni għandhom jirrikonoxxu l-oriġini u jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni, inkluż, fejn applikabbli, billi jesponu l-emblema tal-Unjoni u dikjarazzjoni xierqa dwar il-finanzjament li tkun tgħid "iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea – Faċilità tal-Ukrajna", b'mod partikolari meta jkun qed jippromwovu l-azzjonijiet u r-risultati tagħhom billi jipprovdu informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil diversi udjenzi inklużi lill-media u lill-pubbliku.
3. Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni relatati mal-Faċilità, mal-azzjonijiet meħuda fl-ambitu tal-Faċilità u mar-risultati miksuba. Ir-riżorsi finanzjarji allokati għall-Faċilità għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sakemm dawn ikunu relatati mal-oġettivi msemmijin fl-Artikolu 3.

Artikolu 41
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

1.4. Objettiv(i)

1.4.1. Objettiv(i) ġenerali

1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija

1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-“valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni” huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur li altrimenti kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi

1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħrajn

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni

1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

1.7. Metodu/i ta' implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

- 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i**
- 3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet**
 - 3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali*
 - 3.2.2. Output stmat iffinanzjat bl-appropriazzjonijiet operazzjonali*
 - 3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi*
 - 3.2.3.1. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani*
 - 3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*
 - 3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*
- 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul**

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Faċilità tal-Ukrajna

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Ir-relazzjonijiet tal-UE mal-bqija tad-dinja

1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

☒ azzjoni ġdida

☐ azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja²³

☐ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

☐ fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

1.4. Objettiv(i)

1.4.1. Objettiv(i) ġenerali

L-objettiv strateġiku tal-Faċilità tal-Ukrajna huwa li tipprovdi rispons ta' politika integrat u fuq terminu medju għall-ħtiġijiet ta' rkupru, rikostruzzjoni u modernizzazzjoni tal-Ukrajna, filwaqt li tappoġġa wkoll il-perkors tal-adeżjoni tal-Ukrajna.

Il-Faċilità hija mfassla bħala strument flessibbli, adattat għall-isfidi bla preċedent tal-appoġġ ta' pajjiż fi gwerra, filwaqt li tiżgura l-prevedibbiltà, it-trasparenza u r-responsabbiltà tal-fondi.

1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

Il-Faċilità se tappoġġa l-isforzi tal-Ukrajna biex tirkupra mill-impatti tal-gwerra, tibni mill-ġdid u timmodernizza l-pajjiż filwaqt li timplimenta riformi ewlenin fit-triq tal-adeżjoni tagħha mal-UE, bl-għan li tappoġġa t-tranżizzjoni tal-Ukrajna lejn ekonomija ekoloġika, diġitali u inklużiva li tkun allinjata progressivament mar-regoli u l-istandards tal-Unjoni.

1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

Huwa mistenni li l-appoġġ fl-ambitu tal-Faċilità jippermetti li l-Ukrajna timplimenta r-riformi u l-investimenti meħtieġa għall-irkupru, ir-rikostruzzjoni u l-modernizzazzjoni tagħha, iżżid ir-rata ta' tkabbir tal-ekonomija Ukrena u tgħin lill-pajjiż joħroġ aktar b'saħħtu wara l-gwerra. Huwa mistenni wkoll li jippromwovi l-konverġenza tal-Ukrajna mal-Unjoni.

1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

Indikaturi tal-output:

²³

Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

L-adozzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna mill-Kunsill;
Kontribuzzjoni finanzjarja globali allokata lill-pjanijiet;

Indikaturi tar-riżultati:

Implimentazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna;

Indikaturi tal-impatt:

L-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3, b'mod partikolari fir-rigward tal-irkupru, ir-rikostruzzjoni u l-modernizzazzjoni, kif ukoll l-allinjament tal-Ukrajna mal-acquis tal-Unjoni, u l-oġettivi stabbiliti fil-Pjan għall-Ukrajna, li jintlaħqu, fost l-oħrajn, minħabba l-appoġġ finanzjarju li tirċievi.

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettalljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kkawżat ħsara estensiva lill-infrastruttura u lis-servizzi madwar l-Ukrajna. Il-kriżi umanitarja li rriżultat spustat miljuni ta' Ukreni minn djarhom u ħalliet ħafna fi bżonn iddisprat ta' ikel, kenn u assistenza medika.

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-“valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni” huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur li altrimenti kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.

L-azzjoni fil-livell tal-Unjoni hija meħtieġa biex tinkiseb rikostruzzjoni rapida u robusta tal-Ukrajna, u biex jiġu appoġġati l-investimenti meħtieġa għall-bini mill-ġdid tal-pajjiż u r-riformi li se jrawmu t-triq tal-adeżjoni tal-Ukrajna mal-UE. Id-daqs tad-danni kkawżati lill-Ukrajna mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja huwa tali li l-Ukrajna se tirrikjedi appoġġ estern estensiv u sostnut li l-ebda Stat Membru, jew donatur wieħed, ma jista' jipprovdi waħdu. L-Unjoni tinsab f'pożizzjoni unika li tipprovdi assistenza esterna pluriennali lill-Ukrajna b'mod f'waqtu, kkoordinat u prevedibbli. L-Unjoni tista' tingrana l-kapaċità ta' self tagħha biex isellef lill-Ukrajna b'termini vantaġġjużi u tkopri l-kostijiet tar-rati tal-imgħax, kif ukoll tipprovdi għotjiet u garanziji f'perspettiva pluriennali.

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi

Filwaqt li l-Faċilità hija fil-bieċa l-kbira strument bla preċedent imfassal biex iwieġeb għal sitwazzjoni speċifika li qed jiffaċċja pajjiż fi gwerra, li huwa pajjiż ġar tal-Unjoni kif ukoll huwa kandidat għal sħubija fl-Unjoni, il-Faċilità proposta tibni fuq l-esperjenza tal-appoġġ tal-passat u dak attwali pprovdut lill-Ukrajna u lil pajjiżi terzi oħra, kif ukoll fuq it-tagħlimiet meħuda mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li ġiet stabbilita fl-2020, filwaqt li tqis iċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-Ukrajna bħala pajjiż fi gwerra.

1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħrajn

Il-Faċilità proposta għandha l-għan li tghamar lill-Unjoni bi strument legali li jippermettilha tiżgura approċċ integrat u konsistenti għall-appoġġ tal-Ukrajna. Dan l-istrument integrat uniku se jinkludi u b'hekk jissostitwixxi l-appoġġ bilaterali

eżistenti pprovdut lill-Ukrajna permezz ta' strumenti separati (Assistenza makrofinanzjarja +, NDICI) filwaqt li jipprovdi appoġġ li l-Ukrajna, bħala pajjiż kandidat, normalment tirċievi taħt l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni. Dan se jtejjeb il-koerenza, l-effettività, l-effiċjenza u l-valur miżjud tal-UE tal-appoġġ tal-Unjoni lill-Ukrajna. Dan se jikkontribwixxi għall-ingranaġġ tal-użu tal-fondi tal-Unjoni u biex tiġi evitata d-duplikazzjoni.

Din il-proposta leġiżlattiva ġdida għall-Faċilità tal-Ukrajna hija akkumpanjata minn proposta għal Regolament tal-Kunsill COM (2023) 337, li jemenda r-Regolament 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) għas-snin mill-2021 sal-2027 (ara t-taqsimiet 1.5.5 u 3.2.4).

L-ammont globali tal-Faċilità propost fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-QFP għandu jiġi pprovdut permezz ta' self, appoġġ mhux ripagabbli, u proviżjonament għall-garanziji baġitarji. L-ammont għajr fil-forma ta' self għandu jiġi deċiż mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew bħala parti mill-proċedura baġitarja annwali. L-ammont globali ta' żborżamenti tas-self se jqis l-ammonti disponibbli għall-forom l-oħra kollha ta' appoġġ u l-ammont massimu globali ta' EUR 50 biljun għall-2024-2027.

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni

Il-baġit tal-Unjoni pprova appoġġ tremend permezz ta' flessibbiltajiet u prijoritizzazzjoni mill-ġdid, iżda l-QFP 2021-2027 ma kienx imfassal biex jindirizza l-konsegwenzi ta' gwerra fl-Ewropa. Il-ħtiġijiet ta' likwidità tal-Ukrajna għall-istabbiltà makrofinanzjarja għadhom għoljin, u l-investiment fl-irkupru u r-rikostruzzjoni rapidi tal-Ukrajna ma jistax jistenna sakemm tintemm il-gwerra. Jenħtieġ li l-Unjoni tkun f'pożizzjoni li tipprovdi appoġġ għall-ħtiġijiet li qed jevolvu, bil-kapaċità li taġġusta u żżid il-forom ta' appoġġ maż-żmien. Is-sostenn tal-attività ekonomika u l-bini mill-ġdid tal-infrastruttura bażika jiġġeneraw l-impjiegi u d-dħul, jagħtu lir-refuġjati perspettiva li jirritornaw lura d-dar, iżidu d-dħul għall-baġit tal-istat, jattiraw l-investiment tas-settur privat u, fl-aħħar mill-aħħar, inaqqsu l-volum ta' assistenza internazzjonali meħtieġa.

Biex tipprovdi għall-irkupru tal-Ukrajna fuq terminu qasir kif ukoll għar-rikostruzzjoni fit-tul, il-Kummissjoni tipproponi li tistabbilixxi l-Faċilità tal-Ukrajna. L-appoġġ se jingħata fil-forma ta' appoġġ ripagabbli (self) u mhux ripagabbli u proviżjonament għal garanziji baġitarji.

Il-Faċilità se tiġi ffinanzjata minn self garantit lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP kif ukoll strument speċjali ġdid lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP, ir-Riżerva tal-Ukrajna, bħala parti mill-emenda għar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093²⁴. Ir-Riżerva tal-Ukrajna tista' tappoġġa n-nefqa kollha għajr fil-forma ta' self, inkluż appoġġ mhux ripagabbli, għotjiet u proviżjonament għall-garanziji. L-emenda għar-Regolament QFP tistabbilixxi wkoll li r-Riżerva tal-Ukrajna għandu jkollha l-għan li tipprovdi mill-inqas EUR 2,5 biljun fi prezzijiet attwali bħala ammont indikattiv annwali.

L-Istati Membri, il-pajjiżi terzi, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali jew sorsi oħra jistgħu jipprovdu kontribuzzjonijiet

²⁴

COM(2023) 337 final

finanzjarji addizzjonali lill-Faċilità, li se jikkostitwixxu dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2), il-punti (a)(ii), (d), u (e) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046. Ammonti addizzjonali riċevuti bħala dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 skont l-atti legali rilevanti tal-Unjoni fir-rigward ta' miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna se jiġdiedu mar-riżorsi tal-Faċilità.

1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

☐ **żmien limitat**

- ☐ fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS
- ☒ Impatt finanzjarju mill-2024 sal-2027 għal approprjazzjonijiet ta' impenn u mill-2024 għal approprjazzjonijiet ta' pagament.

☒ **żmien mhux limitat**

- Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,
- segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Metodu/i ta' implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)²⁵

☒ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

- ☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;
- ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☒ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

- ☐ lil pajjiżi terzi jew lil korpi nnominati minnhom;
- ☐ lil organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);
- ☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investment;
- ☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;
- ☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;
- ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati;
- ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati;
- ☐ lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.
- *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, jekk jogħġbok ipprova d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

L-Artikolu 8 jagħti dettalji dwar il-forom ta' implimentazzjoni għall-pilastru tal-Faċilità, jiġifieri ġestjoni diretta u indiretta f'konformità mar-Regolament Finanzjarju.

²⁵ Id-dettalji tal-metodi ta' implimentazzjoni tal-baġit u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinstabu fis-sit tal-BUDGpedia: <https://myintracomm.ec.europa.eu/corp/budget/financial-rules/budget-implementation/Pages/implementation-methods.aspx>

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Se jiġu definiti indikaturi speċifiċi fil-Pjan għall-Ukrajna, sabiex l-issodisfar tal-kundizzjonijiet marbuta mal-appoġġ fl-ambitu tal-Pilastru I ikun jista' jiġi mmonitorjat. Fl-ambitu tal-Pilastru I tal-Faċilità, l-Ukrajna se tippreżenta, skont skeda fissa trimestrali, talba debitament ġustifikata għall-ħlas tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli u tas-self, li tistabbilixxi kif inkiseb l-issodisfar sodisfaċenti ta' dawk il-kundizzjonijiet, abbażi ta' indikaturi identifikati fid-Deċiżjoni li tapprova l-Pjan.

Fl-ambitu tal-Pilastru II tal-Faċilità, il-Kummissjoni se tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tal-appoġġ ipprovdut f'konformità mal-Artikoli 41(4) u (5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046. Għal dak l-għan, kull kontroparti tal-Garanzija tal-Ukrajna u kull entità fdata li timplimenta l-istrumenti finanzjarji jipprovdut fuq bażi annwali l-informazzjoni meħtieġa biex il-Kummissjoni tkun tista' tikkonforma mal-obbligi tagħha ta' rapportar.

Il-Kummissjoni se tirrapporta kull sena lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, u lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 39 dwar l-implimentazzjoni tal-fondi pprovduti fl-ambitu tal-Faċilità.

Il-Kummissjoni se twettaq ukoll evalwazzjoni *ex post* tar-Regolament.

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. *Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

Il-Faċilità se tiġi implimentata b'ġestjoni diretta. Filwaqt li l-Pilastru II se jiġi implimentat prinċipalment b'ġestjoni indiretta (permezz ta' ftehimiet ta' garanzija konklużi ma' istituzzjonijiet finanzjarji vvalutati mill-pilastru), u l-Pilastru III permezz ta' taħlita ta' ġestjoni diretta (eż. għotja, inkluż il-ġemellaġġ u l-akkwist) u ġestjoni indiretta (permezz ta' kooperazzjoni ma' entitajiet ivvalutati mill-pilastru), il-mod ewlieni ta' ġestjoni għall-Pilastru I se jkun ġestjoni diretta bi trasferiment dirett ta' fondi lill-Baġit tal-Istat tal-Ukrajna.

L-istrateġija ta' kontroll se tiġi adattata għall-implimentazzjoni taħt kull wieħed minn dawn il-pilastri bl-użu ta' monitoraġġ, evalwazzjoni u awditi.

Se tingħata attenzjoni speċjali lill-implimentazzjoni mill-Ukrajna tal-fondi magħmula disponibbli taħt il-Pilastru I. Il-ħlasijiet se jseħħu skont skeda fissa trimestrali, ibbażata fuq talbiet għal pagament ippreżentati mill-Ukrajna u wara verifika mill-Kummissjoni tal-issodisfar tal-kundizzjonalitajiet rilevanti. Il-frekwenza trimestrali tat-twieqi tal-pagamenti se tiżgura kemm il-prevedibbiltà tal-appoġġ lill-Ukrajna kif ukoll djalogu ta' politika kostanti bejn il-Kummissjoni u l-Ukrajna.

L-istruttura b'diversi saffi tal-mekkaniżmi ta' kontroll fis-seħħ (ara wkoll it-taqsimha 2.3) tipprovdut qafas integrat biex jiġi żgurat li l-miżuri xierqa kollha għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni jkun fis-seħħ. Dan se jiggarantixxi li jitqies il-prinċipju tal-proporzjonalità u l-kundizzjonijiet speċifiċi li skonthom se topera l-Faċilità.

2.2.2. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

Ir-riskju ewlieni identifikat b'rabta mal-finanzjament huwa relatat man-nuqqas ta' kisba tal-kundizzjonijiet assoċjati mal-iżborż tal-finanzjament.

Il-miżuri li se jiġu implimentati biex jiġi mmitigat dan ir-riskji huma dawn li ġejjin:

- valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-issodisfar tal-kundizzjonijiet rilevanti qabel l-iżborż tal-fondi, bil-possibbiltà li l-fondi jinżammu lura;
- tnaqqis tal-appoġġ ipprovdut, jew irkupru ta' kwalunkwe ammont minfuq biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Faċilità, f'każijiet ta' irregolaritajiet, frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni li ma ġewx ikkoreġuti mill-Ukrajna, jew ta' ksur serju ta' obbligu li jirriżulta mill-ftehimiet konklużi mal-Ukrajna
- sospensjoni tal-finanzjament f'każ li l-Ukrajna tonqos milli tissodisfa l-prekundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 5.

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-ġheluq)*

Il-kontribuzzjoni finanzjarja se tiġi pprovduta lill-Ukrajna fil-forma ta' finanzjament mhux marbut mal-kost imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 125(1) tar-Regolament Finanzjarju.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.

Il-proposta fiha dispożizzjonijiet speċifiċi għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Il-Faċilità se tkun mgħammra b'sistema b'saħħitha ta' awditjar u kontrolli stabbilita f'mekkaniżmu b'diversi saffi: l-ewwel nett, ir-riforma tas-sistemi ta' awditjar u kontroll tal-Istat tal-Ukrajna se tkun meħtieġa bħala parti mir-riformi skont il-Pjan għall-Ukrajna; it-tieni, il-Kummissjoni se tkun tista' twettaq kontrolli tal-implimentazzjoni tal-fondi minfuqa b'rabta mal-Pjan fi kwalunkwe mument taċ-ċiklu tal-proġett; it-tielet, Bord tal-Verifika indipendenti se jirrapporta lill-Kummissjoni dwar ġestjoni ħażina possibbli tal-fondi taħt il-Faċilità kollha.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Il-qafas finanzjarju pluriennali - l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwati

- Linji baġitarji ġodda mitluba

Lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff.	mill-pajjiżi tal-EFTA	minn pajjiżi kandidati jew minn kandidati potenzjali	minn pajjiżi terzi oħra	dħul assenjat ieħor
O	16.0106- Nefqa ta' appoġġ għall-Faċilità tal-Ukrajna	AMD	IVA	p.m.	IVA	IVA
O	16.06 - Faċilità tal-Ukrajna	AD	IVA	p.m.	IVA	IVA

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Faċilità tal-Ukrajna - finanzjament indikattiv ogħla mil-limiti* (f'miljuni ta' EUR)

Tip ta' appoġġ	2024	2025	2026	2027	Total
Mhux ripagabbli (għotjiet)	4,250	4,250	4,250	4,250	17,000
<i>li minnhom il-Pilastru I</i>	<i>1,500</i>	<i>1,500</i>	<i>1,500</i>	<i>1,500</i>	<i>6,000</i>
<i>li minnhom il-Pilastru II</i>	<i>2,000</i>	<i>2,000</i>	<i>2,000</i>	<i>2,000</i>	<i>8,000</i>
 <i>il-minnhom il-Pilastru III</i>	 <i>625</i>	 <i>625</i>	 <i>625</i>	 <i>625</i>	 <i>2,500</i>
<i>li minnhom appoġġ amministrattiv (ammont massimu)</i>	<i>125</i>	<i>125</i>	<i>125</i>	<i>125</i>	<i>500</i>
Self għal (Pilastru I biss)	8,250	8,250	8,250	8,250	33,000
Total**	12,500	12,500	12,500	12,500	50,000

*Id-distribuzzjoni annwali u ġenerali tal-appoġġ mhux ripagabbli u tas-self hija purament indikattiva u għal skopijiet illustrattivi biss. Id-distribuzzjoni effettiva se tkun suġġetta għad-deċiżjonijiet annwali.

** It-Tabella tassumi appropriazzjonijiet ta' impenn ugwali għall appropriazzjonijiet ta' pagament. Dan huwa għal skopijiet illustrattivi biss. Il-kalibrazzjoni effettiva tat-tnejn se tiġi vvalutata kull sena abbażi tal-ħtiġijiet.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	7	“Nefqa amministrattiva”
--	----------	-------------------------

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL
DĠ: NEAR						
○ Riżorsi umani		2,453	2,453	2,453	2,453	9,811
○ Nefqa amministrattiva oħra		0,238	0,238	0,238	0,238	0,952
TOTAL DĠ NEAR	Appropriazzjonijiet	2,691	2,691	2,691	2,691	10,763

TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt I-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total ta' impenji = Total ta' pagamenti)	2,691	2,691	2,691	2,691	10,763
---	---	--------------	--------------	--------------	--------------	---------------

3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena 2024 ²⁶	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL
--	----------------------------	--------------	--------------	--------------	-------

INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali					
Riżorsi umani	2,453	2,453	2,453	2,453	9,811
Nefqa amministrattiva oħra	0,238	0,238	0,238	0,238	0,952
Subtotal tal- INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	2,691	2,691	2,691	2,691	10,763

Barra mill- INTESTATURA 17²⁷ tal-qafas finanzjarju pluriennali					
Riżorsi umani	16,224	16,224	16,224	16,224	64,896
Spiża oħra ta' natura amministrattiva	26,970	26,970	26,970	26,970	107,880
Subtotal barra mill- INTESTATURI 1-7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	43,194	43,194	43,194	43,194	172,776

TOTAL	45,885	45,885	45,885	45,885	183,538
--------------	---------------	---------------	---------------	---------------	----------------

L-appropriazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-appropriazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

²⁶ Is-Sena 2024 hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva.

²⁷ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

3.2.3.1. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani.
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time

	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027
○ Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)				
20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	11	11	11	11
20 01 02 03 (Delegazzjonijiet)	2	2	2	2
01 01 01 01 (Riċerka indiretta)				
01 01 01 11 (Riċerka indiretta)				
Linji baġitarji oħra (speċifika)				
○ Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full-Time: FTE)²⁸				
20 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali")				
20 02 03 (AC, AL, END, INT u JPD fid-delegazzjonijiet)				
16.0106- Nefqa ta' appoġġ għall-Faċilità tal-Ukrajna ²⁹	- fil-Kwartieri Ġenerali	68	68	68
	- f'Delegazzjoni	54	54	54
Linji baġitarji oħra (speċifika)				
TOTAL	135	135	135	135

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazżjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazżjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju	L-FTEs se jaħdmu fuq l-iżvilupp tal-politika, kwistjonijiet legali, b'enfasi partikolari fuq kwistjonijiet ta' akkwist, ġestjoni finanzjarja, ġestjoni tal-kuntratti, awditjar u evalwazzjoni.
Persunal estern	L-FTEs se jaħdmu fuq l-iżvilupp tal-politika, kwistjonijiet legali, b'enfasi partikolari fuq kwistjonijiet ta' akkwist, ġestjoni finanzjarja, ġestjoni tal-kuntratti, awditjar u evalwazzjoni.

²⁸ AC = Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondar; INT = Persunal tal-Aġenzji; JPD = Professjonisti Subalterni f'Delegazzjonijiet.

²⁹ Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali tal-Faċilità tal-Ukrajna(li qabel kienu l-linji "BA").

3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta/L-inizjattiva:

- ☐ tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP).

Spjega liema riprogrammazzjoni hija meħtieġa, filwaqt li tispjefika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. Ipprovdi tabella Excel f'każ ta' riprogrammazzjoni kbira.

- ☐ teħtieġ l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali ddefiniti fir-Regolament dwar il-QFP.

Spjega x'inhum meħtieġ, billi tispjefika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati, l-ammonti korrispondenti, u l-istrumenti proposti li għandhom jintużaw.

- ☒ teħtieġ reviżjoni tal-QFP.

Din il-proposta leġiżlattiva għida għall-Faċilità tal-Ukrajna hija akkumpanjata minn proposta għal Regolament tal-Kunsill COM (2023) 337, li jemenda r-Regolament 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) għas-snin mill-2021 sal-2027. L-emenda ta' dak ir-Regolament hija meħtieġa biex a) tiġi stabbilita r-Riżerva tal-Ukrajna għall-2024-2027 biex tipprovdi finanzjament lil din il-Faċilità b'appoġġ f'forom oħra għajr self kif ukoll b) biex tiġi pprovduta garanzija mill-baġit tal-UE għall-appoġġ fil-forma ta' self. Iż-żewġ tipi ta' appoġġ jitqiesu lil hinn mil-limiti massimi tan-nefqa tal-QFP.

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/L-inizjattiva:

- ☒ ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi
- ☐ tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approporzjonijiet f'miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

3.3. **Impatt stmat fuq id-dħul**

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- ☒ Il-proposta/L-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - ☐ fuq ir-riżorsi proprji
 - ☒ fuq dħul ieħor
 - indika, jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa ☒

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approporzjazzjo nijiet disponibbli għas-sena finanzjarja kurrenti	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva ³⁰				
		Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)

³⁰

Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara li jitnaqqsu 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.

Artikolu		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.
----------------	--	------	------	------	------	------	------	------